Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/0236(COD)

11.7.2025

EMENDI
1 - 300

Abbozz ta' rapport
André Rodrigues
Emenda tar-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward tas-sistema tal-kundizzjonalità, it-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagament dirett, it-tipi ta' intervent f'ċerti setturi u fl-iżvilupp rurali u r-rapporti annwali tal-prestazzjoni, u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward tal-governanza tad-data u l-interoperabbiltà, is-sospensjonijiet tal-pagamenti marbuta mal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni u l-kontrolli u l-penali

Proposta għal regolament
(COM(2025)0236 – 2025/0236(COD))

AM_Com_LegReport

Emenda 1
Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fil-Komunikazzjonijiet tagħha "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE"[3] u "Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni"[4], il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività, titrawwem l-innovazzjoni, u jiġi appoġġat it-tkabbir madwar l-Unjoni kollha, li s-simplifikazzjoni u t-tnaqqis fil-piż amministrattiv huma fatturi kritiċi ewlenin tagħhom. Għalhekk jeħtieġ jiġu indirizzati l-piżijiet regolatorji għaljin, il-kumplessitajiet tal-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha, inkluż ir-rapportar eċċessiv, filwaqt li tingħata attenzjoni għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-entitajiet żgħar u medji.	(1) Fil-Komunikazzjonijiet tagħha "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE"[3] u "Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni"[4], il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività, titrawwem l-innovazzjoni, u jiġi appoġġat it-tkabbir madwar l-Unjoni kollha, li s-simplifikazzjoni u t-tnaqqis fil-piż amministrattiv huma fatturi kritiċi ewlenin tagħhom. Għalhekk jeħtieġ jiġu indirizzati l-piżijiet regolatorji għaljin, il-kumplessitajiet tal-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha, inkluż ir-rapportar eċċessiv, filwaqt li tingħata attenzjoni għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-entitajiet żgħar u medji ***waqt li jiġi żgurat li l-UE tilħaq l-objettivi ambjentali u klimatiċi maqbula tagħha***.
[3] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE", 29.1.2025, COM(2025) 30 final.	[3] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE", 29.1.2025, COM(2025) 30 final.
[4] "Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni", il-Kummissjoni Ewropea 2024-2029, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52025DC0047.	[4] "Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni", il-Kummissjoni Ewropea 2024-2029, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52025DC0047.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li huwa importanti li titnaqqas il-burokrazija fil-Politika Agrikola Komuni, jeħtieġ li

l-UE tiżgura li l-passi possibbli ta' simplifikazzjoni ma jipperikolawx l-għanijiet ambjentali u klimatiċi tagħna.

Emenda 2
Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Biex jiġi żgurat li l-PAK tibqa' allinjata mal-impenji ġenerali tal-Unjoni dwar l-ambjent, il-klima u l-benesseri tal-annimali, filwaqt li jippermetti simplifikazzjoni amministrattiva fejn xieraq, dan ir-regolament jirrispetta parzjalment l-objettivi ta' politika ewlenin li jirriflettu l-Viżjoni tal-UE għall-Agrikoltura u l-Ikel (2025-2029) u l-konklużjonijiet tad-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura tal-UE. Is-simplifikazzjoni jenħtieġ li ma tissarrafx f'deregolamentazzjoni jew fl-abbandun tal-għanijiet essenzjali. Minkejja l-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, tat-telf tal-bijodiversità u tat-tniġġis, l-agrikoltura trid tibqa' lieva ċentrali għas-sostenibbiltà. Fid-dawl tal-konferma minn Copernicus li l-2024 kienet ikkaratterizzata minn żieda medja fit-temperatura ta' 1,6 °C ogħla mil-livelli preindustrijali, b'konsegwenzi gravi għall-produttività agrikola, l-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-ikel u l-introjti tal-bdiewa, il-PAK jenħtieġ li ma taqax taħt il-livell ta' ambizzjoni diġà definit fl-istrateġiji attwali tal-UE. Jenħtieġ li tirrispetta l-għanijiet ewlenin tar-reżiljenza, is-sostenibbiltà u l-etika bħala essenzjali għas-salvagwardja tal-futur agroalimentari tal-Ewropa fi ħdan il-limiti tal-pjaneta kif ukoll il-fiduċja taċ-ċittadini.

Or. en

Emenda 3
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Sabiex tinkiseb l-effettività tal-PAK fl-ilħuq tal-għanijiet oriġinali tagħha li jwasslu għal koerenza politika ġenerali, is-simplifikazzjoni jenħtieġ li ma tinvolvix livell imnaqqas ta' ambizzjoni fir-rigward tal-għanijiet tal-UE dwar il-klima u l-bijodiversità, filwaqt li tippermetti b'mod effettiv is-simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi.

Or. en

Emenda 4
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Ir-rispons u l-esperjenza mis-sentejn ta' implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont il-qafas legali attwali tal-Unjoni tal-PAK jindikaw li hemm bżonn aktar aġġustamenti limitati f'dik il-leġiżlazzjoni biex jiġu indirizzati l-konġestjonijiet u l-kumplessitajiet identifikati. Dawn jinkludu l-fatt li ***ċerti*** ċirkostanzi, prattiki u ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti gruppi ta' ***azjendi agrikoli***, fosthom ***l-azjendi agrikoli*** organiċi, żgħażagħ ***u żgħar*** li jrabbu l-bhejjem, għadhom ma ġewx ikkunsidrati biżżejjed fil-qafas legali tal-Unjoni tal-PAK, u dan ma jippermettix lill-Istati Membri jaġġustaw id-diversi strumenti għaċ-ċirkostanzi, il-ħtiġijiet u l-	(4) Ir-rispons u l-esperjenza mis-sentejn ta' implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont il-qafas legali attwali tal-Unjoni tal-PAK jindikaw li hemm bżonn aktar aġġustamenti limitati f'dik il-leġiżlazzjoni biex jiġu indirizzati l-konġestjonijiet u l-kumplessitajiet identifikati. Dawn jinkludu l-fatt li ċirkostanzi, prattiki u ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti gruppi ta' ***bdiewa***, fosthom ***il-bdiewa*** organiċi, żgħażagħ***, f'żoni muntanjużi, b'azjendi agrikoli żgħar, u l-bdiewa*** li jrabbu l-bhejjem, għadhom ma ġewx ikkunsidrati biżżejjed fil-qafas legali tal-Unjoni tal-PAK, u dan ma jippermettix lill-Istati Membri jaġġustaw id-diversi

prattiki speċifiċi ta’ dawk ***l-azjendi agrikoli***. Barra minn hekk, ċerti opportunitajiet ta’ simplifikazzjoni fil-PAK, bħal pereżempju li jintużaw somom f’daqqa jew alternattivi tal-kostijiet issimplifikati, ma jinħatfux biżżejjed minħabba l-kumplessitajiet fl-implimentazzjoni u l-ġestjoni tagħhom. Dan jista’ jwassal għal rekwiżiti li jikkoinċidu jew li jkunu ambigwi ***għall-azjendi agrikoli***, jikkumplika l-aċċess ***tal-azjendi agrikoli*** għall-appoġġ***,*** u jxekkel l-opportunitajiet ta’ żvilupp tan-negozju ***għall-azjendi agrikoli***, inkluż għall-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda. Hemm ukoll ċerti riġiditajiet fir-regoli li qed iħallu impatt fuq kif l-Istati Membri jimmaniġġjaw u jemendaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u jissodisfaw l-obbligi tar-rapportar tagħhom. Fl-aħħar nett, hemm bżonn ikompli jittaffa l-piż taż-żjarat u l-kontrolli fuq il-post kemm ***għall-azjendi agrikoli*** kif ukoll għall-korpi amministrattivi, b’mod partikolari billi jitħaddmu metodoloġiji aktar effiċjenti għall-valutazzjonijiet tal-kwalità u l-kontrolli tal-kundizzjonalità tas-Sistema Integrata tal-Amministrazzjoni u l-Kontroll (SIAK). Jekk jingħelbu dawn il-konġestjonijiet u riġiditajiet, dan jgħin lill-Istati Membri biex jużaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ħalli jimmassimizzaw l-opportunitajiet għall-ġid ***tal-azjendi agrikoli*** u benefiċjarji oħra tal-PAK, inaqqsu l-piż amministrattiv u l-kumplessità, u jużaw aħjar ir-riżorsi skarsi.	strumenti għaċ-ċirkostanzi, il-ħtiġijiet u l-prattiki speċifiċi ta’ dawk ***il-bdiewa***. Barra minn hekk, ċerti opportunitajiet ta’ simplifikazzjoni fil-PAK, bħal pereżempju li jintużaw somom f’daqqa jew alternattivi tal-kostijiet issimplifikati, ma jinħatfux biżżejjed minħabba l-kumplessitajiet fl-implimentazzjoni u l-ġestjoni tagħhom. Dan jista’ jwassal għal rekwiżiti li jikkoinċidu jew li jkunu ambigwi ***għall-bdiewa***, ***u speċjalment għall-bdiewa b’azjendi agrikoli żgħar,*** jikkumplika l-aċċess ***tal-bdiewa*** għall-appoġġ***,*** u jxekkel l-opportunitajiet ta’ żvilupp tan-negozju ***għall-bdiewa***, inkluż għall-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda. Hemm ukoll ċerti riġiditajiet fir-regoli li qed iħallu impatt fuq kif l-Istati Membri jimmaniġġjaw u jemendaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u jissodisfaw l-obbligi tar-rapportar tagħhom. Fl-aħħar nett, hemm bżonn ikompli jittaffa l-piż taż-żjarat u l-kontrolli fuq il-post kemm ***għall-bdiewa*** kif ukoll għall-korpi amministrattivi, b’mod partikolari billi jitħaddmu metodoloġiji aktar effiċjenti għall-valutazzjonijiet tal-kwalità u l-kontrolli tal-kundizzjonalità tas-Sistema Integrata tal-Amministrazzjoni u l-Kontroll (SIAK). Jekk jingħelbu dawn il-konġestjonijiet u riġiditajiet, dan jgħin lill-Istati Membri biex jużaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ħalli jimmassimizzaw l-opportunitajiet għall-ġid ***tal-bdiewa*** u benefiċjarji oħra tal-PAK, inaqqsu l-piż amministrattiv u l-kumplessità, u jużaw aħjar ir-riżorsi skarsi.

Or. ro

Emenda 5
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-Artikolu 4(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/2115 jistabbilixxi li, meta żona agrikola tintuża bħala bur u ma tkunx ġiet inkluża fin-newba tal-għelejjel għal ħames snin jew aktar, din trid titqies bħala bur permanenti. Madanakollu, xi sistemi tal-biedja jinvolvu newba tal-għelejjel f'raba' li jinħadem, fejn il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor ma ***jkunux ġew inklużi*** fin-newba tal-għelejjel għal perjodi itwal minn ħames snin, iżda fejn dawn iż-żoni ma jinħartux biex jibqgħu raba' li jinħadem. Minħabba f'hekk, ***l-azjendi agrikoli tal-Istati*** Membri li japplikaw sistemi tal-biedja bħal dawn, qed isibu diffikultajiet fil-ġestjoni tan-newba agronomika tagħhom u biex jibqgħu vijabbli filwaqt li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-implimentazzjoni tal-Istandard tal-KAAT 1. Barra minn hekk, l-użu ta' newba tal-għelejjel itwal bil-bwar jista' jġib benefiċċji sinifikanti f'termini tal-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema, filwaqt li jagħtu flessibbiltà akbar ***lill-azjendi agrikoli*** fil-ġestjoni agronomika tagħhom. Għalhekk, biex jiġu promossi tali prattiki agronomiċi flessibbli u sostenibbli għall-ġestjoni tal-bwar, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jestendu l-perjodu li jiddetermina l-klassifikazzjoni ta' żona bħala bur permanenti minn ***ħamsa*** snin għal ***seba'*** snin. Għalhekk, l-Artikolu 4(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/2115 jenħtieġ li jiġi emendat.	(5) L-Artikolu 4(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/2115 jistabbilixxi li, meta żona agrikola tintuża bħala bur u ma tkunx ġiet inkluża fin-newba tal-għelejjel ***tal-azjenda*** għal ħames snin jew aktar, din trid titqies bħala bur permanenti. Madanakollu, xi sistemi tal-biedja jinvolvu newba tal-għelejjel f'raba' li jinħadem, fejn il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor ma ***jkunx ġie inkluż*** fin-newba tal-għelejjel għal perjodi itwal minn ħames snin, iżda fejn dawn iż-żoni ma jinħartux biex jibqgħu raba' li jinħadem. Minħabba f'hekk, ***il-bdiewa fl-Istati*** Membri li japplikaw sistemi tal-biedja bħal dawn, qed isibu diffikultajiet fil-ġestjoni tan-newba agronomika tagħhom u biex jibqgħu vijabbli filwaqt li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-implimentazzjoni tal-Istandard tal-KAAT 1. Barra minn hekk, l-użu ta' newba tal-għelejjel itwal bil-bwar jista' jġib benefiċċji sinifikanti f'termini tal-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema, filwaqt li jagħtu flessibbiltà akbar ***lill-bdiewa*** fil-ġestjoni agronomika tagħhom. Għalhekk, biex jiġu promossi tali prattiki agronomiċi flessibbli u sostenibbli għall-ġestjoni tal-bwar, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jestendu l-perjodu li jiddetermina l-klassifikazzjoni ta' żona bħala bur permanenti minn ***ħames*** snin għal ***massimu ta' tmien*** snin. Għalhekk, l-Artikolu 4(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/2115 jenħtieġ li jiġi emendat.

Or. ro

Emenda 6
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(6) Biex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' impatti negattivi fuq is-suq uniku u l-kummerċ internazzjonali tal-pagamenti ta' kriżi l-ġodda ***lill-azjendi agrikoli*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi u avvenimenti katastrofiċi f'konformità ***mal-Artikoli 41a u*** 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-interventi li bihom għandu jingħata dan l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jfassluhom l-Istati Membri b'tali mod li jikkwalifikaw skont il-kriterji tal-Anness 2 tal-Ftehim dwar il-Biedja tad-WTO ("Kaxxa l-Ħadra").	(6) Biex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' impatti negattivi fuq is-suq uniku u l-kummerċ internazzjonali tal-pagamenti ta' kriżi l-ġodda ***lill-bdiewa*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi u avvenimenti katastrofiċi f'konformità ***mal-Artikolu*** 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-interventi li bihom għandu jingħata dan l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jfassluhom l-Istati Membri b'tali mod li jikkwalifikaw skont il-kriterji tal-Anness 2 tal-Ftehim dwar il-Biedja tad-WTO ("Kaxxa l-Ħadra").

Or. en

Emenda 7
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali tal-pagament li l-azjenda agrikola tirċievi f'sitwazzjoni ta' kriżi, wara li tkun ġarrbet telf sinifikanti fil-produzzjoni minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi oħra, u biex tkun żgurata l-koerenza mal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, is-sistema tal-kundizzjonalità msemmija fl-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li ma tkunx tapplika għall-pagamenti komplementari tal-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi b'pagament dirett kif imsemmi fl-Artikolu 41a ta' dak ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 8

Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali tal-pagament li l-azjenda agrikola tirċievi f'sitwazzjoni ta' kriżi, wara li tkun ġarrbet telf sinifikanti fil-produzzjoni minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi oħra, u biex tkun żgurata l-koerenza mal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, is-sistema tal-kundizzjonalità msemmija fl-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li ma tkunx tapplika għall-pagamenti komplementari tal-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi b'pagament dirett kif imsemmi fl-Artikolu 41a ta' dak ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Politika Agrikola Komuni tipprevedi sistema ta' kundizzjonalità biex tipproteġi l-klima u l-ambjent, inklużi l-ilma, il-ħamrija u l-bijodiversità tal-ekosistemi, is-saħħa pubblika u s-saħħa tal-pjanti kif ukoll il-benesseri tal-annimali. Il-flejjes pubbliċi għandhom jingħataw biss lill-bdiewa li jissodisfaw l-obbligi minimi fl-ambitu tal-kundizzjonalità. Inkella l-bdiewa jkollhom inċentiv ieħor biex ma jikkonformawx mal-kundizzjonalità.

Emenda 9
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali tal-pagament li l-azjenda agrikola tirċievi f'sitwazzjoni ta' kriżi, wara li tkun ġarrbet telf sinifikanti fil-produzzjoni minħabba	***imħassar***

diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi oħra, u biex tkun żgurata l-koerenza mal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, is-sistema tal-kundizzjonalità msemmija fl-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li ma tkunx tapplika għall-pagamenti komplementari tal-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi b'pagament dirett kif imsemmi fl-Artikolu 41a ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 10
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali tal-pagament li ***l-azjenda agrikola tirċievi*** f'sitwazzjoni ta' kriżi, wara li ***tkun ġarrbet*** telf sinifikanti fil-produzzjoni minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi oħra, u biex tkun żgurata l-koerenza mal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, is-sistema tal-kundizzjonalità msemmija fl-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li ma tkunx tapplika għall-pagamenti komplementari ***tal-azjendi agrikoli*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi b'pagament dirett kif imsemmi fl-Artikolu 41a ta' dak ir-Regolament.	(8) Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali tal-pagament li ***l-bidwi jirċievi*** f'sitwazzjoni ta' kriżi, wara li ***jkun ġarrab*** telf sinifikanti fil-produzzjoni minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi oħra, u biex tkun żgurata l-koerenza mal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, is-sistema tal-kundizzjonalità msemmija fl-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li ma tkunx tapplika għall-pagamenti komplementari ***lill-bdiewa*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi b'pagament dirett kif imsemmi fl-Artikolu 41a ta' dak ir-Regolament***, filwaqt li l-pagamenti għat-telf imġarrab b'riżultat ta' diżastri naturali jenħtieġ li jsiru fi żmien massimu ta' 45 jum***.

Or. ro

Emenda 11
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Is-sistema tal-kundizzjonalità li tinkludi r-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (RSĠ) u l-Istandards ta' Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (KAAT) għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'iżjed tixrid tal-għarfien min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa ta' konformità ma' dawk l-istandards u r-rekwiżiti bażiċi. Għandha l-għan ukoll li żżid il-konsistenza tal-PAK mal-objettivi tal-ambjent, tas-saħħa pubblika, tas-saħħa tal-pjanti u tal-benesseri tal-annimali segwiti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Iżda meta jitqies li ż-żona agrikola ġestita ***mill-azjendi agrikoli*** żgħar li jibbenefikaw minn pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/2115 hi limitata, l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità għal dawn ***l-azjendi agrikoli*** żgħar, li jmexxu ***l-maġġoranza*** tal-azjendi agrikoli fl-Unjoni, ma tagħtix benefiċċji ***niżżejjed*** meta mqabbla mal-kostijiet sinifikanti, u timponi piż amministrattiv ***importanti***, fuq dawk ***l-azjendi agrikoli*** u fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Biex jitnaqqsu dawn il-kostijiet u ***jiġi ffaċilitat il-piż*** amministrattiv relatat, jixraq li ***l-azjendi agrikoli*** żgħar jiġu eżentati mill-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità.	(9) Is-sistema tal-kundizzjonalità li tinkludi r-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (RSĠ) u l-Istandards ta' Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (KAAT) għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'iżjed tixrid tal-għarfien min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa ta' konformità ma' dawk l-istandards u r-rekwiżiti bażiċi. Għandha l-għan ukoll li żżid il-konsistenza tal-PAK mal-objettivi tal-ambjent, tas-saħħa pubblika, tas-saħħa tal-pjanti u tal-benesseri tal-annimali segwiti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Iżda meta jitqies li ż-żona agrikola ġestita ***mill-bdiewa*** żgħar li jibbenefikaw minn pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/2115 hi limitata, l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità għal dawn ***il-bdiewa*** żgħar ***li l-azjendi tagħhom ma jaqbżux l-10 ettari***, li jmexxu ***żewġ terzi*** tal-azjendi agrikoli fl-Unjoni, ma tagħtix benefiċċji ***biżżejjed*** meta mqabbla mal-kostijiet sinifikanti, u timponi piż amministrattiv ***kbir***, fuq dawk ***il-bdiewa*** u fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Biex jitnaqqsu dawn il-kostijiet u ***jittaffa l-piż*** amministrattiv relatat, jixraq li ***l-bdiewa*** żgħar jiġu eżentati mill-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità***, għalkemm ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt rigward l-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità mill-proposta leġiżlattiva tal-2018 'l hawn, minkejja li din hija s-6 liġi li qed tadatta jew tissimplifika l-kundizzjonalità mill-ftehim politiku dwar ir-riforma tal-PAK fl-2021***[1a].

[1a] Derogi għal u simplifikazzjonijiet li jħassru r-regoli tal-kundizzjonalità mill-ftehim dwar ir-riforma tal-PAK tal-2021: Reg. 2022/484 tat-23 ta' Marzu 2022, Reg. 2022/1317 tas-27 ta' Lulju 2022, Reg. 2024/587 tat-12 ta' Frar 2024, 2024/1235 tat-12 ta' Marzu 2024, Reg. 2024/1468 tal-14 ta' Mejju 2024, Reg. 2025/XXX [din il-proposta ppubblikata fl-14 ta' Mejju 2025]

Or. en

Emenda 12
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Is-sistema tal-kundizzjonalità li tinkludi r-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (RSĠ) u l-Istandards ta' Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (KAAT) għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'iżjed tixrid tal-għarfien min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa ta' konformità ma' dawk l-istandards u r-rekwiżiti bażiċi. Għandha l-għan ukoll li żżid il-konsistenza tal-PAK mal-objettivi tal-ambjent, tas-saħħa pubblika, tas-saħħa tal-pjanti u tal-benesseri tal-annimali segwiti mill-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Iżda meta jitqies li ż-żona agrikola ġestita ***mill-azjendi agrikoli*** żgħar li jibbenefikaw minn pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/2115 hi limitata, l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità għal dawn ***l-azjendi agrikoli*** żgħar, li jmexxu l-maġġoranza tal-azjendi agrikoli fl-Unjoni, ma tagħtix benefiċċji ***niżżejjed*** meta mqabbla mal-kostijiet sinifikanti, u timponi	(9) Is-sistema tal-kundizzjonalità li tinkludi r-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (RSĠ) u l-Istandards ta' Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (KAAT) għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'iżjed tixrid tal-għarfien min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa ta' konformità ma' dawk l-istandards u r-rekwiżiti bażiċi. Għandha l-għan ukoll li żżid il-konsistenza tal-PAK mal-objettivi tal-ambjent, tas-saħħa pubblika, tas-saħħa tal-pjanti u ***tal-benesseri*** tal-annimali segwiti mill-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Iżda meta jitqies li ż-żona agrikola ġestita ***mill-bdiewa*** żgħar li jibbenefikaw minn pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/2115 hi limitata, l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità għal dawn ***il-bdiewa*** żgħar, li jmexxu l-maġġoranza tal-azjendi agrikoli fl-Unjoni, ma tagħtix benefiċċji ***biżżejjed*** meta mqabbla mal-kostijiet sinifikanti, u timponi piż amministrattiv ***kbir***, fuq dawk

piż amministrattiv ***importanti***, fuq dawk ***l-azjendi agrikoli*** u fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Biex jitnaqqsu dawn il-kostijiet u ***jiġi ffaċilitat il-piż*** amministrattiv relatat, jixraq li ***l-azjendi agrikoli*** żgħar jiġu eżentati mill-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità.

il-bdiewa u fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Biex jitnaqqsu dawn il-kostijiet u ***jittaffa l-piż*** amministrattiv relatat, jixraq li ***l-bdiewa*** żgħar jiġu eżentati mill-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità. ***L-Istati Membri, taħt il-gwida tal-Kummissjoni Ewropea u f'kooperazzjoni magħha, jenħtieġ li jiżguraw li l-azjendi agrikoli żgħar ma jikrux bur permanenti mingħand azjendi agrikoli akbar unikament għall-fini li jaħartuh biex eventwalment jirritornawh.***

Or. en

Emenda 13
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Is-sistema tal-kundizzjonalità li tinkludi r-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (RSĠ) u l-Istandards ta' Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (KAAT) għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'iżjed tixrid tal-għarfien min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa ta' konformità ma' dawk l-istandards u r-rekwiżiti bażiċi. Għandha l-għan ukoll li żżid il-konsistenza tal-PAK mal-objettivi tal-ambjent, tas-saħħa pubblika, tas-saħħa tal-pjanti u tal-benesseri tal-annimali segwiti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Iżda meta jitqies li ż-żona agrikola ġestita ***mill-azjendi agrikoli*** żgħar li jibbenefikaw minn pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/2115 hi limitata, l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità għal dawn ***l-azjendi agrikoli*** żgħar, li jmexxu l-maġġoranza tal-azjendi agrikoli fl-Unjoni, ma tagħtix benefiċċji ***niżżejjed*** meta mqabbla mal-kostijiet sinifikanti, u timponi	(9) Is-sistema tal-kundizzjonalità li tinkludi r-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (RSĠ) u l-Istandards ta' Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (KAAT) għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'iżjed tixrid tal-għarfien min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa ta' konformità ma' dawk l-istandards u r-rekwiżiti bażiċi. Għandha l-għan ukoll li żżid il-konsistenza tal-PAK mal-objettivi tal-ambjent, tas-saħħa pubblika, tas-saħħa tal-pjanti u tal-benesseri tal-annimali segwiti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Iżda meta jitqies li ż-żona agrikola ġestita ***mill-bdiewa*** żgħar li jibbenefikaw minn pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/2115 hi limitata, l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità għal dawn ***il-bdiewa*** żgħar, li jmexxu l-maġġoranza tal-azjendi agrikoli fl-Unjoni, ma tagħtix benefiċċji ***biżżejjed*** meta mqabbla mal-kostijiet sinifikanti, u timponi piż amministrattiv ***kbir***, fuq dawk

piż amministrattiv ***importanti***, fuq dawk ***l-azjendi agrikoli*** u fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Biex jitnaqqsu dawn il-kostijiet u ***jiġi ffaċilitat il-piż*** amministrattiv relatat, jixraq li ***l-azjendi agrikoli*** żgħar jiġu eżentati mill-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità.

il-bdiewa u fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Biex jitnaqqsu dawn il-kostijiet u ***jittaffa l-piż*** amministrattiv relatat, jixraq li ***l-bdiewa*** żgħar jiġu eżentati mill-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità. ***L-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jenħtieġ li jdaħħlu fis-seħħ salvagwardji xierqa li jipprevjenu l-isfruttament ta' din id-dispożizzjoni, pereżempju permezz ta' kuntratti ta' lokazzjoni, inkluż bl-użu tat-teknoloġija satellitari.***

Or. en

Emenda 14
Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Is-sistema tal-kundizzjonalità li tinkludi r-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (RSĠ) u l-Istandards ta' Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (KAAT) għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'iżjed tixrid tal-għarfien min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa ta' konformità ma' dawk l-istandards u r-rekwiżiti bażiċi. Għandha l-għan ukoll li żżid il-konsistenza tal-PAK mal-objettivi tal-ambjent, tas-saħħa pubblika, tas-saħħa tal-pjanti u tal-benesseri tal-annimali segwiti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Iżda meta jitqies li ż-żona agrikola ġestita ***mill-azjendi agrikoli żgħar*** li jibbenefikaw minn pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/2115 hi limitata, l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità ***għal dawn l-azjendi agrikoli żgħar***, li jmexxu ***l-maġġoranza tal-azjendi*** agrikoli fl-Unjoni, ma tagħtix benefiċċji ***niżżejjed*** meta mqabbla mal-kostijiet sinifikanti, u timponi	(9) Is-sistema tal-kundizzjonalità li tinkludi r-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (RSĠ) u l-Istandards ta' Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (KAAT) għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'iżjed tixrid tal-għarfien min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa ta' konformità ma' dawk l-istandards u r-rekwiżiti bażiċi. Għandha l-għan ukoll li żżid il-konsistenza tal-PAK mal-objettivi tal-ambjent, tas-saħħa pubblika, tas-saħħa tal-pjanti u tal-benesseri tal-annimali segwiti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Iżda meta jitqies li ż-żona agrikola ġestita ***mill-bdiewa*** li jibbenefikaw minn pagamenti skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/2115 hi limitata, l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità ***għall-bdiewa***, li jmexxu ***l-azjendi*** agrikoli fl-Unjoni, ma tagħtix benefiċċji ***biżżejjed*** meta mqabbla mal-kostijiet sinifikanti, u timponi piż amministrattiv ***kbir***, fuq ***il-bdiewa*** u fuq l-

piż amministrattiv ***importanti***, fuq ***dawk l-azjendi agrikoli*** u fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Biex jitnaqqsu dawn il-kostijiet u ***jiġi ffaċilitat il-piż*** amministrattiv relatat, jixraq li ***l-azjendi agrikoli żgħar*** jiġu eżentati mill-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità.

amministrazzjonijiet nazzjonali. Biex jitnaqqsu dawn il-kostijiet u ***jittaffa l-piż*** amministrattiv relatat, jixraq li ***l-bdiewa kollha, meta jkun possibbli,*** jiġu eżentati mill-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità.

Or. es

Emenda 15
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Il-bwar, it-torbieri u l-artijiet mistagħdra għandhom rwol ċentrali fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, fil-protezzjoni tal-bijodiversità u fir-reżiljenza għal temp estrem. Id-dgħajfien tal-protezzjoni ta' tali ekosistemi jaf jimmina l-impenji tal-UE skont il-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-istrateġija għall-bijodiversità. Bi qbil mal-approċċ "Saħħa Waħda", l-UE jenħtieġ li tipprova tikseb sistemi ta' tikkettar ambizzjużi u bbażati fuq ix-xjenza u tiżgura mekkaniżmi ta' infurzar li jipproteġu l-annimali kollha madwar l-Unjoni, irrispettivament mid-daqs tal-azjenda agrikola.

Or. en

Emenda 16
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-istandard tal-KAAT 1, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jżomm bur permanenti biex titħares il-ħażna tal-karbonju. ***Il-punti 1.7.3 u 1.9.1.1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 jenfasizzaw*** l-importanza li jiġi massimizzat l-użu tar-ragħa u l-mergħa, ***li jipprevjeni*** l-konverżjoni ta' bur permanenti f'użi oħra tal-art, u f'konformità mal-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 1 jippreservaw il-ħażna tal-karbonju f'bur permanenti. L-istandards tal-KAAT 3, 5 u 6, elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandhom l-għan li rispettivament iżommu l-materja organika tal-ħamrija, jillimitaw l-erożjoni, u jipproteġu l-ħamrija tul perjodi sensittivi. Dawn l-objettivi diġà ntlaħqu bil-prattiki tal-ħdim tar-raba' u tal-kultivazzjoni applikati fil-produzzjoni organika tal-pjanti, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-punt 1.9 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848. L-istandard tal-KAAT 4, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jipproteġi l-ilma mit-tniġġis. Bl-istess mod, il-punti 1.5, 1.7, 1.9 u 1.10 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskju ta' tniġġis tal-ilma billi jillimitaw l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji, jillimitaw l-użu ta' fertilizzanti u pestiċidi, u jillimitaw id-densità tal-trobbija. L-esperjenza wriet li l-biedja organika tħalli impatt pożittiv fir-rigward tal-lissija tan-nutrijenti u t-tnixxijiet, li jagħmilha inqas probabbli li bidwi organiku jikkomprometti l-kwalità tal-ilma, u b'hekk jilħaq l-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 4. Għalhekk, minħabba l-prinċipji u r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/848 u l-prattiki eżistenti skont is-sistemi tal-biedja organika, ***l-azjendi agrikoli*** organiċi li l-azjenda tagħhom hi ċċertifikata skont ir-Regolament (UE) 2018/848 jenħtieġ li	(11) L-istandard tal-KAAT 1, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jżomm bur permanenti biex titħares il-ħażna tal-karbonju. ***Jenħtieġ li ssir enfasi fuq*** l-importanza li jiġi massimizzat l-użu tar-ragħa u l-mergħa, ***inkluż fis-sistemi tal-agroforestrija tal-mergħat imsaġġra b'valur naturali għoli, b'densità tat-trobbija xierqa li tirrispetta l-kapaċità ta' portata tal-ekosistema partikolari, u li tiġi evitata*** l-konverżjoni ta' bur permanenti f'użi oħra tal-art, u f'konformità mal-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 1**,** ***li tiġi ppreservata l-ħażna*** tal-karbonju f'bur permanenti***. Għaldaqstant, l-istandard jenħtieġ li jissaħħaħ biex tiġi evitata l-konverżjoni f'użi oħra u l-proporzjon ta' bwar permanenti fi ħdan Stat Membru mqabbel maż-żona agrikola totali jenħtieġ li jinżamm fir-rigward tas-sena ta' referenza***. L-istandards tal-KAAT 3, 5 u 6, elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandhom l-għan li rispettivament iżommu l-materja organika tal-ħamrija, jillimitaw l-erożjoni, u jipproteġu l-ħamrija tul perjodi sensittivi. Dawn l-objettivi diġà ntlaħqu bil-prattiki tal-ħdim tar-raba' u tal-kultivazzjoni applikati fil-produzzjoni organika tal-pjanti, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-punt 1.9 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848. L-istandard tal-KAAT 4, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jipproteġi l-ilma mit-tniġġis. Bl-istess mod, il-punti 1.5, 1.7, 1.9 u 1.10 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskju ta' tniġġis tal-ilma billi jillimitaw l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji, jillimitaw l-użu ta' fertilizzanti u pestiċidi, u jillimitaw id-densità tal-trobbija. L-esperjenza wriet li l-biedja organika tħalli impatt pożittiv fir-rigward tal-lissija tan-nutrijenti u t-tnixxijiet, li jagħmilha inqas probabbli li bidwi organiku jikkomprometti l-kwalità tal-ilma,

jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT ***1,*** 3, 4, 5 u 6, kif diġà hu l-każ fir-rigward tal-istandard tal-KAAT 7.

u b'hekk jilħaq l-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 4. Għalhekk, minħabba l-prinċipji u r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/848 u l-prattiki eżistenti skont is-sistemi tal-biedja organika, ***il-bdiewa*** organiċi li l-azjenda ***kollha*** tagħhom hi ċċertifikata skont ir-Regolament (UE) 2018/848 jenħtieġ li jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 3, 4, 5 u 6, kif diġà hu l-każ fir-rigward tal-istandard tal-KAAT 7.

Or. en

Emenda 17
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-istandard tal-KAAT 1, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jżomm bur permanenti biex titħares il-ħażna tal-karbonju. Il-punti 1.7.3 u 1.9.1.1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 jenfasizzaw l-importanza li jiġi massimizzat l-użu tar-ragħa u l-mergħa, li jipprevjeni l-konverżjoni ta' bur permanenti f'użi oħra tal-art, u f'konformità mal-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 1 ***jippreservaw il-ħażna*** tal-karbonju f'bur permanenti. L-istandards tal-KAAT 3, 5 u 6, elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandhom l-għan li rispettivament iżommu l-materja organika tal-ħamrija, jillimitaw l-erożjoni, u jipproteġu l-ħamrija tul perjodi sensittivi. Dawn l-objettivi diġà ntlaħqu bil-prattiki tal-ħdim tar-raba' u tal-kultivazzjoni applikati fil-produzzjoni organika tal-pjanti, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-punt 1.9 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848. L-istandard tal-KAAT 4,	(11) L-istandard tal-KAAT 1, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jżomm bur permanenti biex titħares il-ħażna tal-karbonju. Il-punti 1.7.3 u 1.9.1.1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 jenfasizzaw l-importanza li jiġi massimizzat l-użu tar-ragħa u l-mergħa, li jipprevjeni l-konverżjoni ta' bur permanenti f'użi oħra tal-art, u f'konformità mal-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 1 ***jippreserva l-ħażna*** tal-karbonju f'bur permanenti. L-istandards tal-KAAT 3, 5 u 6, elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandhom l-għan li rispettivament iżommu l-materja organika tal-ħamrija, jillimitaw l-erożjoni, u jipproteġu l-ħamrija tul perjodi sensittivi. Dawn l-objettivi diġà ntlaħqu bil-prattiki tal-ħdim tar-raba' u tal-kultivazzjoni applikati fil-produzzjoni organika tal-pjanti, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-punt 1.9 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848. L-istandard tal-KAAT 4, elenkat fl-Anness III tar-

elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jipproteġi l-ilma mit-tniġġis. Bl-istess mod, il-punti 1.5, 1.7, 1.9 u 1.10 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskju ta' tniġġis tal-ilma billi jillimitaw l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji, jillimitaw l-użu ta' fertilizzanti u pestiċidi, u jillimitaw id-densità tal-trobbija. L-esperjenza wriet li l-biedja organika tħalli impatt pożittiv fir-rigward tal-lissija tan-nutrijenti u t-tnixxijiet, li jagħmilha inqas probabbli li bidwi organiku jikkompromett l-kwalità tal-ilma, u b'hekk jilħaq l-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 4. Għalhekk, minħabba l-prinċipji u r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/848 u l-prattiki eżistenti skont is-sistemi tal-biedja organika, ***l-azjendi agrikoli*** organiċi li l-azjenda tagħhom hi ċċertifikata skont ir-Regolament (UE) 2018/848 jenħtieġ li jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5 u 6, kif diġà hu l-każ fir-rigward tal-istandard tal-KAAT 7.

Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jipproteġi l-ilma mit-tniġġis. Bl-istess mod, il-punti 1.5, 1.7, 1.9 u 1.10 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskju ta' tniġġis tal-ilma billi jillimitaw l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji, jillimitaw l-użu ta' fertilizzanti u pestiċidi, u jillimitaw id-densità tal-trobbija. L-esperjenza wriet li l-biedja organika tħalli impatt pożittiv fir-rigward tal-lissija tan-nutrijenti u t-tnixxijiet, li jagħmilha inqas probabbli li bidwi organiku jikkompromett l-kwalità tal-ilma, u b'hekk jilħaq l-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 4. Għalhekk, minħabba l-prinċipji u r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/848 u l-prattiki eżistenti skont is-sistemi tal-biedja organika, ***il-bdiewa*** organiċi li l-azjenda ***kollha*** tagħhom hi ċċertifikata skont ir-Regolament (UE) 2018/848 jenħtieġ li jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5 u 6, kif diġà hu l-każ fir-rigward tal-istandard tal-KAAT 7. ***L-Istati Membri, taħt il-gwida tal-Kummissjoni Ewropea u f'kooperazzjoni magħha, jenħtieġ li jiżguraw li l-azjendi agrikoli ma jikkonvertux għall-biedja organika unikament għall-fini li jaħartu bur permanenti, biex eventwalment jerġgħu lura għall-biedja konvenzjonali.***

Or. en

Emenda 18
Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-istandard tal-KAAT 1, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jżomm bur permanenti biex titħares il-ħażna tal-karbonju. Il-punti 1.7.3 u 1.9.1.1 tal-	(11) L-istandard tal-KAAT 1, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jżomm bur permanenti biex titħares il-ħażna tal-karbonju. Il-punti 1.7.3 u 1.9.1.1 tal-

Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 jenfasizzaw l-importanza li jiġi massimizzat l-użu tar-ragħa u l-mergħa, li jipprevjeni l-konverżjoni ta' bur permanenti f'użi oħra tal-art, u f'konformità mal-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 1 jippreservaw il-ħażna tal-karbonju f'bur permanenti. L-istandards tal-KAAT 3, 5 u 6, elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandhom l-għan li rispettivament iżommu l-materja organika tal-ħamrija, jillimitaw l-erożjoni, u jipproteġu l-ħamrija tul perjodi sensittivi. Dawn l-objettivi diġà ntlaħqu bil-prattiki tal-ħdim tar-raba' u tal-kultivazzjoni applikati fil-produzzjoni organika tal-pjanti, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-punt 1.9 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848. L-istandard tal-KAAT 4, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jipproteġi l-ilma mit-tniġġis. Bl-istess mod, il-punti 1.5, 1.7, 1.9 u 1.10 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskju ta' tniġġis tal-ilma billi jillimitaw l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji, jillimitaw l-użu ta' fertilizzanti u pestiċidi, u jillimitaw id-densità tal-trobbija. L-esperjenza wriet li l-biedja organika tħalli impatt pożittiv fir-rigward tal-lissija tan-nutrijenti u t-tnixxijiet, li jagħmilha inqas probabbli li bidwi organiku jikkompromett l-kwalità tal-ilma, u b'hekk jilħaq l-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 4. Għalhekk, minħabba l-prinċipji u r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/848 u l-prattiki eżistenti skont is-sistemi tal-biedja organika, ***l-azjendi agrikoli*** organiċi li l-azjenda tagħhom hi ċċertifikata skont ir-Regolament (UE) 2018/848 jenħtieġ li jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5 u 6, kif diġà hu l-każ fir-rigward tal-istandard tal-KAAT 7.

Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 jenfasizzaw l-importanza li jiġi massimizzat l-użu tar-ragħa u l-mergħa, li jipprevjeni l-konverżjoni ta' bur permanenti f'użi oħra tal-art, u f'konformità mal-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 1 jippreservaw il-ħażna tal-karbonju f'bur permanenti. L-istandards tal-KAAT 3, 5 u 6, elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandhom l-għan li rispettivament iżommu l-materja organika tal-ħamrija, jillimitaw l-erożjoni, u jipproteġu l-ħamrija tul perjodi sensittivi. Dawn l-objettivi diġà ntlaħqu bil-prattiki tal-ħdim tar-raba' u tal-kultivazzjoni applikati fil-produzzjoni organika tal-pjanti, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-punt 1.9 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848. L-istandard tal-KAAT 4, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jipproteġi l-ilma mit-tniġġis. Bl-istess mod, il-punti 1.5, 1.7, 1.9 u 1.10 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskju ta' tniġġis tal-ilma billi jillimitaw l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji, jillimitaw l-użu ta' fertilizzanti u pestiċidi, u jillimitaw id-densità tal-trobbija. L-esperjenza wriet li l-biedja organika tħalli impatt pożittiv fir-rigward tal-lissija tan-nutrijenti u t-tnixxijiet, li jagħmilha inqas probabbli li bidwi organiku jikkompromett l-kwalità tal-ilma, u b'hekk jilħaq l-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 4. Għalhekk, minħabba l-prinċipji u r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/848 u l-prattiki eżistenti skont is-sistemi tal-biedja organika, ***kif ukoll il-prattiki fis-seħħ fil-kuntest tal-ġestjoni integrata tal-pesti, il-bdiewa*** organiċi li l-azjenda ***kollha*** tagħhom hi ċċertifikata skont ir-Regolament (UE) 2018/848 ***u dawk li japplikaw il-ġestjoni integrata b'mod akkreditat*** jenħtieġ li jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5 u 6, kif diġà hu l-każ fir-rigward tal-istandard tal-

Emenda 19
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-istandard tal-KAAT 1, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jżomm bur permanenti biex titħares il-ħażna tal-karbonju. Il-punti 1.7.3 u 1.9.1.1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 jenfasizzaw l-importanza li jiġi massimizzat l-użu tar-ragħa u l-mergħa, li jipprevjeni l-konverżjoni ta' bur permanenti f'użi oħra tal-art, u f'konformità mal-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 1 jippreservaw il-ħażna tal-karbonju f'bur permanenti. L-istandards tal-KAAT 3, 5 u 6, elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandhom l-għan li rispettivament iżommu l-materja organika tal-ħamrija, jillimitaw l-erożjoni, u jipproteġu l-ħamrija tul perjodi sensittivi. Dawn l-objettivi diġà ntlaħqu bil-prattiki tal-ħdim tar-raba' u tal-kultivazzjoni applikati fil-produzzjoni organika tal-pjanti, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-punt 1.9 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848. L-istandard tal-KAAT 4, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jipproteġi l-ilma mit-tniġġis. Bl-istess mod, il-punti 1.5, 1.7, 1.9 u 1.10 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskju ta' tniġġis tal-ilma billi jillimitaw l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji, jillimitaw l-użu ta' fertilizzanti u pestiċidi, u jillimitaw id-densità tal-trobbija. L-esperjenza wriet li l-biedja	(11) L-istandard tal-KAAT 1, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jżomm bur permanenti biex titħares il-ħażna tal-karbonju. Il-punti 1.7.3 u 1.9.1.1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 jenfasizzaw l-importanza li jiġi massimizzat l-użu tar-ragħa u l-mergħa, li jipprevjeni l-konverżjoni ta' bur permanenti f'użi oħra tal-art, u f'konformità mal-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 1 jippreservaw il-ħażna tal-karbonju f'bur permanenti. L-istandards tal-KAAT 3, 5 u 6, elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandhom l-għan li rispettivament iżommu l-materja organika tal-ħamrija, jillimitaw l-erożjoni, u jipproteġu l-ħamrija tul perjodi sensittivi. Dawn l-objettivi diġà ntlaħqu bil-prattiki tal-ħdim tar-raba' u tal-kultivazzjoni applikati fil-produzzjoni organika tal-pjanti, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-punt 1.9 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848. L-istandard tal-KAAT 4, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jipproteġi l-ilma mit-tniġġis. Bl-istess mod, il-punti 1.5, 1.7, 1.9 u 1.10 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskju ta' tniġġis tal-ilma billi jillimitaw l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji, jillimitaw l-użu ta' fertilizzanti u pestiċidi, u jillimitaw id-densità tal-trobbija. L-esperjenza wriet li l-biedja

organika tħalli impatt pożittiv fir-rigward tal-lissija tan-nutrijenti u t-tnixxijiet, li jagħmilha inqas probabbli li bidwi organiku jikkompromett l-kwalità tal-ilma, u b'hekk jilħaq l-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 4. Għalhekk, minħabba l-prinċipji u r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/848 u l-prattiki eżistenti skont is-sistemi tal-biedja organika, ***l-azjendi agrikoli*** organiċi li l-azjenda tagħhom hi ċċertifikata skont ir-Regolament (UE) 2018/848 jenħtieġ li jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5 u 6, kif diġà hu l-każ fir-rigward tal-istandard tal-KAAT 7.	organika tħalli impatt pożittiv fir-rigward tal-lissija tan-nutrijenti u t-tnixxijiet, li jagħmilha inqas probabbli li bidwi organiku jikkompromett l-kwalità tal-ilma, u b'hekk jilħaq l-objettiv ewlieni tal-istandard tal-KAAT 4. Għalhekk, minħabba l-prinċipji u r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/848 u l-prattiki eżistenti skont is-sistemi tal-biedja organika, ***il-bdiewa*** organiċi li l-azjenda ***kollha*** tagħhom hi ċċertifikata skont ir-Regolament (UE) 2018/848 ***jew il-bdiewa involuti f'metodi ta' produzzjoni sostenibbli oħra bħall-biedja integrata*** jenħtieġ li jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5 u 6, kif diġà hu l-każ fir-rigward tal-istandard tal-KAAT 7.

Or. en

Emenda 20
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Sabiex jinżamm il-livell attwali ta' ambizzjoni biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6(1)(d), (e) u (f) tar-Regolament 2021/2115, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-fondi meħtieġa għall-finanzjament ta' miżuri li qabel kienu koperti mill-qafas regolatorju jsiru disponibbli fl-istess ammont għal miżuri oħra fl-ambitu tal-Artikolu 31 u l-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk il-miżuri nazzjonali għall-protezzjoni ambjentali u klimatika – preċedentement parti mill-kundizzjonalità – jistgħu jiġu ppremjati finanzjarjament fil-futur, dan jista' jnaqqas il-finanzjament disponibbli għall-għanijiet ambjentali u klimatiċi. Biex jinżamm l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali u klimatika fl-ambitu tal-PAK, l-Istati Membri għandhom jallokaw

ammont ekwivalenti ta' riżorsi finanzjarji lil miżuri rilevanti oħra.

Emenda 21
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali tal-pagament li azjenda agrikola tista' tirċievi f'sitwazzjoni ta' kriżi, wara li tkun ġarrbet telf sinifikanti fil-produzzjoni minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi oħra, u biex tkun żgurata l-koerenza mal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, is-sistema tal-kundizzjonalità msemmija fl-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li ma tkunx tapplika għall-pagamenti komplementari lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi bil-pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 41a ta' dak ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 22
Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali tal-pagament li azjenda agrikola tista' tirċievi f'sitwazzjoni ta' kriżi, wara li tkun ġarrbet telf sinifikanti fil-produzzjoni minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti	***imħassar***

katastrofiċi oħra, u biex tkun żgurata l-koerenza mal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, is-sistema tal-kundizzjonalità msemmija fl-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li ma tkunx tapplika għall-pagamenti komplementari lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi bil-pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 41a ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kundizzjonalità soċjali fil-PAK tassigura li l-kundizzjonijiet bażiċi u essenzjali tax-xogħol u tal-impjieg, jew l-obbligi tal-impjegaturi li joriġinaw minn atti legali fis-seħħ, ikunu qed jiġu ssodisfati. Ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità soċjali huma l-liġi Ewropea u hekk jew hekk se jiġu kkontrollati mill-Istati Membri. It-tħassir ta' dan il-mekkaniżmu ma jwassal għal ebda simplifikazzjoni iżda jkun ta' vantaġġ biss għal dawk il-bdiewa f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, li ma jiżgurawx il-konformità mal-kundizzjonijiet bażiċi tal-impjieg u tax-xogħol.

Emenda 23
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali tal-pagament li azjenda agrikola tista' tirċievi f'sitwazzjoni ta' kriżi, wara li tkun ġarrbet telf sinifikanti fil-produzzjoni minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi oħra, u biex tkun żgurata l-koerenza mal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, is-sistema tal-kundizzjonalità msemmija fl-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li ma tkunx tapplika għall-pagamenti komplementari lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew	***imħassar***

avvenimenti katastrofiċi bil-pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 41a ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 24
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali tal-pagament li azjenda agrikola tista' tirċievi f'sitwazzjoni ta' kriżi, wara li tkun ġarrbet telf sinifikanti fil-produzzjoni minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi oħra, u biex tkun żgurata l-koerenza mal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, is-sistema tal-kundizzjonalità msemmija fl-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li ma tkunx tapplika għall-pagamenti komplementari lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi bil-pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 41a ta' dak ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 25
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-diżastri naturali, l-avvenimenti	***imħassar***

klimatiċi avversi u l-avvenimenti katastrofiċi qed jiżdiedu fil-frekwenza, fl-intensità u fit-tul tagħhom u qed ikollhom impatt sinifikanti fuq is-settur agrikolu fl-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2021/2115 diġà jipprovdi sett ta' għodod għall-azjendi agrikoli biex jibnu r-reżiljenza u jwieġbu għall-kriżi. Iżda l-iskala tal-avvenimenti u n-natura għal għarrieda u straordinarja tagħhom jeżiġu li jiġu estiżi l-istrumenti disponibbli għall-Istati Membri. Għalhekk, jixraq jiġu previsti pagamenti ta' kriżi komplementari lill-azjendi agrikoli u li dawn jiġu inklużi bħala tip ġdid ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti fl-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 26
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-diżastri naturali, l-avvenimenti klimatiċi avversi u l-avvenimenti katastrofiċi qed jiżdiedu fil-frekwenza, fl-intensità u fit-tul tagħhom u qed ikollhom impatt sinifikanti fuq is-settur agrikolu fl-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2021/2115 diġà jipprovdi sett ta' għodod għall-azjendi agrikoli biex jibnu r-reżiljenza u jwieġbu għall-kriżi. Iżda l-iskala tal-avvenimenti u n-natura għal għarrieda u straordinarja tagħhom jeżiġu li jiġu estiżi l-istrumenti disponibbli għall-Istati Membri. Għalhekk, jixraq jiġu previsti pagamenti ta' kriżi komplementari lill-azjendi agrikoli u li dawn jiġu inklużi bħala tip ġdid ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti fl-Artikolu 16 ta' dak ir-	***imħassar***

Regolament.

Or. en

Emenda 27
Benoit Cassart, Charles Goerens, Valérie Hayer

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-diżastri naturali, l-avvenimenti klimatiċi avversi u l-avvenimenti katastrofiċi qed jiżdiedu fil-frekwenza, fl-intensità u fit-tul tagħhom u qed ikollhom impatt sinifikanti fuq is-settur agrikolu fl-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2021/2115 diġà jipprovdi sett ta' għodod ***għall-azjendi agrikoli*** biex jibnu r-reżiljenza u jwieġbu għall-kriżi. Iżda l-iskala tal-avvenimenti u n-natura għal għarrieda u straordinarja tagħhom jeżiġu li jiġu estiżi l-istrumenti disponibbli għall-Istati Membri. Għalhekk, jixraq jiġu previsti pagamenti ta' kriżi komplementari ***lill-azjendi agrikoli*** u li dawn jiġu inklużi bħala tip ġdid ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti fl-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament.	(14) Id-diżastri naturali, l-avvenimenti klimatiċi avversi u l-avvenimenti katastrofiċi qed jiżdiedu fil-frekwenza, fl-intensità u fit-tul tagħhom u qed ikollhom impatt sinifikanti fuq is-settur agrikolu fl-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2021/2115 diġà jipprovdi sett ta' għodod ***għall-bdiewa*** biex jibnu r-reżiljenza u jwieġbu għall-kriżi. Iżda l-iskala tal-avvenimenti u n-natura għal għarrieda u straordinarja tagħhom jeżiġu li jiġu estiżi l-istrumenti disponibbli għall-Istati Membri. Għalhekk, jixraq jiġu previsti pagamenti ta' kriżi komplementari ***lill-bdiewa*** u li dawn jiġu inklużi bħala tip ġdid ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti fl-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament. ***Madankollu, ir-riżerva għall-kriżijiet jenħtieġ li tiġi riveduta, imsaħħa u miżjuda fil-PAK wara l-2027 biex jiġu indirizzati aħjar it-telf ekonomiku u l-kostijiet addizzjonali ffaċċjati mill-bdiewa u biex jingħataw stabbiltà akbar;***

Or. en

Emenda 28
Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-diżastri naturali, l-avvenimenti klimatiċi avversi u l-avvenimenti katastrofiċi qed jiżdiedu fil-frekwenza, fl-intensità u fit-tul tagħhom u qed ikollhom impatt sinifikanti fuq is-settur agrikolu fl-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2021/2115 diġà jipprovdi sett ta' għodod ***għall-azjendi agrikoli*** biex jibnu r-reżiljenza u jwieġbu għall-kriżi. Iżda l-iskala tal-avvenimenti u n-natura għal għarrieda u straordinarja tagħhom jeżiġu li jiġu estiżi l-istrumenti disponibbli għall-Istati Membri. Għalhekk, jixraq jiġu previsti pagamenti ta' kriżi komplementari ***lill-azjendi agrikoli*** u li dawn jiġu inklużi bħala tip ġdid ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti fl-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament.	(14) Id-diżastri naturali, l-avvenimenti klimatiċi avversi***, bħan-nixfiet,*** u l-avvenimenti katastrofiċi qed jiżdiedu fil-frekwenza, fl-intensità u fit-tul tagħhom u qed ikollhom impatt sinifikanti fuq is-settur agrikolu fl-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2021/2115 diġà jipprovdi sett ta' għodod ***għall-bdiewa*** biex jibnu r-reżiljenza u jwieġbu għall-kriżi. Iżda l-iskala tal-avvenimenti u n-natura għal għarrieda u straordinarja tagħhom jeżiġu li jiġu estiżi l-istrumenti disponibbli għall-Istati Membri. Għalhekk, jixraq jiġu previsti pagamenti ta' kriżi komplementari ***lill-bdiewa, iffinanzjati minn riżorsi straordinarji esterni għall-baġit tal-PAK, u riżerva għall-kriżijiet ikbar, li jenħtieġ li tibbenefika wkoll minn miżuri ta' simplifikazzjoni,*** u li dawn jiġu inklużi bħala tip ġdid ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti fl-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament.

Or. es

Emenda 29
Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/2115 jippermetti lill-Istati Membri jżommu sa 3% tal-pagamenti diretti li jridu jitħallsu lil azjenda agrikola biex jappoġġaw il-kontribuzzjoni tal-azjendi agrikoli għal għodda ta' ġestjoni tar-riskju. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li juża din il-possibbiltà, dan it-tnaqqis għandu japplika għall-benefiċjarji kollha tal-pagamenti diretti f'sena partikolari. L-esperjenza turi li huma biss ftit l-Istati Membri li jużaw din il-possibbiltà. Id-	***imħassar***

diskussjonijiet mal-Istati Membri wrew li ostaklu għall-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni hu li l-azjendi agrikoli kollha li jirċievu pagamenti diretti jkollhom nuqqas ta' għodod ta' ġestjoni tar-riskju, kemm dawk stabbiliti mill-Istati Membri u dawk disponibbli b'assigurazzjoni privata. Biex jiżdiedu l-adozzjoni u l-użu tal-possibbiltà prevista fl-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament, l-implimentazzjoni tiegħu jeħtieġ issir aktar flessibbli u tiġi adattata għall-għodod ta' ġestjoni eżistenti fl-Istati Membri. Bis-saħħa ta' din l-emenda, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jżommu sa 3% tal-pagamenti diretti li jridu jitħallsu lil dawk l-azjendi agrikoli biss li għalihom ikun hemm skemi ta' ġestjoni tar-riskju f'sena partikolari. L-Istati Membri li jkollhom skemi ta' ġestjoni tar-riskju għall-benefiċjarji kollha tal-pagamenti diretti jenħtieġ li jkunu jistgħu jibqgħu jżommu sa 3% tal-pagamenti diretti ta' dawk il-benefiċjarji kollha.

Or. es

Emenda 30
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-istandard tal-KAAT 2, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jipproteġi l-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju. L-esperjenza wriet li r-rekwiżiti stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont l-istandard tal-KAAT 2 ħolqu sfidi ***għall-azjendi agrikoli*** u għall-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-vijabbiltà ekonomika ***tal-azjendi agrikoli*** kkonċernati filwaqt li jiggarantixxu l-protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju. ***Il-***	(19) L-istandard tal-KAAT 2, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jipproteġi l-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju. L-esperjenza wriet li r-rekwiżiti stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont l-istandard tal-KAAT 2 ħolqu sfidi ***għall-bdiewa*** u għall-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-vijabbiltà ekonomika ***tal-bdiewa*** kkonċernati filwaqt li jiggarantixxu l-protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju. ***Inċentiva***

konformità ma' ċerti rekwiżiti stabbiliti skont l-istandard tal-KAAT 2, bħal dawk li jinvolvu limitazzjoni tal-produzzjoni, tista' tkun għalja għall-azjendi agrikoli u tillimita ferm il-kapaċità tagħhom li jibdlu jew jaġġustaw l-użu tal-art tagħhom. Barra minn hekk, l-istandard tal-KAAT 2 qed iħalli impatt fuq l-azjendi agrikoli f'xi Stati Membri ***aktar milli f'oħrajn minħabba l-proporzjonijiet differenti ta' artijiet mistagħdra u t-torbieri fit-territorji tagħhom. Filwaqt li jinżammu r-rekwiżiti eżistenti skont l-istandard tal-KAAT 2***, meta xieraq, ***stabbilit b'mod konsistenti mar-rekwiżiti nazzjonali obbligatorji, kif introdotti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun possibbli li l-azjendi agrikoli jiġu kkumpensati għall-konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn dan l-istandard. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jeskludu l-istandard tal-KAAT 2 mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 31(5), il-punt (a),*** tar-Regolament (UE) 2021/2115. Dan għandu jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom skont l-ekoskemi msemmija fl-Artikolu 31 ta' dak ir-Regolament biex ***l-azjendi agrikoli*** attivi kkonċernati mill-istandard tal-KAAT 2 ***ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti*** ta' dak l-istandard ***filwaqt li jżommu livell għoli ta' protezzjoni tal-artijiet mistagħdra u tat-torbiera, b'mod partikolari l-potenzjal tas-sekwestru tal-karbonju ta' dawn iż-żoni***.

finanzjarja addizzjonali, b'mod partikolari għat-tipi ta' produzzjoni bħall-kultivazzjoni tal-għadajjar f'dawn iż-żoni, jenħtieġ li tippremja lill-bdiewa ferm aktar talli jissodisfaw ir-rekwiżiti. ***L-Istati*** Membri ***jenħtieġ li jintroduċu***, meta xieraq, ***skemi ta' kultivazzjoni tal-għadajjar jew ta' ragħa estensiv fl-ambitu tal-Artikolu 31*** tar-Regolament (UE) 2021/2115. Dan għandu jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom skont l-ekoskemi msemmija fl-Artikolu 31 ta' dak ir-Regolament biex ***il-bdiewa*** attivi kkonċernati mill-istandard tal-KAAT 2 ***jiġu remunerati għal rekwiżiti addizzjonali*** ta' dak l-istandard.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fatt li jiġu permessi pagamenti mill-PAK għall-konformità mal-miżuri regolatorji, pjuttost milli biex jinqabżu, iqajjem dubji dwar wieħed mill-prinċipji fundamentali tas-sistemi kollha ta' pagament, jiġifieri li l-miżuri appoġġati għandhom iġibu valur miżjud lil hinn mill-konformità mar-regolamenti. Dan ma jappoġġax it-trasformazzjoni meħtieġa tal-PAK. B'mod alternattiv, din l-emenda għandha l-għan li tiżgura remunerazzjoni effettiva tal-miżuri biex tiġi protetta l-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju billi jiġi remunerat kwalunkwe rekwiżit addizzjonali għall-bdiewa lil hinn mill-obbligu minimu tal-UE.

Emenda 31
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-istandard tal-KAAT 2, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jipproteġi l-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju. L-esperjenza wriet li r-rekwiżiti stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont l-istandard tal-KAAT 2 ħolqu sfidi ***għall-azjendi agrikoli*** u għall-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-vijabbiltà ekonomika ***tal-azjendi agrikoli*** kkonċernati filwaqt li jiggarantixxu l-protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju. Il-konformità ma' ċerti rekwiżiti stabbiliti skont l-istandard tal-KAAT 2, bħal dawk li jinvolvu limitazzjoni tal-produzzjoni, tista' tkun għalja ***għall-azjendi agrikoli*** u tillimita ferm il-kapaċità tagħhom li jibdlu jew jaġġustaw l-użu tal-art tagħhom. Barra minn hekk, l-istandard tal-KAAT 2 qed iħalli impatt fuq ***l-azjendi agrikoli*** f'xi Stati Membri aktar milli f'oħrajn minħabba l-proporzjonijiet differenti ta' artijiet mistagħdra u t-torbieri fit-territorji tagħhom. Filwaqt li jinżammu r-rekwiżiti eżistenti skont l-istandard tal-KAAT 2, meta xieraq, stabbilit b'mod konsistenti mar-rekwiżiti nazzjonali obbligatorji, kif introdotti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun possibbli li ***l-azjendi agrikoli*** jiġu kkumpensati għall-konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn dan l-istandard. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jeskludu l-istandard tal-KAAT 2 mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 31(5), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/2115. Dan għandu jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom skont l-ekoskemi msemmija fl-Artikolu 31 ta' dak ir-Regolament biex ***l-azjendi agrikoli*** attivi kkonċernati mill-istandard tal-KAAT	(19) L-istandard tal-KAAT 2, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jipproteġi l-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju. L-esperjenza wriet li r-rekwiżiti stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont l-istandard tal-KAAT 2 ħolqu sfidi ***għall-bdiewa*** u għall-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-vijabbiltà ekonomika ***tal-bdiewa*** kkonċernati filwaqt li jiggarantixxu l-protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju. Il-konformità ma' ċerti rekwiżiti stabbiliti skont l-istandard tal-KAAT 2, bħal dawk li jinvolvu limitazzjoni tal-produzzjoni, tista' tkun għalja ***għall-bdiewa*** u tillimita ferm il-kapaċità tagħhom li jibdlu jew jaġġustaw l-użu tal-art tagħhom. Barra minn hekk, l-istandard tal-KAAT 2 qed iħalli impatt fuq ***il-bdiewa*** f'xi Stati Membri aktar milli f'oħrajn minħabba l-proporzjonijiet differenti ta' artijiet mistagħdra u t-torbieri fit-territorji tagħhom. Filwaqt li jinżammu r-rekwiżiti eżistenti skont l-istandard tal-KAAT 2, meta xieraq, stabbilit b'mod konsistenti mar-rekwiżiti nazzjonali obbligatorji, kif introdotti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun possibbli li ***l-bdiewa*** jiġu kkumpensati għall-konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn dan l-istandard. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jeskludu l-istandard tal-KAAT 2 mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 31(5), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/2115. Dan għandu jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom skont l-ekoskemi msemmija fl-Artikolu 31 ta' dak ir-Regolament biex ***il-bdiewa*** attivi kkonċernati mill-istandard tal-KAAT 2 ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti

2 ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dak l-istandard filwaqt li jżommu livell għoli ta' protezzjoni tal-artijiet mistagħdra u tat-torbiera, b'mod partikolari l-potenzjal tas-sekwestru tal-karbonju ta' dawn iż-żoni.	ta' dak l-istandard filwaqt li jżommu livell għoli ta' protezzjoni tal-artijiet mistagħdra u tat-torbiera, b'mod partikolari l-potenzjal tas-sekwestru tal-karbonju ta' dawn iż-żoni. ***Biex jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti għal din l-estensjoni tal-ekoskemi għall-konformità mal-istandard tal-KAAT 2, is-sehem tal-baġit għall-pagamenti diretti allokati lill-ekoskemi jiżdied b'35 %.***

Or. en

Emenda 32
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, id-diżastri naturali, l-avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi oħra affettwaw il-produzzjoni ta' ħafna azjendi agrikoli madwar l-Unjoni. U dik ix-xejra mistennija tissokta fil-futur. Għalhekk għandu jkun possibbli li l-Istati Membri joffru pagamenti ta' kriżi fil-forma ta' żieda fl-appoġġ dirett għall-introjtu biex l-aktar azjendi agrikoli milquta jkunu jistgħu jiġu kkumpensati malajr. Biex jinżamm l-inċentiv għall-azjendi agrikoli ħalli jiżguraw il-produzzjoni tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu rata akbar ta' kumpens għal dawk l-azjendi agrikoli, li huma koperti b'polza tal-assigurazzjoni jew b'għodda oħra ta' ġestjoni tar-riskju. Biex jiżdiedu l-fondi mmobilizzati biex jappoġġaw lill-azjendi agrikoli, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jikkofinanzjaw dawk il-pagamenti ta' kriżi b'finanzjament nazzjonali addizzjonali sa 200%. Iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-	***imħassar***

kumpens totali li jirċievi l-bidwi akkumulat b'forom oħra ta' appoġġ iffinanzjat mil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali (inkluż finanzjament nazzjonali addizzjonali), b'poloz tal-assigurazzjoni privata jew b'għodod oħra ta' ġestjoni tar-riskju ma jwassalx għal kumpens żejjed jew finanzjament doppju.

Or. en

Emenda 33
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) ***Biex ikun żgurat li meta l-Istati Membri jżidu t-twettiq tal-objettivi ambjentali, klimatiċi, tal-benesseri tal-annimali u tar-reżistenza antimikrobika, billi jżommu jew jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-impatt ta' dawn ir-rekwiżiti fuq is-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika tal-azjendi agrikoli kkonċernati jkun jista' jinżamm limitat, jeħtieġ li l-Artikolu 70(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115 jiġi emendat biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu appoġġ għall-impenji li jikkontribwixxu għall-konformità mar-rekwiżiti obbligatorji imposti mil-liġi nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, irrispettivament minn jekk dawn ikunx għadhom kif ġew imposti jew jekk kinux jeżistu diġà. Barra minn hekk,*** it-tneħħija tal-limitazzjoni tal-perjodu li matulu jista' jingħata appoġġ għall-impenji agroambjentali klimatiċi għandha tissimplifika l-ġestjoni ta' dawk l-impenji għall-Istati Membri, għax għandha tnaqqas il-ħtieġa ta' modifiki f'dawk l-interventi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tul dan il-	(25) It-tneħħija tal-limitazzjoni tal-perjodu li matulu jista' jingħata appoġġ għall-impenji agroambjentali klimatiċi għandha tissimplifika l-ġestjoni ta' dawk l-impenji għall-Istati Membri, għax għandha tnaqqas il-ħtieġa ta' modifiki f'dawk l-interventi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tul dan il-perjodu tal-programmazzjoni minħabba bidliet ta' tali leġiżlazzjoni nazzjonali jew minħabba l-iskadenza tal-perjodu tal-24 xahar li matulu jista' jingħata appoġġ għall-impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' tali leġiżlazzjoni nazzjonali.

perjodu tal-programmazzjoni minħabba bidliet ta' tali leġiżlazzjoni nazzjonali jew minħabba l-iskadenza tal-perjodu tal-24 xahar li matulu jista' jingħata appoġġ għall-impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' tali leġiżlazzjoni nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan iwassal għal miżuri ta' finanzjament, li diġà qegħdin fis-seħħ u għaldaqstant ma jġibux valur addizzjonali għall-kontribwenti Ewropej.

Emenda 34
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-esperjenza wriet li r-rekwiżiti stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont l-istandard tal-KAAT 2 ħolqu sfidi sinifikanti għall-azjendi agrikoli u għall-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli kkonċernati filwaqt li jiggarantixxu l-protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju. Il-konformità ma' ċerti rekwiżiti stabbiliti skont l-istandard tal-KAAT 2, bħal dawk li jinvolvu limitazzjoni tal-produzzjoni, tista' tkun għalja għall-azjendi agrikoli u tillimita ferm il-kapaċità tagħhom li jibdlu jew jaġġustaw l-użu tal-art tagħhom. Barra minn hekk, l-istandard tal-KAAT 2 iħalli impatt fuq l-azjendi agrikoli f'xi Stati Membri aktar milli f'oħrajn minħabba l-proporzjonijiet differenti ta' artijiet mistagħdra u ta' torbieri fit-territorji tagħhom. Filwaqt li jinżammu r-rekwiżiti eżistenti skont l-istandard tal-KAAT 2, meta xieraq, stabbilit b'mod konsistenti mar-rekwiżiti nazzjonali	***imħassar***

obbligatorji, kif introdotti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun possibbli li l-azjendi agrikoli jiġu kkumpensati għall-konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn dan l-istandard. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jeskludu l-istandard tal-KAAT 2 mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 70(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/2115 għall-interventi bbażati fuq l-Artikolu 70 ta' dak ir-Regolament. Dan għandu jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-interventi msemmija fl-Artikolu 70 ta' dak ir-Regolament, biex l-azjendi agrikoli u benefiċjarji oħra kkonċernati mill-istandard tal-KAAT 2 ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istandard filwaqt li jżommu livell għoli ta' protezzjoni tal-artijiet mistagħdra u tat-torbieri, b'mod partikolari l-potenzjal tas-sekwestru tal-karbonju ta' dawn iż-żoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jiżgura li nżommu l-istandard minimu ta' protezzjoni fl-UE kollha għall-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju. Fl-istess ħin, nitolbu remunerazzjoni u inċentivi veri għar-ragħa estensiv kif ukoll għall-kultivazzjoni tal-għadajjar f'dawn iż-żoni bħala appoġġ għall-bdiewa.

Emenda 35
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-esperjenza wriet li r-rekwiżiti stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont l-istandard tal-KAAT 2 ħolqu sfidi sinifikanti ***għall-azjendi agrikoli*** u għall-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-vijabbiltà ekonomika ***tal-azjendi agrikoli*** kkonċernati filwaqt li jiggarantixxu l-protezzjoni tal-ħamrija	(26) L-esperjenza wriet li r-rekwiżiti stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK skont l-istandard tal-KAAT 2 ħolqu sfidi sinifikanti ***għall-bdiewa*** u għall-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-vijabbiltà ekonomika ***tal-bdiewa*** kkonċernati filwaqt li jiggarantixxu l-protezzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta'

b’livell għoli ta’ karbonju. Il-konformità ma’ ċerti rekwiżiti stabbiliti skont l-istandard tal-KAAT 2, bħal dawk li jinvolvu limitazzjoni tal-produzzjoni, tista’ tkun għalja ***għall-azjendi agrikoli*** u tillimita ferm il-kapaċità tagħhom li jibdlu jew jaġġustaw l-użu tal-art tagħhom. Barra minn hekk, l-istandard tal-KAAT 2 iħalli impatt fuq ***l-azjendi agrikoli*** f’xi Stati Membri aktar milli f’oħrajn minħabba l-proporzjonijiet differenti ta’ artijiet mistagħdra u ta’ torbieri fit-territorji tagħhom. Filwaqt li jinżammu r-rekwiżiti eżistenti skont l-istandard tal-KAAT 2, meta xieraq, stabbilit b’mod konsistenti mar-rekwiżiti nazzjonali obbligatorji, kif introdotti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun possibbli li ***l-azjendi agrikoli*** jiġu kkumpensati għall-konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn dan l-istandard. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jeskludu l-istandard tal-KAAT 2 mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 70(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/2115 għall-interventi bbażati fuq l-Artikolu 70 ta’ dak ir-Regolament. Dan għandu jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-interventi msemmija fl-Artikolu 70 ta’ dak ir-Regolament, biex ***l-azjendi agrikoli*** u benefiċjarji oħra kkonċernati mill-istandard tal-KAAT 2 ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istandard filwaqt li jżommu livell għoli ta’ protezzjoni tal-artijiet mistagħdra u tat-torbieri, b’mod partikolari l-potenzjal tas-sekwestru tal-karbonju ta’ dawn iż-żoni.

karbonju. Il-konformità ma’ ċerti rekwiżiti stabbiliti skont l-istandard tal-KAAT 2, bħal dawk li jinvolvu limitazzjoni tal-produzzjoni, tista’ tkun għalja ***għall-bdiewa*** u tillimita ferm il-kapaċità tagħhom li jibdlu jew jaġġustaw l-użu tal-art tagħhom. Barra minn hekk, l-istandard tal-KAAT 2 iħalli impatt fuq ***il-bdiewa*** f’xi Stati Membri aktar milli f’oħrajn minħabba l-proporzjonijiet differenti ta’ artijiet mistagħdra u ta’ torbieri fit-territorji tagħhom. Filwaqt li jinżammu r-rekwiżiti eżistenti skont l-istandard tal-KAAT 2, meta xieraq, stabbilit b’mod konsistenti mar-rekwiżiti nazzjonali obbligatorji, kif introdotti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun possibbli li ***l-bdiewa*** jiġu kkumpensati għall-konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn dan l-istandard. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jeskludu l-istandard tal-KAAT 2 mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 70(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/2115 għall-interventi bbażati fuq l-Artikolu 70 ta’ dak ir-Regolament. Dan għandu jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom bl-interventi msemmija fl-Artikolu 70 ta’ dak ir-Regolament, biex ***il-bdiewa*** u benefiċjarji oħra kkonċernati mill-istandard tal-KAAT 2 ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istandard filwaqt li jżommu livell għoli ta’ protezzjoni tal-artijiet mistagħdra u tat-torbieri, b’mod partikolari l-potenzjal tas-sekwestru tal-karbonju ta’ dawn iż-żoni. ***Biex jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti għal din l-estensjoni tal-ekoskemi għall-konformità mal-istandard tal-KAAT 2, is-sehem tal-baġit għall-pagamenti diretti allokati lill-ekoskemi jiżdied b’35 %.***

Or. en

Emenda 36
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Biex jappoġġaw b'mod effiċjenti ***lill-azjendi agrikoli*** li l-produzzjoni tagħhom tkun ġarrbet ħsara minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi oħra, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jippjanaw pagamenti ta' kriżi ***mhux biss b'interventi ta' appoġġ dirett għall-introjtu, iżda anki*** b'interventi tal-iżvilupp rurali. Jenħtieġ li tali tipi ta' appoġġ joffru ċerta flessibbiltà biżżejjed lill-Istati Membri waqt l-ippjanar tal-interventi. Iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw il-konsistenza bejn dawn l-interventi. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet dwar l-immirar tal-appoġġ u l-effett ta' inċentiv jenħtieġ li jkunu l-istess. Biex tkun żgurata ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-kumpens totali li ***jirċievu*** l-bidwi akkumulat ma' forom oħra ta' appoġġ iffinanzjat mil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali (inkluż finanzjament nazzjonali addizzjonali), b'poloz tal-assigurazzjoni privata jew b'għodod oħra ta' ġestjoni tar-riskju ma jwassalx għal kumpens żejjed jew finanzjament doppju.	(33) Biex jappoġġaw b'mod effiċjenti ***lill-bdiewa*** li l-produzzjoni tagħhom tkun ġarrbet ħsara minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi oħra, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jippjanaw pagamenti ta' kriżi b'interventi tal-iżvilupp rurali. Jenħtieġ li tali tipi ta' appoġġ joffru ċerta flessibbiltà biżżejjed lill-Istati Membri waqt l-ippjanar tal-interventi. Iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw il-konsistenza bejn dawn l-interventi. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet dwar l-immirar tal-appoġġ u l-effett ta' inċentiv jenħtieġ li jkunu l-istess. Biex tkun żgurata ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-kumpens totali li ***jirċievi*** l-bidwi akkumulat ma' forom oħra ta' appoġġ iffinanzjat mil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali (inkluż finanzjament nazzjonali addizzjonali), b'poloz tal-assigurazzjoni privata jew b'għodod oħra ta' ġestjoni tar-riskju ma jwassalx għal kumpens żejjed jew finanzjament doppju.

Or. en

Emenda 37
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Biex ikun żgurat finanzjament adegwat għat-tipi l-ġodda ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi ***lill-azjendi agrikoli*** wara diżastri naturali, avvenimenti	(41) Biex ikun żgurat finanzjament adegwat għat-tipi l-ġodda ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi ***lill-bdiewa*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi

klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi kif imsemmi ***fl-Artikoli 41a u*** 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jżommu ċertu sehem ***tal-pagamenti diretti u*** tal-finanzjament tal-FAEŻR għal dawn it-tipi ta' intervent. Iżda biex ikun żgurat li jibqa' finanzjament biżżejjed biex jitwettqu l-prijoritajiet l-oħra tal-PAK, dan is-sehem jenħtieġ li jkun limitat għal ammont annwali massimu, disponibbli għal kull Stat Membru, li jikkorrispondi għal 3 % tat-total ***tal-pagamenti diretti u*** tal-finanzjament tal-FAEŻR kull sena. ***Biex l-Istati Membri jitħeġġu jipprivileġġaw l-użu tal-istrument stabbilit fl-Artikolu 41a ta' dak ir-Regolament u ffinanzjat b'pagamenti diretti, l-ammont annwali massimu li jista' jiġi riżervat minn Stat Membru għal dan it-tip ta' intervent jenħtieġ li jkun jikkorrispondi għal 4% tat-total tal-pagamenti diretti u l-finanzjament tal-FAEŻR kull sena, jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li ma jagħtix appoġġ għal pagamenti ta' kriżi skont l-Artikolu 78a ta' dak ir-Regolament.***

avversi jew avvenimenti katastrofiċi kif imsemmi ***fl-Artikolu*** 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jżommu ċertu sehem tal-finanzjament tal-FAEŻR għal dawn it-tipi ta' intervent. Iżda biex ikun żgurat li jibqa' finanzjament biżżejjed biex jitwettqu l-prijoritajiet l-oħra tal-PAK, dan is-sehem jenħtieġ li jkun limitat għal ammont annwali massimu, disponibbli għal kull Stat Membru, li jikkorrispondi għal 3 % tat-total tal-finanzjament tal-FAEŻR kull sena.

Or. en

Emenda 38
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Biex ikun żgurat finanzjament adegwat għat-tipi l-ġodda ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi ***lill-azjendi agrikoli*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi kif imsemmi ***fl-Artikoli 41a u*** 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jżommu ċertu sehem ***tal-pagamenti diretti***	(41) Biex ikun żgurat finanzjament adegwat għat-tipi l-ġodda ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi ***lill-bdiewa*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi kif imsemmi ***fl-Artikolu*** 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jżommu ċertu sehem tal-finanzjament tal-FAEŻR għal dawn it-tipi

u tal-finanzjament tal-FAEŻR għal dawn it-tipi ta' intervent. Iżda biex ikun żgurat li jibqa' finanzjament biżżejjed biex jitwettqu l-prijoritajiet l-oħra tal-PAK, dan is-sehem jenħtieġ li jkun limitat għal ammont annwali massimu, disponibbli għal kull Stat Membru, li jikkorrispondi għal 3 % tat-total tal-pagamenti diretti u tal-finanzjament tal-FAEŻR kull sena. ***Biex l-Istati Membri jitħeġġu jipprivileġġaw l-użu tal-istrument stabbilit fl-Artikolu 41a ta' dak ir-Regolament u ffinanzjat b'pagamenti diretti, l-ammont annwali massimu li jista' jiġi riżervat minn Stat Membru għal dan it-tip ta' intervent jenħtieġ li jkun jikkorrispondi għal 4% tat-total tal-pagamenti diretti u l-finanzjament tal-FAEŻR kull sena, jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li ma jagħtix appoġġ għal pagamenti ta' kriżi skont l-Artikolu 78a ta' dak ir-Regolament.***

ta' intervent. Iżda biex ikun żgurat li jibqa' finanzjament biżżejjed biex jitwettqu l-prijoritajiet l-oħra tal-PAK, dan is-sehem jenħtieġ li jkun limitat għal ammont annwali massimu, disponibbli għal kull Stat Membru, li jikkorrispondi għal 3 % tat-total tal-pagamenti diretti u tal-finanzjament tal-FAEŻR kull sena.

Or. en

Emenda 39
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Biex ikun żgurat finanzjament adegwat għat-tipi l-ġodda ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi ***lill-azjendi agrikoli*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi kif imsemmi fl-Artikoli 41a u 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jżommu ċertu sehem tal-pagamenti diretti u tal-finanzjament tal-FAEŻR għal dawn it-tipi ta' intervent. Iżda biex ikun żgurat li jibqa' finanzjament biżżejjed biex jitwettqu l-prijoritajiet l-oħra tal-PAK, dan is-sehem jenħtieġ li jkun limitat għal ammont annwali massimu, disponibbli għal kull	(41) Biex ikun żgurat finanzjament adegwat għat-tipi l-ġodda ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi ***lill-bdiewa*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi kif imsemmi fl-Artikoli 41a u 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jżommu ċertu sehem tal-pagamenti diretti u tal-finanzjament tal-FAEŻR għal dawn it-tipi ta' intervent. Iżda biex ikun żgurat li jibqa' finanzjament biżżejjed biex jitwettqu l-prijoritajiet l-oħra tal-PAK, dan is-sehem jenħtieġ li jkun limitat għal ammont annwali massimu, disponibbli għal kull

Stat Membru, li jikkorrispondi għal 3% tat-total tal-pagamenti diretti ***u tal-finanzjament tal-FAEŻR*** kull sena. Biex l-Istati Membri jitħeġġu jipprivileġġaw l-użu tal-istrument stabbilit fl-Artikolu 41a ta' dak ir-Regolament u ffinanzjat b'pagamenti diretti, l-ammont annwali massimu li jista' jiġi riżervat minn Stat Membru għal dan it-tip ta' intervent jenħtieġ li jkun jikkorrispondi għal 4 % tat-total tal-pagamenti diretti ***u l-finanzjament tal-FAEŻR*** kull sena, jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li ma jagħtix appoġġ għal pagamenti ta' kriżi skont l-Artikolu 78a ta' dak ir-Regolament.	Stat Membru, li jikkorrispondi għal 3 % tat-total tal-pagamenti diretti kull sena***. L-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw li l-ammont meħud ma jkollu ebda effett negattiv fuq il-baġit tal-miżuri fl-ambitu tal-objettivi fl-Artikolu 6(d), (e) u (f) tar-Regolament (UE) 2021/2115***. Biex l-Istati Membri jitħeġġu jipprivileġġaw l-użu tal-istrument stabbilit fl-Artikolu 41a ta' dak ir-Regolament u ffinanzjat b'pagamenti diretti, l-ammont annwali massimu li jista' jiġi riżervat minn Stat Membru għal dan it-tip ta' intervent jenħtieġ li jkun jikkorrispondi għal 4 % tat-total tal-pagamenti diretti kull sena, jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li ma jagħtix appoġġ għal pagamenti ta' kriżi skont l-Artikolu 78a ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-baġit għall-Artikoli 41a u 78a ma għandux ikollu impatt negattiv fuq l-objettivi ambjentali, klimatiċi u tal-benesseri tal-annimali.

Emenda 40
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Minħabba n-natura speċjali tagħhom, it-tipi l-ġodda ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi ***lill-azjendi agrikoli b'pagamenti diretti kif imsemmi fl-Artikolu 41a tar-Regolament (UE) 2021/2115 u*** tal-iżvilupp rurali kif imsemmi fl-Artikolu 78a ***ta' dak ir-Regolament*** jenħtieġ li jkunu eżentati mill-obbligu li jikkontribwixxu għall-indikaturi tar-riżultati elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.	(42) Minħabba n-natura speċjali tagħhom, it-tipi l-ġodda ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi ***lill-bdiewa fl-ambitu*** tal-iżvilupp rurali kif imsemmi fl-Artikolu 78a ***tar-Regolament (UE) 2021/2115*** jenħtieġ li jkunu eżentati mill-obbligu li jikkontribwixxu għall-indikaturi tar-riżultati elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 41
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Il-finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-pagamenti ta' kriżi komplementari lill-azjendi agrikoli previst f'konformità mal-Artikolu 41a tar-Regolament (UE) 2021/2115 jenħtieġ li jiġi inkluż fl-Anness V tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tal-Istat Membru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 42
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Il-finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-pagamenti ta' kriżi komplementari lill-azjendi agrikoli previst f'konformità mal-Artikolu 41a tar-Regolament (UE) 2021/2115 jenħtieġ li jiġi inkluż fl-Anness V tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tal-Istat Membru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 43
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) L-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) 2021/2115 jiżgura li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jiġu aġġornati biex ikunu jirriflettu l-emendi li saru fl-atti leġiżlattivi elenkati fl-Anness XIII ta' dak ir-Regolament dwar l-ambjent u l-klima li għalihom il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jenħtieġ li jikkontribwixxu u jkunu konsistenti magħhom. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jivvalutaw jekk il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhomx bżonn emenda, u meta meħtieġ iridu jippreżentaw talba għal emenda li timmodifika xi wieħed mill-atti leġiżlattivi. Biex ikunu evitati proċessi amministrattivi mhux meħtieġa waqt il-fażi aħħarija tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, l-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) 2021/2115 jenħtieġ li jitħassar.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-PAK b'mod ġenerali għandha tikkontribwixxi għall-koerenza tal-politika u l-bdiewa għandhom jibbenefikaw minn opportunitajiet ġodda ta' introjtu li jafu jiddaħħlu. It-tħassir tal-Artikolu 120 imur kontra l-Artikolu 11 tat-TFUE.

Emenda 44
Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) L-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) 2021/2115 jiżgura li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jiġu aġġornati biex ikunu jirriflettu l-emendi li saru fl-atti leġiżlattivi elenkati fl-Anness XIII ta' dak ir-Regolament dwar l-ambjent u l-klima li għalihom il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jenħtieġ li jikkontribwixxu u jkunu konsistenti magħhom. Għal dak il-għan,	***imħassar***

l-Istati Membri jenħtieġ li jivvalutaw jekk il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhomx bżonn emenda, u meta meħtieġ iridu jippreżentaw talba għal emenda li timmodifika xi wieħed mill-atti leġiżlattivi. Biex ikunu evitati proċessi amministrattivi mhux meħtieġa waqt il-fażi aħħarija tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, l-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) 2021/2115 jenħtieġ li jitħassar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta twassal biex il-PAK ma tibqax konformi mal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE u tmur kontra l-Artikolu 11 tat-TFUE. Jeħtieġ li l-atti leġiżlattivi futuri jkunu koerenti u koordinati mal-PAK u jafu jagħtu lill-bdiewa opportunitajiet ġodda ta' introjtu bħal perezempju fl-ambitu tar-regolament dwar ir-restawr tan-natura.

Emenda 45
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(53) Il-finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-pagamenti ta' kriżi komplementari lill-azjendi agrikoli previst f'konformità mal-Artikolu 41a tar-Regolament (UE) 2021/2115 jenħtieġ li jkun soġġett għall-istess regoli bħall-finanzjament nazzjonali addizzjonali tal-iżvilupp rurali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 46
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(53) Il-finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-pagamenti ta' kriżi komplementari lill-azjendi agrikoli previst f'konformità mal-Artikolu 41a tar-Regolament (UE) 2021/2115 jenħtieġ li jkun soġġett għall-istess regoli bħall-finanzjament nazzjonali addizzjonali tal-iżvilupp rurali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 47
Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) Skont l-Artikolu 159 tar-Regolament (UE) 2021/2115 il-Kummissjoni trid tirrevedi l-lista tal-atti leġiżlattivi fl-Anness XIII ta' dak ir-Regolament u tagħmel proposti leġiżlattivi biex iżżid atti leġiżlattivi addizzjonali ma' dak l-Anness. Fid-dawl tat-tħassir tal-Artikolu 120 ta' dak ir-Regolament, l-Artikolu 159 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jitħassar biex ikunu żgurati l-koerenza u l-istabbiltà u jkun evitat it-tfixkil fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-azjendi agrikoli u minn benefiċjarji oħra.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta twassal biex il-PAK ma tibqax konformi mal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE u tmur kontra l-Artikolu 11 tat-TFUE. Jeħtieġ li l-atti leġiżlattivi futuri jkunu koerenti u koordinati mal-PAK.

Emenda 48
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) Skont l-Artikolu 159 tar-Regolament (UE) 2021/2115 il-Kummissjoni trid tirrevedi l-lista tal-atti leġiżlattivi fl-Anness XIII ta' dak ir-Regolament u tagħmel proposti leġiżlattivi biex iżżid atti leġiżlattivi addizzjonali ma' dak l-Anness. Fid-dawl tat-tħassir tal-Artikolu 120 ta' dak ir-Regolament, l-Artikolu 159 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jitħassar biex ikunu żgurati l-koerenza u l-istabbiltà u jkun evitat it-tfixkil fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-azjendi agrikoli u minn benefiċjarji oħra.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-PAK b'mod ġenerali għandha tikkontribwixxi għall-koerenza tal-politika u l-bdiewa għandhom jibbenefikaw minn opportunitajiet ġodda ta' introjtu li jafu jiddaħħlu. It-tħassir tal-Artikolu 120 imur kontra l-Artikolu 11 tat-TFUE.

Emenda 49
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) L-istandard tal-KAAT 1, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jżomm bwar permanenti biex jippreservaw il-ħażna tal-karbonju abbażi ta' proporzjon ta' bur permanenti fir-rigward taż-żona agrikola fil-livell nazzjonali, reġjonali,	***imħassar***

subreġjonali, ta' grupp ta' azjendi jew ta' azjenda meta mqabbla mas-sena ta' referenza 2018, bi tnaqqis massimu ta' 5% meta mqabbel mas-sena ta' referenza. Bidliet strutturali li jistgħu jseħħu fl-azjendi agrikoli tul il-perjodu tal-programmazzjoni 2023-2027, b'mod partikolari fis-settur tal-bhejjem. Apparti dawn il-bidliet, jistgħu jsiru bidliet malajr fl-użu tal-art fil-livell ta' azjenda agrikola, b'mod partikolari biex jittaffew l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq id-disponibbiltà tal-għalf u tal-magħlef, li madankollu jistgħu jidhru biss fid-data disponibbli b'dewmien. Tali evoluzzjoni tal-bidliet strutturali fl-azjendi agrikoli tista' twassal għal varjazzjonijiet fil-proporzjon annwali tal-bwar permanenti meta mqabbla mas-sena ta' referenza 2018. Fid-dawl ta' dawn il-varjazzjonijiet u biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-istandard tal-KAAT 1, il-persentaġġ massimu tat-tnaqqis tal-proporzjon tal-bwar permanenti meta mqabbel mas-sena ta' referenza 2018 jenħtieġ li jiżdied għal 10% biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jqisu l-iżviluppi tul il-perjodu tal-programmazzjoni 2023-2027 u l-ħtiġijiet tal-azjendi agrikoli, b'mod partikolari fis-settur tal-bhejjem.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-Kummissjoni Ewropea ma pprovdietx lil-leġiżlatur b'valutazzjoni tal-impatt xierqa, il-leġiżlatur ma għandux ċifri uffiċjali dwar l-impatt eżatt tal-bidliet proposti hawnhekk. Abbażi tal-estimi, din il-bidla tista' twassal biex jiġu rilaxxati madwar 125 miljun tunnellata ta' CO_2 addizzjonali fl-UE kollha. Dan l-ammont jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għall-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tar-Repubblika Ċeka fl-2022. Barra minn hekk, il-bwar għandhom ħafna effetti pożittivi fuq il-bijodiversità.

Emenda 50
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) L-istandard tal-KAAT 1, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jżomm bwar permanenti biex jippreservaw il-ħażna tal-karbonju abbażi ta' proporzjon ta' bur permanenti fir-rigward taż-żona agrikola fil-livell nazzjonali, reġjonali, subreġjonali, ta' grupp ta' azjendi jew ta' azjenda meta mqabbla mas-sena ta' referenza 2018, bi tnaqqis massimu ta' 5 % meta mqabbel mas-sena ta' referenza. Bidliet strutturali ***li jistgħu jseħħu*** fl-azjendi agrikoli tul il-perjodu tal-programmazzjoni 2023-2027, b'mod partikolari ***fis-settur tal-bhejjem. Apparti dawn il-bidliet, jistgħu jsiru bidliet malajr fl-użu tal-art fil-livell ta' azjenda agrikola, b'mod partikolari*** biex jittaffew l-impatti tat-tibdil fil-klima ***fuq id-disponibbiltà tal-għalf u tal-magħlef, li madankollu jistgħu jidhru biss fid-data disponibbli b'dewmien. Tali evoluzzjoni tal-bidliet strutturali fl-azjendi agrikoli tista' twassal għal varjazzjonijiet fil-proporzjon annwali tal-bwar permanenti meta mqabbla mas-sena ta' referenza 2018***. Fid-dawl ta' ***dawn il-varjazzjonijiet u biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-istandard tal-KAAT 1, il-persentaġġ massimu tat-tnaqqis*** tal-proporzjon tal-bwar permanenti meta mqabbel mas-sena ta' referenza 2018 ***jenħtieġ li jiżdied għal 10%*** biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jqisu ***l-iżviluppi tul il-perjodu tal-programmazzjoni 2023-2027 u*** l-ħtiġijiet tal-azjendi agrikoli, b'mod partikolari ***fis-settur tal-bhejjem***.	(57) L-istandard tal-KAAT 1, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, għandu l-għan li jżomm bwar permanenti biex jippreservaw il-ħażna tal-karbonju abbażi ta' proporzjon ta' bur permanenti fir-rigward taż-żona agrikola fil-livell nazzjonali, reġjonali, subreġjonali, ta' grupp ta' azjendi jew ta' azjenda meta mqabbla mas-sena ta' referenza 2018, bi tnaqqis massimu ta' 5 % meta mqabbel mas-sena ta' referenza. Bidliet strutturali fl-azjendi agrikoli ***jistgħu jseħħu*** tul il-perjodu tal-programmazzjoni 2023-2027, b'mod partikolari biex jittaffew l-impatti tat-tibdil fil-klima. Fid-dawl ***tal-potenzjal tal-bwar biex jikkontribwixxu għar-reżiljenza għall-klima u r-reżiljenza idrika billi jaġixxu bħala bjar tal-karbonju, filwaqt li jirregolaw iċ-ċiklu idriku u jappoġġaw il-bijodiversità, jenħtieġ li ma jkun hemm ebda tnaqqis*** tal-proporzjon tal-bwar permanenti meta mqabbel mas-sena ta' referenza 2018 biex l-Istati Membri jkunu jistgħu ***jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet filwaqt li*** jqisu l-ħtiġijiet tal-azjendi agrikoli, b'mod partikolari ***fir-rigward tad-degradazzjoni tal-ħamrija***.

Or. en

Emenda 51
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) L-istandard tal-KAAT 4, elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, hu maħsub biex jipproteġi l-mogħdijiet tax-xmajjar mit-tniġġis u mit-tnixxijiet bl-istabbiliment ta' strixxi ta' lqugħ tul il-mogħdijiet tal-ilma. L-esperjenza wriet li l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jallinjaw id-definizzjoni ta' mogħdija tal-ilma għall-finijiet ta' dan l-istandard tal-KAAT mad-definizzjoni ta' mogħdija tal-ilma stabbilita mill-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, inkluż fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li hi parti mill-SMR elenkat fl-Anness III ta' dak ir-Regolament. Id-definizzjoni ta' mogħdija tal-ilma użata mill-Istati Membri għall-finijiet tal-istandard tal-KAAT 4 jenħtieġ li tkun konformi mal-objettiv ewlieni ta' dak l-istandard tal-KAAT, b'mod partikolari biex jitnaqqas ir-riskju li l-mogħdijiet tal-ilma iżgħar, li jaf ikunu qed iġorru xi tniġġis fid-direzzjoni tal-ilma, jiġu esklużi mill-ambitu ta' dak l-istandard tal-KAAT.	***imħassar***

Or. en

Emenda 52
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(59) It-tisħiħ tal-interoperabbiltà, inkluż l-iskambju bla skossi tad-data, bejn is-sistemi tal-informazzjoni agrikola pubblika joffri firxa ta' benefiċċji operazzjonali, statistiċi u relatati mal-politika, fosthom inaqqas il-piż tal-ġbir tad-data u jtejjeb l-effiċjenza, jipprovdi integrazzjoni u	(59) It-tisħiħ tal-interoperabbiltà, inkluż l-iskambju bla skossi tad-data, bejn is-sistemi tal-informazzjoni agrikola pubblika joffri firxa ta' benefiċċji operazzjonali, statistiċi u relatati mal-politika, fosthom inaqqas il-piż tal-ġbir tad-data u jtejjeb l-effiċjenza, jipprovdi integrazzjoni u

validazzjoni awtomatizzati tad-data, itejjeb il-preċiżjoni u l-affidabbiltà tad-data, iżid il-monitoraġġ tal-politika u jipprovdi kollaborazzjoni aktar effettiva fi ħdan l-Istati Membri. Iżda n-nuqqas ta' struttura kkoordinata fil-livell tal-Istati Membri, kif ukoll id-differenzi osservati fil-progress tat-tranżizzjoni diġitali fost l-Istati Membri jxekklu l-implimentazzjoni effettiva tal-interoperabbiltà u l-benefiċċji tagħha. Bi qbil mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel", li tenfasizza l-prinċipju "iġbor darba, uża diversi drabi", l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-data tinġabar darba biss mill-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK u terġa' tintuża, mingħajr ma joqogħdu jitolbu lill-azjendi agrikoli diversi drabi biex jipprovdu l-istess data.

validazzjoni awtomatizzati tad-data, itejjeb il-preċiżjoni u l-affidabbiltà tad-data, iżid il-monitoraġġ tal-politika u jipprovdi kollaborazzjoni aktar effettiva fi ħdan l-Istati Membri. Iżda n-nuqqas ta' struttura kkoordinata fil-livell tal-Istati Membri, kif ukoll id-differenzi osservati fil-progress tat-tranżizzjoni diġitali fost l-Istati Membri jxekklu l-implimentazzjoni effettiva tal-interoperabbiltà u l-benefiċċji tagħha. Bi qbil mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel", li tenfasizza l-prinċipju "iġbor darba, uża diversi drabi", l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-data tinġabar darba biss mill-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK u terġa' tintuża, mingħajr ma joqogħdu jitolbu lill-azjendi agrikoli diversi drabi biex jipprovdu l-istess data***, filwaqt li jiżguraw li l-protezzjoni tad-data tal-individwi tiġi ssalvagwardjata***.

Or. en

Emenda 53
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) Biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK, u l-iskambju bla xkiel tad-data bejn dawk is-sistemi tal-informazzjoni għall-ġid ***tal-azjendi agrikoli*** u benefiċjarji oħra tal-PAK u l-amministrazzjoni, u potenzjalment l-ekonomija usa', u b'kunsiderazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għad-Data[15] u inizjattivi rilevanti oħra tal-UE u nazzjonali, bħall-Ispazju Komuni Ewropew	(60) Biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK, u l-iskambju bla xkiel tad-data bejn dawk is-sistemi tal-informazzjoni ***filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data tal-individwi*** għall-ġid ***tal-bdiewa*** u benefiċjarji oħra tal-PAK u l-amministrazzjoni, u potenzjalment l-ekonomija usa', u b'kunsiderazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għad-Data[15] u inizjattivi rilevanti oħra tal-UE u

tad-Data dwar l-Agrikoltura u l-Att dwar Ewropa Interoperabbli[16], kull Stat Membru jenħtieġ li jaħtar awtorità responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali li jkun fih miżuri u azzjonijiet. Għal dak il-għan, l-awtorità maħtura jenħtieġ li, meta rilevanti, tikkollabora ma' awtoritajiet nazzjonali oħra u mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. Biex ikun żgurat segwitu fil-ħin u xieraq mill-Kummissjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jippreżentaw il-Pjanijiet Direzzjonali tagħhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li tagħmel osservazzjonijiet dwar il-Pjanijiet Direzzjonali ppreżentati mill-Istati Membri ħalli tiżgura l-koerenza u t-titjib tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-informazzjoni agrikola pubblika. Approċċ mhux armonizzat għall-identifikaturi diġitali jew għall-mekkaniżmi tal-iskambju tad-data jfixkel il-progress fejn tidħol l-interoperabbiltà. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw l-istabbiliment ta' qafas uniku tal-identità diġitali u l-allinjament mar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], inkluż fir-rigward tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu u jimplimentaw il-Pjan Direzzjonali abbażi tas-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u ***għandhom*** jiżguraw li jkun fih il-miżuri meħtieġa biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-informazzjoni agrikola pubblika ***kif ukoll*** l-iskeda għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri. Jenħtieġ li l-ħatra tal-Awtorità kif ukoll it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali ma jitqisux bħala rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni, imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2021/2116.

[15] IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-

nazzjonali, bħall-Ispazju Komuni Ewropew tad-Data dwar l-Agrikoltura u l-Att dwar Ewropa Interoperabbli[16], kull Stat Membru jenħtieġ li jaħtar awtorità responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali li jkun fih miżuri u azzjonijiet. Għal dak il-għan, l-awtorità maħtura jenħtieġ li, meta rilevanti, tikkollabora ma' awtoritajiet nazzjonali oħra u mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. Biex ikun żgurat segwitu fil-ħin u xieraq mill-Kummissjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jippreżentaw il-Pjanijiet Direzzjonali tagħhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li tagħmel osservazzjonijiet dwar il-Pjanijiet Direzzjonali ppreżentati mill-Istati Membri ħalli tiżgura l-koerenza u t-titjib tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-informazzjoni agrikola pubblika. Approċċ mhux armonizzat għall-identifikaturi diġitali jew għall-mekkaniżmi tal-iskambju tad-data jfixkel il-progress fejn tidħol l-interoperabbiltà. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw l-istabbiliment ta' qafas uniku tal-identità diġitali u l-allinjament mar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], inkluż fir-rigward tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu u jimplimentaw il-Pjan Direzzjonali abbażi tas-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u ***jenħtieġ li*** jiżguraw li jkun fih il-miżuri meħtieġa biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-informazzjoni agrikola pubblika***,*** l-iskeda għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri ***kif ukoll il-mod kif id-data tiġi aggregata u anonimizzata***. Jenħtieġ li l-ħatra tal-Awtorità kif ukoll it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali ma jitqisux bħala rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni, imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (c)***,*** tar-Regolament (UE) 2021/2116.

[15] IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-

KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI, Strateġija Ewropea għad-Data, COM/2020/66 final.

[16] Ir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li jistipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha (Att dwar Ewropa Interoperabbli) (ĠU L, 2024/903, 22.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/903/oj)

[17] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73-114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj).

KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI, Strateġija Ewropea għad-Data, COM/2020/66 final.

[16] Ir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li jistipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha (Att dwar Ewropa Interoperabbli) (ĠU L, 2024/903, 22.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/903/oj)

[17] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73-114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj).

Or. en

Emenda 54
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) L-esperjenza bl-implimentazzjoni tar-riżerva agrikola wriet li hi siewja f'każ ta' kriżi biex jingħata appoġġ lill-azjendi agrikoli milquta u biex jingħata kontribut biex is-swieq jerġgħu lura fuq saqajhom. Iżda fl-aħħar snin, dan kien qed jintuża dejjem aktar biex tittaffa s-sitwazzjoni tal-azjendi agrikoli li jbatu telf dirett minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi, minkejja li l-għan oriġinali maħsub tiegħu, bħala strument tas-suq	***imħassar***

finanzjarju, kien li jiffoka fuq il-kumpens u l-mitigazzjoni tal-impatti tad-disturbi tas-suq. Fid-dawl tal-isfidi dejjem akbar li qed jiffaċċja s-settur agrikolu tal-Unjoni, inkluż it-tensjonijiet kummerċjali, l-inċertezza ġeopolitika u ż-żieda fl-impatt indirett tal-kwistjonijiet tas-saħħa tal-annimali fuq il-bilanċ tas-suq, jidher iġġustifikat li r-riżerva terġa' tiġi ffokata fuq l-għan oriġinali tagħha. Il-kumpensi lill-azjendi agrikoli għall-effetti diretti ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi, bħal dawk li jwasslu għal telf fiżiku tal-pjanti, tal-annimali u tal-prodotti tagħhom, jenħtieġ li jindirizzawhom l-Istati Membri li huma responsabbli għall-iżvilupp ta' strateġiji sodi ta' ġestjoni tar-riskju u tal-kriżijiet bl-appoġġ finanzjarju tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, inkluż bl-istrumenti ġodda stabbiliti minn dan ir-Regolament. Il-miżuri li jibbilanċjaw l-impatt negattiv fuq l-azjendi agrikoli ġġenerat minn tfixkil fis-suq, bħal dawk li jaffettwaw il-prezzijiet, il-kostijiet jew il-bejgħ, anki meta jiġi ġġenerat bħala effetti indiretti ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi, jenħtieġ li jkomplu jiġu ffinanzjati mir-riżerva agrikola.

Or. en

Emenda 55
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) L-esperjenza bl-implimentazzjoni tar-riżerva agrikola wriet li hi siewja f'każ ta' kriżi biex jingħata appoġġ lill-azjendi agrikoli milquta u biex jingħata kontribut biex is-swieq jerġgħu lura fuq saqajhom.	***imħassar***

Iżda fl-aħħar snin, dan kien qed jintuża dejjem aktar biex tittaffa s-sitwazzjoni tal-azjendi agrikoli li jbatu telf dirett minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi, minkejja li l-għan oriġinali maħsub tiegħu, bħala strument tas-suq finanzjarju, kien li jiffoka fuq il-kumpens u l-mitigazzjoni tal-impatti tad-disturbi tas-suq. Fid-dawl tal-isfidi dejjem akbar li qed jiffaċċja s-settur agrikolu tal-Unjoni, inkluż it-tensjonijiet kummerċjali, l-inċertezza ġeopolitika u ż-żieda fl-impatt indirett tal-kwistjonijiet tas-saħħa tal-annimali fuq il-bilanċ tas-suq, jidher iġġustifikat li r-riżerva terġa' tiġi ffokata fuq l-għan oriġinali tagħha. Il-kumpensi lill-azjendi agrikoli għall-effetti diretti ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi, bħal dawk li jwasslu għal telf fiżiku tal-pjanti, tal-annimali u tal-prodotti tagħhom, jenħtieġ li jindirizzawhom l-Istati Membri li huma responsabbli għall-iżvilupp ta' strateġiji sodi ta' ġestjoni tar-riskju u tal-kriżijiet bl-appoġġ finanzjarju tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, inkluż bl-istrumenti ġodda stabbiliti minn dan ir-Regolament. Il-miżuri li jibbilanċjaw l-impatt negattiv fuq l-azjendi agrikoli ġġenerat minn tfixkil fis-suq, bħal dawk li jaffettwaw il-prezzijiet, il-kostijiet jew il-bejgħ, anki meta jiġi ġġenerat bħala effetti indiretti ta' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi, jenħtieġ li jkomplu jiġu ffinanzjati mir-riżerva agrikola.

Or. en

Emenda 56
Ciaran Mullooly, Elsi Katainen, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2021/2115

Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"bur permanenti u mergħa permanenti" (flimkien imsejħa "bwar permanenti") għandhom ikunu art li tintuża għat-tkabbir tal-ħaxix jew ta' foraġġ erbaċew ieħor b'mod naturali (li jżarra') jew b'kultivazzjoni (miżrugħa) ***u li ma tkunx ġiet inkluża fin-newba tal-għelejjel tal-azjenda għal ħames snin jew aktar jew, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, għal seba' snin jew aktar u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, li ma tkunx inħartet, jew inħadmet, jew ma tkunx reġgħet inżergħet b'tipi differenti ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, għal ħames snin jew aktar jew għal seba' snin jew aktar***. Tista' tinkludi speċijiet oħra bħal ***arbuxxell*** jew siġar, tajbin għar-ragħa u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, speċijiet oħra bħal ***arbuxxell*** jew siġar li jipproduċu għalf tal-annimali, diment li l-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti.***;***	"bur permanenti u mergħa permanenti" (flimkien imsejħa "bwar permanenti") għandhom ikunu art li tintuża għat-tkabbir tal-ħaxix jew ta' foraġġ erbaċew ieħor b'mod naturali (li jżarra') jew b'kultivazzjoni (miżrugħa). Tista' tinkludi speċijiet oħra bħal ***arbuxxelli*** jew siġar, tajbin għar-ragħa u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, speċijiet oħra bħal ***arbuxxelli*** jew siġar li jipproduċu għalf tal-annimali, diment li l-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti. ***L-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu bur permanenti jew***
	(a) bħala art li ma tkunx ġiet inkluża fin-newba tal-għelejjel tal-azjenda u ma tkunx inħartet, inħadmet jew inżergħet mill-ġdid b'tipi differenti ta' ħaxix jew b'foraġġ erbaċew ieħor għal perjodu ta' seba' snin jew iktar,
	jew
	(b) bħala art li ma ġietx ikklassifikata bħala raba' li jinħadem mill-1 ta' Jannar 2023, li jippermetti li art li kellha status ta' raba' li jinħadem f'dik id-data żżomm dak l-istatus b'mod permanenti, anki jekk tintuża temporanjament għall-ħaxix jew għal foraġġ erbaċew ieħor.
	Meta l-Istati Membru jagħżlu l-approċċ ta' data limitu, jistgħu jiddeċiedu li tali użu temporanju ma għandux jirriżulta f'riklassifikazzjoni bħala bur permanenti, u lanqas ma jkunu meħtieġa l-ħrit u ż-żrigħ mill-ġdid biex iżżomm l-istatus tagħha ta' raba' li jinħadem.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment introduces a flexible definition of permanent grassland, allowing Member States to choose between two models based on national agronomic realities. The first option, in line with the Commission's proposal, defines permanent grassland based on a seven-year threshold. The second option provides a cut-off date — 1 January 2023, marking the start of the current CAP period and the national Strategic Plans. Under this approach, land classified as arable at that date may retain its arable status even when temporarily used for grasses or herbaceous forage, such as clover-grass or pasture. To further safeguard sustainable land management, the amendment allows Member States to prevent automatic reclassification of such land as permanent grassland and to explicitly rule out the need for ploughing or reseeding to preserve arable status. This respects local crop rotations and ecological practices while avoiding bureaucratic pressure to farm against logic. These provisions respond to a long-standing structural problem: land is currently reclassified as permanent grassland after several years of non-rotational forage use, even when such use is agronomically and environmentally beneficial. This creates pressure to plough or reseed solely for regulatory compliance — despite no agricultural or ecological rationale. This amendment supports biodiversity by allowing longer forage cycles without triggering ploughing to avoid formal reclassification. It ensures that GAEC 1 objectives are met without disrupting established, sustainable land use systems, and gives Member States the flexibility to choose the model that best fits their regions while reducing administrative burden and avoiding counterproductive regulation.

Emenda 57
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 4 – paragrafu 3 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"bur permanenti u mergħa permanenti" (flimkien imsejħa "bwar permanenti") għandhom ikunu art li tintuża għat-tkabbir tal-ħaxix jew ta' foraġġ erbaċew ieħor b'mod naturali (li jżarra') jew b'kultivazzjoni (miżrugħa) ***u li ma tkunx ġiet inkluża fin-newba tal-għelejjel tal-azjenda għal ħames snin jew aktar jew, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, għal seba' snin jew aktar u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, li ma tkunx inħartet, jew inħadmet, jew ma tkunx***	"bur permanenti u mergħa permanenti" (flimkien imsejħa "bwar permanenti") għandhom ikunu art li tintuża għat-tkabbir tal-ħaxix jew ta' foraġġ erbaċew ieħor b'mod naturali (li jżarra') jew b'kultivazzjoni (miżrugħa). Tista' tinkludi speċijiet oħra bħal ***arbuxxelli*** jew siġar, tajbin għar-ragħa u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, speċijiet oħra bħal ***arbuxxelli*** jew siġar li jipproduċu għalf tal-annimali, diment li l-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti.***"***;

reġgħet inżergħet b'tipi differenti ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, għal ħames snin jew aktar jew għal seba' snin jew aktar. Tista' tinkludi speċijiet oħra bħal ***arbuxxell*** jew siġar, tajbin għar-ragħa u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, speċijiet oħra bħal ***arbuxxell*** jew siġar li jipproduċu għalf tal-annimali, diment li l-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit taż-żmien attwali fid-definizzjoni ta' bur permanenti huwa skonness mir-realtajiet tal-azjendi agrikoli. Iqiegħed enfasi fuq it-tul ta' żmien li matulu ma saritx newba tal-għelejjel f'dik l-art, pjuttost milli fuq l-użu attwali tagħha bħala bur jew mergħa. Dan mhux biss iżid il-piż amministrattiv għall-bdiewa u l-awtoritajiet iżda jdewwem ukoll ir-rikonoxximent ta' art li b'mod ċar tkun qed tintuża bħala bur permanenti. Biex jittejbu kemm iċ-ċarezza kif ukoll il-prattiċità, id-definizzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-użu attwali u osservabbli tal-art pjuttost milli fuq ir-rekords storiċi.

Emenda 58
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
(UE) 2021/2115
Artikolu 4(3)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
bur permanenti u mergħa permanenti" (flimkien imsejħa "bwar permanenti") għandhom ikunu art li tintuża għat-tkabbir tal-ħaxix jew ta' foraġġ erbaċew ieħor b'mod naturali (li jżarra') jew b'kultivazzjoni (miżrugħa) u li ma tkunx ġiet inkluża fin-newba tal-għelejjel tal-azjenda għal ħames snin jew aktar jew, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, għal seba' snin jew aktar u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, li ma tkunx inħartet, jew inħadmet, jew ma tkunx reġgħet inżergħet b'tipi differenti ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, għal ħames snin jew aktar jew għal seba' snin jew aktar**.**	bur permanenti u mergħa permanenti" (flimkien imsejħa "bwar permanenti") għandhom ikunu art li tintuża għat-tkabbir tal-ħaxix jew ta' foraġġ erbaċew ieħor b'mod naturali (li jżarra') jew b'kultivazzjoni (miżrugħa) u li ma tkunx ġiet inkluża fin-newba tal-għelejjel tal-azjenda għal ħames snin jew aktar jew, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, għal seba' snin jew aktar u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, li ma tkunx inħartet, jew inħadmet, jew ma tkunx reġgħet inżergħet b'tipi differenti ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, għal ħames snin jew aktar jew għal seba' snin jew aktar***, u***

Tista' tinkludi speċijiet oħra bħal arbuxxell jew siġar, tajbin għar-ragħa u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, speċijiet oħra bħal arbuxxell jew siġar li jipproduċu għalf tal-annimali, diment li l-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti.;	***għal tipi ta' art li tikkonsisti minn ħamrija organika, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li "bur permanenti u mergħa permanenti" għandhom ikunu art li ma tkunx inħartet, jew inħadmet, jew ma tkunx reġgħet inżergħet b'tipi differenti ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, għal għaxar snin jew aktar.*** Tista' tinkludi speċijiet oħra bħal arbuxxell jew siġar, tajbin għar-ragħa u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, speċijiet oħra bħal arbuxxell jew siġar li jipproduċu għalf tal-annimali, diment li l-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti.;

Or. en

Emenda 59
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt 1
Regolament (UE) 2021/2115

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
bur permanenti u mergħa permanenti" (flimkien imsejħa "bwar permanenti") għandhom ikunu art li tintuża għat-tkabbir tal-ħaxix jew ta' foraġġ erbaċew ieħor b'mod naturali (li jżarra') jew b'kultivazzjoni (miżrugħa) u li ma tkunx ġiet inkluża fin-newba tal-għelejjel tal-azjenda għal ħames snin jew aktar jew, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, għal seba' snin jew aktar u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, li ma tkunx inħartet, jew inħadmet, jew ma tkunx reġgħet inżergħet b'tipi differenti ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, għal ħames snin jew aktar jew għal seba' snin jew aktar. Tista' tinkludi speċijiet oħra bħal arbuxxell jew siġar, tajbin għar-ragħa u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, speċijiet oħra bħal arbuxxell jew siġar li jipproduċu għalf tal-annimali, diment li l-ħaxix u foraġġ	bur permanenti u mergħa permanenti" (flimkien imsejħa "bwar permanenti") għandhom ikunu art li tintuża għat-tkabbir tal-ħaxix jew ta' foraġġ erbaċew ieħor b'mod naturali (li jżarra') jew b'kultivazzjoni (miżrugħa) u li ma tkunx ġiet inkluża fin-newba tal-għelejjel tal-azjenda għal ħames snin jew aktar jew, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, għal seba' snin jew aktar u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, li ma tkunx inħartet, jew inħadmet, jew ma tkunx reġgħet inżergħet b'tipi differenti ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, għal ħames snin jew aktar jew għal seba' snin jew aktar. Tista' ***tkun temporanjament mgħarrqa għal raġunijiet ekoloġiċi u tista'*** tinkludi speċijiet oħra bħal arbuxxell jew siġar, tajbin għar-ragħa u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, speċijiet oħra bħal

erbaċew ieħor jibqgħu predominanti.;	arbuxxell jew siġar li jipproduċu għalf tal-annimali, diment li l-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor jibqgħu predominanti.**”**;

Or. en

Emenda 60
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 3 - paragrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Artikolu 3 hu emendat kif ġej:
	jiddaħħal paragrafu 3 ġdid:
	B’deroga mill-Artikolu 119(11) tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, għas-sena tat-talba 2026, li l-emendi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK relatati mal-bidliet ibbażati fuq l-emenda ta’ dan ir-Regolament, ikollhom effetti legali qabel ma jiġu approvati mill-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bidliet proposti kellhom ikunu applikabbli direttament fil-leġiżlazzjoni nazzjonali minnufih wara l-approvazzjoni tar-regolament. Jekk ir-regolament jiġi approvat biss sa tmiem l-2025 u ma jkunx possibbli li tiġi ppreżentata modifika tal-Pjan Strateġiku sa dak iż-żmien, l-implimentazzjoni prattika fis-SF 2026 ma tibqax fattibbli, u din ikollha impatt b’mod partikolari fuq il-pagamenti diretti.

Emenda 61
Luke Ming Flanagan
f’isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/2115

Artikolu 10(2)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'mod partikolari, l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà, l-appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà, l-appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ u l-iskemi għall-klima, l-ambjent u l-benesseri tal-annimali, ***u l-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi*** b'pagamenti diretti u tal-iżvilupp rurali għandhom jikkwalifikaw skont il-kriterji tal-paragrafi tal-Anness 2 tal-Ftehim dwar il-Biedja tad-WTO elenkati fl-Anness II għal dawk l-interventi. Għal interventi oħra, il-paragrafi fl-Anness 2 tal-Ftehim dwar il-Biedja tad-WTO indikati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament huma indikattivi, u dawk l-interventi jistgħu minflok jikkonformaw ma' paragrafu tal-Anness 2 tal-Ftehim dwar il-Biedja tad-WTO li mhux elenkat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, jekk dan ikun speċifikat u spjegat fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.;	B'mod partikolari, l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà, l-appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà, l-appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ u l-iskemi għall-klima, l-ambjent u l-benesseri tal-annimali, b'pagamenti diretti u tal-iżvilupp rurali għandhom jikkwalifikaw skont il-kriterji tal-paragrafi tal-Anness 2 tal-Ftehim dwar il-Biedja tad-WTO elenkati fl-Anness II ***ta' dan ir-Regolament*** għal dawk l-interventi. Għal interventi oħra, il-paragrafi fl-Anness 2 tal-Ftehim dwar il-Biedja tad-WTO indikati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament huma indikattivi, u dawk l-interventi jistgħu minflok jikkonformaw ma' paragrafu tal-Anness 2 tal-Ftehim dwar il-Biedja tad-WTO li mhux elenkat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, jekk dan ikun speċifikat u spjegat fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.;

Or. en

Emenda 62
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema tal-kundizzjonalità li skontha ***l-azjendi agrikoli*** u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II***, ħlief il-pagamenti msemmija***	1. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema tal-kundizzjonalità li skontha ***l-bdiewa*** u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II jew pagamenti annwali skont l-Artikoli

fl-Artikolu 41a, jew pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 ikunu soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jikkonformawx mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni skont il-liġi tal-Unjoni u l-istandards tal-KAAT stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, kif elenkati fl-Anness III, fir-rigward tal-oqsma speċifiċi li ġejjin:

70, 71 u 72 ikunu soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jikkonformawx mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni skont il-liġi tal-Unjoni u l-istandards tal-KAAT stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, kif elenkati fl-Anness III, fir-rigward tal-oqsma speċifiċi li ġejjin:

Or. en

Emenda 63
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 4 – paragrafu 3 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema tal-kundizzjonalità li skontha ***l-azjendi agrikoli*** u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II***, ħlief il-pagamenti msemmija fl-Artikolu 41a***, jew pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 ikunu soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jikkonformawx mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni skont il-liġi tal-Unjoni u l-istandards tal-KAAT stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, kif elenkati fl-Anness III, fir-rigward tal-oqsma speċifiċi li ġejjin:	1. Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu sistema tal-kundizzjonalità li skontha ***l-bdiewa*** u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II, jew pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 ikunu soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jikkonformawx mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni skont il-liġi tal-Unjoni u l-istandards tal-KAAT stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, kif elenkati fl-Anness III, fir-rigward tal-oqsma speċifiċi li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza minħabba t-tħassir tal-Artikolu 41a

Emenda 64
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Christine Schneider, Céline Imart,

Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 12 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. B'deroga mill-paragrafu 1, is-sistema tal-kundizzjonalità ***m'għandhiex*** tapplika għall-benefiċjarji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 28***.;***	1a. B'deroga mill-paragrafu 1, is-sistema tal-kundizzjonalità ***ma għandhiex*** tapplika għall-benefiċjarji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 28 ***jew:***
	(i) fejn aktar minn 75 % tar-raba' li jinħadem jintuża għall-produzzjoni ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, ikun art mistrieħa, jintuża għall-kultivazzjoni ta' għelejjel tal-legumi, jew ikun soġġett għal taħlita ta' dawk l-użijiet;
	(ii) fejn aktar minn 75 % taż-żona agrikola eliġibbli tkun bur permanenti użat għall-produzzjoni ta' ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor jew għall-kultivazzjoni ta' għelejjel taħt l-ilma għal parti sinifikanti tas-sena jew għal parti sinifikanti taċ-ċiklu ta' kultivazzjoni tal-għelejjel, jew tkun soġġetta għal taħlita ta' dawk l-użijiet;

Or. en

Emenda 65
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 12 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. B'deroga mill-paragrafu 1, is-sistema tal-kundizzjonalità ***m'għandhiex*** tapplika għall-benefiċjarji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 28.;	1a. B'deroga mill-paragrafu 1, is-sistema tal-kundizzjonalità ***ma għandhiex*** tapplika għall-benefiċjarji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 28 ***u għall-benefiċjarji tal-pagamenti msemmija fl-***

Artikoli 70 u 72 għal impenji applikati fuq art forestali.;

Or. en

Emenda 66
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13(1)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azjendi agrikoli li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 67
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Christine Schneider, Maria Walsh, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azjendi agrikoli li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.	***Il-bdiewa*** li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri li għandhom KAAT addizzjonali stabbiliti mil-liġi nazzjonali rispettiva tagħhom jistgħu jiddeċiedu li jestendu l-lista ta' konformità msemmija hawn fuq għall-KAAT speċifiċi tagħhom.

Is-siti ddeżinjati Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni (ŻSK) jew Żoni ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Ħabitats u d-Direttiva dwar l-Għasafar għandhom jitqiesu li jikkonformaw mal-istandards tal-KAAT 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Il-bdiewa li l-azjenda kollha tagħhom tkun inqas minn 50 ettaru għandhom jitqiesu li jikkonformaw mar-regola dwar id-diversifikazzjoni bi tliet għelejjel skont l-istandard tal-KAAT 7 elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Ir-regola dwar id-diversifikazzjoni b'żewġ għelejjel issir superfluwa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għoti ta' eżenzjonijiet mill-KAAT għandu jiġi stabbilit mhux biss għall-bdiewa organiċi iżda wkoll għal dawk il-bdiewa li għalihom jeżistu strutturi ta' governanza. Dan iwassal biex il-kundizzjonalità ssir aktar sempliċi għal kategorija usa' ta' bdiewa għas-snin li jifdal tal-PAK.

Emenda 68
Barry Cowen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azjendi agrikoli li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.	***Is-siti ċċertifikati*** f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.
	Is-siti ddeżinjati Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni (ŻSK) jew Żoni ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Ħabitats u d-Direttiva dwar l-Għasafar, flimkien maż-Żoni ta' Wirt Naturali (ŻWN), skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandhom jitqiesu li jikkonformaw mal-istandards tal-KAAT 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.
	Il-bdiewa li l-azjenda kollha tagħhom tkun inqas minn 50 ettaru għandhom jitqiesu li jikkonformaw mar-regola tat-tliet għelejjel skont l-istandard tal-KAAT 7 elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. Ir-regola taż-żewġ għelejjel għandha titneħħa kompletament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għoti ta' eżenzjonijiet mill-KAAT għandu jiġi stabbilit mhux biss għall-bdiewa organiċi iżda wkoll għal dawk il-bdiewa involuti f'metodi ta' produzzjoni sostenibbli oħra (eż. biedja integrata) u fejn jeżistu strutturi ta' governanza. Dan iwassal biex il-kundizzjonalità ssir aktar sempliċi għal kategorija usa' ta' bdiewa għas-snin li jifdal tal-PAK. Ir-regola taż-żewġ għelejjel għandha titneħħa kompletament peress li tixpruna eżodu ta' kultivaturi iżgħar lil hinn mis-settur tal-ħdim tar-raba'. Ir-rekwiżit għal tliet għelejjel għandu japplika għal 50 ettaru u aktar.

Emenda 69
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azjendi agrikoli li l-azjenda ***kollha*** tagħhom tkun iċċertifikata ***f'konformità mar-Regolament*** (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.	***Il-bdiewa*** li l-azjenda ***agrikola jew l-unità ta' produzzjoni separata*** tagħhom tkun iċċertifikata ***għall-biedja organika, jew tkun qed tiġi kkonvertita għaliha, jew qed tiġi kkonvertita skont ir-Regolament*** (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****, jew li huma ċċertifikati, inkluż fil-livell nazzjonali, bħala li qed jimplimentaw metodi ta' biedja sostenibbli oħra,*** għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Id-deroga mill-impenji tal-kundizzjonalità previsti fil-proposta għandha tingħata wkoll lil kumpaniji li mhumiex kompletament iċċertifikati skont ir-Regolament (UE) 2018/848. Barra minn hekk, id-deroga għandha tingħata wkoll għal metodi oħra ta' produzzjoni sostenibbli rikonoxxuti fil-livell tal-Istati Membri li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità.

Emenda 70
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Artikolu 13 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2021/2115

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azjendi agrikoli li l-azjenda ***kollha*** tagħhom ***tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament*** (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.	***Il-bdiewa*** li l-azjenda ***agrikola jew l-unitajiet ta' produzzjoni separata*** tagħhom ***ikunu ċċertifikati għall-biedja organika jew f'konverżjoni, jew ikunu qed jiġu kkonvertiti skont ir-Regolament*** (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****, jew li huma ċċertifikati, fil-livell nazzjonali wkoll, b'metodi ta' biedja***

sostenibbli oħra, għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 71
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azjendi agrikoli li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.	***Żona agrikola ta' biedja mħallta ċċertifikata, jew żona agrikola ta' biedja mħallta fil-proċess li*** tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proposta biex jiġu ssimplifikati r-regoli ħalli jiġu ssodisfati l-istandards tal-KAAT għall-azjendi agrikoli organiċi billi jiġu inklużi l-bdiewa li jużaw metodi organiċi biss f'parti mill-azjendi agrikoli tagħhom. Ħafna azjendi jipproduċu parti mill-għelejjel tagħhom konvenzjonalment u parti bl-użu ta' metodi organiċi, għalhekk dawn l-azjendi ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minnhom, minkejja li r-reġimi li għalihom hija soġġetta l-art organika tagħhom ma jvarjawx minn reġimi li japplikaw għal azjendi b'għelejjel organiċi biss. Il-formulazzjoni riveduta proposta tad-dispożizzjoni tippermetti

t-trattament ugwali, fis-sens li jiġu ssodisfati l-istandards tal-KAAT, tal-art agrikola ċċertifikata kollha.

Emenda 72
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azjendi agrikoli li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.	***Il-bdiewa*** li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****, jew il-bdiewa involuti f'metodi ta' produzzjoni sostenibbli oħra,*** għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 73
Elsi Katainen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13(1)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azjendi agrikoli li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.	***Il-bdiewa*** li l-azjenda kollha tagħhom ***jew parti mill-produzzjoni tagħha*** tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'xi Stati Membri, huwa possibbli li parti biss mill-produzzjoni tal-azjenda agrikola tiġi ċċertifikata għall-produzzjoni organika. F'dawk il-każijiet, għandha tingħata eċċezzjoni għar-regoli tal-KAAT għall-parti tal-azjenda agrikola li hija ċċertifikata bħala organika.

Emenda 74
Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azjendi agrikoli li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT1, 3, 4, ***5***, ***6*** u *7* elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.	***Il-bdiewa*** li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 1***,*** ***2***, 3, 4, ***6***, ***7*** u ***8*** elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit tal-KAAT 5 għal kopertura minima tal-ħamrija jintroduċi standard inflessibbli li ma jirriflettix b'mod adegwat il-kundizzjonijiet agronomiċi nazzjonali u reġjonali. L-SMRs joffru qafas robust għall-protezzjoni tal-ħamrija, u dan jippermetti lill-Istati Membri jadottaw miżuri mfassla apposta mingħajr regoli restrittivi tal-KAAT fil-livell tal-UE. It-tneħħija tal-KAAT 5 tissimplifika l-kundizzjonalità filwaqt li tippreserva l-protezzjonijiet ambjentali essenzjali.

Emenda 75
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azjendi agrikoli li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT***1,*** 3, 4, 5, 6 u 7	***Il-bdiewa*** li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-

elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.	Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mergħat permanenti mhux maħruta dejjem se jaħżnu aktar karbonju minn saħansitra raba' organiku li jinħadem, peress li l-ħrit jirrilaxxa u jimmineralizza l-karbonju.

Emenda 76
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azjendi agrikoli li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT***1,*** 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.	***Il-bdiewa*** li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 77
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13(1)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azjendi agrikoli li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-	***Is-siti ċċertifikati*** f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu

Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għandhom jitqiesu konformi mal-istandards tal-KAAT1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.	konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 78
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13(1)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azjendi agrikoli li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* ***għandhom jitqiesu*** konformi mal-istandards tal-KAAT1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.	***Iż-żona agrikola ċċertifikata*** f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* ***għandha titqies*** konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija proposta biex tissimplifika r-regoli ħalli jiġu ssodisfati l-istandards tal-KAAT għall-azjendi agrikoli organiċi billi jiġu inklużi l-bdiewa li jużaw metodi organiċi biss f'parti miż-żona agrikola tagħhom. Ħafna azjendi jipproduċu parti mill-għelejjel tagħhom konvenzjonalment u parti bl-użu ta' metodi organiċi, għalhekk dawn l-azjendi ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mis-soluzzjonijiet il-ġodda, minkejja li r-reġimi li għalihom hija soġġetta l-art organika tagħhom ma jvarjawx minn reġimi li japplikaw għal azjendi b'għelejjel organiċi biss. Il-formulazzjoni riveduta proposta tad-dispożizzjoni tippermetti trattament ugwali tal-art agrikola ċċertifikata kollha.

Emenda 79
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Veronika Vrecionová, Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azjendi agrikoli li l-azjenda kollha tagħhom tkun iċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* ***għandhom jitqiesu*** konformi mal-istandards tal-KAAT1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.	***Iż-żona agrikola ċċertifikata*** f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* ***għandha titqies*** konformi mal-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ħafna drabi, azjenda agrikola tapplika kultivazzjoni organika ċċertifikata għal parti, pereżempju 50 %, miż-żona tagħha. Id-definizzjoni attwali, billi tirrikjedi l-użu tal-"azjenda agrikola sħiħa", teskludihom kompletament mill-iskema ta' simplifikazzjoni. L-emenda għalhekk tipproponi approċċ proporzjonat, limitat għal żona ċċertifikata speċifika u mfassal għaċ-ċirkostanzi tal-azjenda agrikola.

Emenda 80
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová, Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu japplikaw id-deroga mill-istandards tal-KAAT 1, 3, 4, 5, 6 u 7 għall-azjendi li jipparteċipaw fi skemi tal-kwalità ċċertifikati rikonoxxuti fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni relatati mal-impenji agroambjentali klimatiċi skont ir-Regolament (UE) 2021/2115, bħall-IPM, it-tekniki tal-biedja ta' preċiżjoni u oħrajn - jekk b'mod ċar iwasslu għal tnaqqis fl-użu tal-input u eżiti ambjentali pożittivi. Ir-rikonoxximent imsemmi f'dan il-paragrafu għandu jkun

soġġett għall-ekwivalenza tal-benefiċċji ambjentali miksuba mis-sistemi ċċertifikati bir-rekwiżiti stabbiliti skont l-istandards rilevanti tal-KAAT u għandu jkun soġġett għal kontroll u verifika adegwati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-impenji agroambjentali klimatiċi, l-iskemi ta' kwalità ċċertifikati, u l-prattiki tal-biedja ta' preċiżjoni diġà juru kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, inkluż l-użu mnaqqas tal-inputs u l-preservazzjoni tal-bijodiversità. Dawn is-sistemi diġà huma soġġetti għal mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni u kontroll nazzjonali jew fil-livell tal-UE, li jiżguraw il-konformità ma' standards definiti b'mod ċar. Billi nirrikonoxxuhom bħala ekwivalenti għall-obbligi tal-KAAT, nevitaw verifika doppja, innaqqsu l-piż amministrattiv filwaqt li nżommu jew saħansitra nsaħħu l-eżiti ambjentali.

Emenda 81
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13(1a)(ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Is-siti ddeżinjati Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni (ŻSK) jew Żoni ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Ħabitats u d-Direttiva dwar l-Għasafar, flimkien maż-Żoni ta' Wirt Naturali (ŻWN) skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, għandhom jitqiesu li jikkonformaw mal-istandards tal-KAAT 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 7 elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 82
Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-implimentazzjoni tal-KAAT 2 u 5 għandha titwaqqaf għall-bdiewa kollha, irrispettivament mid-daqs tal-azjenda agrikola, it-tip ta' produzzjoni jew il-post.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit tal-KAAT 5 għal kopertura minima tal-ħamrija jintroduċi standard inflessibbli li ma jirriflettix b'mod adegwat il-kundizzjonijiet agronomiċi nazzjonali u reġjonali. L-SMRs joffru qafas robust għall-protezzjoni tal-ħamrija, u dan jippermetti lill-Istati Membri jadottaw miżuri mfassla apposta mingħajr regoli restrittivi tal-KAAT fil-livell tal-UE. It-tneħħija tal-KAAT 5 tissimplifika l-kundizzjonalità filwaqt li tippreserva l-protezzjonijiet ambjentali essenzjali. L-implimentazzjoni tal-KAAT 2 qajmet tħassib minħabba l-kumplessità amministrattiva tagħha u n-nuqqas ta' gwida operazzjonali ċara.

Emenda 83
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13(1)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-bdiewa għandhom jitqiesu li jikkonformaw mal-istandards tal-KAAT kif elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħala parametru referenzjarju fundamentali għall-eliġibbiltà għall-pagamenti tal-PAK, il-

konformità mal-SMRs biss (flimkien mar-rekwiżiti minimi għall-fertilizzanti u l-użu tal-PPP) għandha titqies suffiċjenti. Dawn ir-rekwiżiti diġà jkopru firxa wiesgħa ta' obbligi ambjentali, tal-benesseri tal-annimali u tas-saħħa pubblika. Iż-żamma ta' saff addizzjonali ta' obbligi għal ċerti bdiewa, toħloq kumplessità amministrattiva u inċertezza legali mhux meħtieġa.

Emenda 84
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jistabbilixxu l-istandards tagħhom, l-Istati Membri jistgħu, meta rilevanti, jistabbilixxu l-elementi msemmija fl-Artikolu 109(2)(a)(i) biex ikunu konsistenti mar-rekwiżiti obbligatorji ***stabbiliti mil-liġi*** nazzjonali ***u ma jmorrux lil hinn minnhom, diment*** li ***dawn ir-rekwiżiti obbligatorji nazzjonali eżistenti*** jkunu konformi mal-istandards tal-KAAT elenkati fl-Anness III."	Meta jistabbilixxu l-istandards tagħhom, l-Istati Membri jistgħu, meta rilevanti, jistabbilixxu l-elementi msemmija fl-Artikolu 109(2)(a)(i) biex ikunu konsistenti mar-rekwiżiti obbligatorji nazzjonali ***eżistenti dment*** li jkunu konformi mal-istandards tal-KAAT elenkati fl-Anness III."

Or. en

Emenda 85
Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Għall-finijiet ta' din id-deroga, din għandha tapplika għall-bdiewa li jiġġestixxu kemm il-produzzjoni organika kif ukoll dik konvenzjonali, limitata għall-azjendi organiċi ċċertifikati tagħhom. B'deroga, il-produzzjoni ċċertifikata skont

ir-Regolament (UE) 2018/848 biss għandha titqies konformi mal-istandards (KAAT) 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8 tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba elenkati fl-Anness III, dment li l-prattiki organiċi tagħhom jissodisfaw l-objettivi ta' dawk l-istandards. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità billi jużaw il-mekkaniżmi ta' kontroll eżistenti stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2018/848, mingħajr ma jimponu kontrolli addizzjonali tal-kundizzjonalità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żoni organiċi bi produzzjoni organika parzjali, iċċertifikati skont ir-Regolament (UE) 2018/848, jissodisfaw standards ambjentali stretti li jissodisfaw l-objettivi tal-KAAT 1-8 (ħamrija, ilma, bijodiversità, klima) fl-Anness III, ir-Regolament (UE) 2021/2115. Kontrolli addizzjonali tal-KAAT jidduplikaw il-kontrolli eżistenti, u jżidu piżijiet mhux dovuti.

Emenda 86
Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 13 – paragrafu 1b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Fl-Artikolu 13 jiżdied il-paragrafu 1b li ġej:
	***L-Istati Membri għandhom, fejn iż-żoni kkonċernati jkunu preżenti fit-territorju tagħhom, jimplimentaw l-istandard tal-KAAT 2 billi jistabbilixxu u jipprovdu appoġġ għal skemi volontarji għall-klima u l-ambjent ("skemi ekoloġiċi") bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 31. L-appoġġ għal dawn l-ekoskemi għandu jikkumpensa lill-bdiewa parteċipanti jew lill-gruppi ta' bdiewa għall-kostijiet addizzjonali mġarrba u għall-introjtu mitluf bħala riżultat tal-impenji meħuda u**

għandu jinċentiva l-parteċipazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bdiewa li qed jipparteċipaw fi skemi għall-istandard tal-KAAT 2 għandhom ikunu ċerti li jiġu kkumpensati.

Emenda 87
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Taqsima 3, Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) It-Taqsima 3, inkluż l-Artikolu 14, titħassar;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tħassar il-"Kondizzjonalità soċjali" mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2021/2115. Il-politika soċjali tibqa' kompetenza tal-Istati Membri bis-sistema ta' penali speċifika u affidabbli tagħha stess, u għandha tibqa' f'dak il-livell. Il-bdiewa diġà huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni nazzjonali relatata mal-kundizzjonijiet tax-xogħol. L-applikazzjoni tat-tieni saff ta' penali skont il-PAK tmur kontra l-miri ta' simplifikazzjoni.

Emenda 88
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 hu sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***

"1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sal-1 ta' Jannar 2025, l-azjendi agrikoli u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II, għajr il-pagamenti annwali msemmija fl-Artikolu 41a, jew pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 iridu ikunu soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali msemmija fl-Anness IV.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjoni mill-kundizzjonalità soċjali fir-rigward tal-pagamenti ta' kriżi għal diżastri naturali u tat-tibdil fil-klima mhijiex xierqa.

Emenda 89
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 hu sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sal-1 ta' Jannar 2025, l-azjendi agrikoli u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II, għajr il-pagamenti annwali msemmija fl-Artikolu 41a, jew pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 iridu ikunu soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali	

msemmija fl-Anness IV.”;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kondizzjonalità soċjali fil-PAK tassigura li l-kundizzjonijiet bażiċi u essenzjali tax-xogħol u tal-impjieg, jew l-obbligi tal-impjegaturi li joriġinaw minn atti legali fis-seħħ, ikunu qed jiġu ssodisfati. Ir-rekwiżiti tal-kondizzjonalità soċjali huma l-liġi Ewropea u se jiġu kkontrollati mill-Istati Membri bi kwalunkwe mod. Il-fatt li jitħassar hawn il-mekkaniżmu ma jwassal għal ebda simplifikazzjoni iżda jkun ta’ vantaġġ biss għal dawk il-bdiewa li ma jiżgurawx il-konformità mal-kundizzjonijiet bażiċi tal-impjieg u tax-xogħol.

Emenda 90
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sal-1 ta’ Jannar 2025, l-azjendi agrikoli u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II, għajr il-pagamenti annwali msemmija fl-Artikolu 41a, jew pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 iridu ikunu soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali msemmija fl-Anness IV.;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kundizzjonalità soċjali hija wkoll dwar is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, inklużi miżuri għall-impjegatur relatati mal-ewwel għajnuna, it-tifi tan-nar u l-evakwazzjoni tal-ħaddiema. L-użu ta’ artikoli rispettivi huwa applikabbli wara għargħar, wara sħana estrema u wara avveniment ta’ nar, li jistgħu jirrappreżentaw periklu serju, imminenti u inevitabbli għall-ħaddiema, f’liema każ l-impjegatur suppost kellu miżuri fis-seħħ. L-eżenzjoni mill-

kundizzjonalità soċjali għall-fini li jiġu rċevuti l-pagamenti inkwistjoni mhijiex xierqa.

Emenda 91
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sal-1 ta' Jannar 2025, l-azjendi agrikoli u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II, għajr il-pagamenti annwali msemmija fl-Artikolu 41a, jew pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 iridu ikunu soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali msemmija fl-Anness IV.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 92
Christine Singer, Ciaran Mullooly, Benoit Cassart, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 14(1)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sal-1 ta' Jannar 2025, ***l-azjendi agrikoli*** u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II, għajr il-pagamenti annwali msemmija fl-Artikolu	1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sal-1 ta' Jannar 2025, ***il-bdiewa*** u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II, għajr il-pagamenti annwali msemmija fl-Artikolu

41a, jew pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 iridu ***ikunu*** soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali msemmija fl-Anness IV.;	41a, jew pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 iridu ***jkunu*** soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali msemmija fl-Anness IV.; ***Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw relazzjonijiet ta' impjieg staġjonali għal żmien qasir minn tali penali amministrattivi, dment li dawn ikunu diġà soġġetti għal spezzjonijiet tax-xogħol nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti ta' infurzar.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment introduces targeted flexibility in the implementation of social conditionality under Article 14. In many Member States, short-term seasonal employment in agriculture is already subject to national labour inspections and compliance controls. Applying additional CAP-related sanctions for these employment relationships may result in disproportionate administrative burdens without delivering added enforcement value. Given the diversity of employment models in agriculture, including short-term seasonal labour, Member States should have the option to tailor the implementation of social conditionality in a way that avoids overlapping controls.

Emenda 93
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 14(1)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sal-1 ta' Jannar 2025, ***l-azjendi agrikoli*** u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II, ***għajr il-pagamenti annwali msemmija fl-Artikolu 41a, jew pagamenti annwali***	1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sal-1 ta' Jannar 2025, ***il-bdiewa*** u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II, iridu ***jkunu*** soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti relatati

skont l-Artikoli 70, 71 u 72 iridu ***ikunu*** soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali msemmija fl-Anness IV.;

mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali msemmija fl-Anness IV.;

Or. en

Emenda 94
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sal-1 ta' Jannar 2025, ***l-azjendi agrikoli*** u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II, għajr ***il-pagamenti*** annwali msemmija fl-Artikolu 41a, jew pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 iridu ***ikunu*** soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali msemmija fl-Anness IV.;	1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sal-1 ta' Jannar 2025, ***il-bdiewa*** u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II, għajr ***il-bdiewa u benefiċjarji oħra li applikaw għal pagamenti*** annwali msemmija fl-Artikolu 41a, jew ***għajr*** pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72***,*** iridu ***jkunu*** soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali msemmija fl-Anness IV.***"***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bdiewa li huma affettwati minn diżastru naturali jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet ekonomiċi serji u għal dik ir-raġuni l-pagamenti kollha għandhom jiġu eżentati mill-penali għall-kundizzjonalità soċjali.

Emenda 95

Veronika Vrecionová, Anna Zalewska, Waldemar Buda, Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sal-1 ta' Jannar 2025, ***l-azjendi agrikoli*** u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II, għajr ***il-pagamenti annwali*** msemmija fl-Artikolu 41a, jew pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 iridu ***ikunu*** soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali msemmija fl-Anness IV.;	1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sal-1 ta' Jannar 2025, ***il-bdiewa*** u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II, għajr ***il-bdiewa u benefiċjarji oħra li applikaw għall-pagamenti*** msemmija fl-Artikolu 41a, jew pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 iridu ***jkunu*** soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali msemmija fl-Anness IV.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bdiewa milquta minn diżastri naturali jistgħu jiffaċċjaw tbatija ekonomika severa. Għalhekk, il-pagamenti kollha li jsirulhom għandhom ikunu eżentati mill-penali tal-kundizzjonalità soċjali.

Emenda 96
André Rodrigues, Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 14 – Prinċipju u kamp ta' applikazzjoni

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sal-1 ta' Jannar 2025, ***l-azjendi agrikoli*** u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II**,**	1. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom li, sal-1 ta' Jannar 2025, ***il-bdiewa*** u benefiċjarji oħra li jirċievu pagamenti diretti skont il-Kapitolu II jew pagamenti

għajr il-pagamenti annwali msemmija fl-Artikolu 41a, jew pagamenti annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 iridu ***ikunu*** soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali msemmija fl-Anness IV.;	annwali skont l-Artikoli 70, 71 u 72 iridu ***jkunu*** soġġetti għal penali amministrattiva jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli jew mal-obbligi tal-impjegatur li jirriżultaw mill-atti legali msemmija fl-Anness IV.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-PAK hija bbażata fuq il-prinċipju li l-appoġġ finanzjarju pubbliku jrid ikun marbut mar-rispett għall-istandards soċjali bażiċi, inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema u l-obbligi tal-impjegatur. L-eżenzjoni ta' kategorija waħda ta' pagamenti toħloq eċċezzjoni inkoerenti, li ddgħajjef kemm il-kredibbiltà kif ukoll l-effettività tal-PAK.

Emenda 97
André Rodrigues, Cristina Maestre, Dario Nardella, Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt i (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 14 – Paragrafu Ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(i) Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità soċjali mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jevalwa l-effettività u l-impatt tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tiżgura valutazzjoni bbażata fuq il-fatti tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità soċjali.

Emenda 98

Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:	***imħassar***
(a) il-paragrafu 1 hu sostitwit b'dan li ġej:	
"1. It-tipi ta' intervent skont dan il-Kapitolu jistgħu jieħdu l-forma ta' pagamenti diretti diżakkoppjati u akkoppjati u ta' pagamenti ta' kriżi komplementari.";	
"4. Il-pagamenti ta' kriżi komplementari għandhom ikunu pagamenti diretti lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi."	

Or. en

Emenda 99
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Waldemar Buda, Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-tipi ta' intervent skont dan il-Kapitolu jistgħu jieħdu l-forma ta' pagamenti diretti diżakkoppjati u akkoppjati ***u ta' pagamenti ta' kriżi komplementari.***;	1. It-tipi ta' intervent skont dan il-Kapitolu jistgħu jieħdu l-forma ta' pagamenti diretti diżakkoppjati u akkoppjati;

Or. en

Emenda 100
André Rodrigues, Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-tipi ta' intervent skont dan il-Kapitolu jistgħu jieħdu l-forma ta' pagamenti diretti diżakkoppjati u akkoppjati ***u ta' pagamenti ta' kriżi komplementari***.;	1. It-tipi ta' intervent skont dan il-Kapitolu jistgħu jieħdu l-forma ta' pagamenti diretti diżakkoppjati u akkoppjati.;

Or. en

Emenda 101
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-tipi ta' intervent skont dan il-Kapitolu jistgħu jieħdu l-forma ta' pagamenti diretti diżakkoppjati u akkoppjati ***u ta' pagamenti ta' kriżi komplementari***.;	1. It-tipi ta' intervent skont dan il-Kapitolu jistgħu jieħdu l-forma ta' pagamenti diretti diżakkoppjati u akkoppjati.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni tibqa' l-istess bħal fil-leġiżlazzjoni attwali.

Emenda 102
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 16 – paragrafu 4 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:	***imħassar***
"4. Il-pagamenti ta' kriżi komplementari għandhom ikunu pagamenti diretti lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi."	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħolqien ta' interventi ġodda skont il-qafas finanzjarju attwali, mingħajr kwalunkwe riżorsa ġdida, iħalli impatt negattiv fuq l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà, u dan iwassal għal inċertezzi akbar għall-bdiewa għall-bqija tal-PAK attwali.

Emenda 103
André Rodrigues, Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Artikolu 16 – paragrafu 4
Regolament (UE) 2021/2015

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-pagamenti ta' kriżi komplementari għandhom ikunu pagamenti diretti lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 104
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Waldemar Buda, Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-pagamenti ta' kriżi komplementari għandhom ikunu pagamenti diretti lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

While the process of external convergence has not yet been finalized, and there are still disparities between Member States, state aid distribution within the European Union aggravates the inequalities between European farmers. Recent studies outline that while the amount of 18 billion EUR has been spent between 2021 and 2024 at EU level for state aid in the agricultural sector, some Member States allocated amounts equalling their budget of Direct Payments while others have scarcely topped up the EU allocations with national money. This could deepen the competitive disadvantage of Eastern European farmers, creating unfair competition on the EU market.

Emenda 105
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-pagamenti ta' kriżi komplementari għandhom ikunu pagamenti diretti ***lill-azjendi agrikoli*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi ***negattivi*** jew avvenimenti katastrofiċi.	4. Il-pagamenti ta' kriżi komplementari għandhom ikunu pagamenti diretti ***lill-bdiewa*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi ***avversi*** jew avvenimenti katastrofiċi. ***Dawn il-pagamenti ma għandhomx jużaw fondi dežinjati għall-adattament għat-tibdil fil-klima jew għal miżuri preventivi.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prevenzjoni - eż. il-kura tal-ħamrija u l-formazzjoni tal-ħamrija ta' fuq, il-kopertura tal-veġetazzjoni, l-azzjonijiet kontra l-erożjoni, ċerti karatteristiċi tal-pajsaġġ - hija ħafna aktar effettiva u orħos mill-kura, u se tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tad-diżastri klimatiċi u naturali u għalhekk anki n-nefqa tal-kriżi. Għalhekk is-sors tal-pagamenti ġodda ta' darba għandu jiġi minn xi mkien ieħor fil-pakkett.

Emenda 106
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-pagamenti ta' kriżi komplementari għandhom ikunu pagamenti diretti ***lill-azjendi agrikoli*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi ***negattivi*** jew avvenimenti katastrofiċi.	4. Il-pagamenti ta' kriżi komplementari għandhom ikunu pagamenti diretti ***lill-bdiewa*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi ***avversi, tifqigħ ta' mard epiżootiku*** jew avvenimenti katastrofiċi.

Or. en

Emenda 107
Dan-Ştefan Motreanu, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 16 – paragrafu 5 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiżdied il-paragrafu li ġej:
	5. Il-ħlas dirett ma għandux ikun soġġett għal taxxi jew għal xi imposti fiskali li jimponu l-Istati Membri

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pagamenti diretti skont il-PAK huma primarjament immirati biex jappoġġaw l-introjtu tal-bdiewa, jistabbilizzaw is-swieq agrikoli u jippromwovu s-sostenibbiltà ambjentali. L-impożizzjoni ta' taxxi jew tnaqqis fuq dawn il-pagamenti f'ċerti Stati Membri timmina l-objettiv tal-ġustizzja u tnaqqas l-effettività tal-interventi tal-UE. L-iżgurar li dawn il-pagamenti jkunu eżentati mit-tassazzjoni nazzjonali jiggarantixxi applikazzjoni uniformi tal-PAK u jissalvagwardja l-kompetittività tal-bdiewa Ewropej.

Emenda 108
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 19 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Fl-Artikolu 19 dwar l-iskemi tal-ġestjoni tar-riskju, il-paragrafu 1, il-kliem "jista' jiddeċiedi li" huwa sostitwit b'"għandu":

Or. en

(il-formulazzjoni attwali: " .. Stat Membru jista' jiddeċiedi li jassenja sa 3 % tal-pagamenti diretti li jridu jitħallsu lil bidwi għall-kontribuzzjoni tal-bidwi għall-għodda tal-ġestjoni tar-riskju.")

Ġustifikazzjoni

"L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw sa 3 %" għall-ġestjoni tar-riskju... il-livell xorta jibqa' fakultattiv għall-Istati Membri iżda jridu jagħmluh; S'issa l-adozzjoni mill-Istati Membri kienet baxxa ħafna. Sadattant, il-klima u riskji oħra żdiedu b'mod drammatiku, u se jkomplu jagħmlu dan, u l-bdiewa jitħallew esposti għal riskji finanzjarji.

Emenda 109
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Fl-Artikolu 19 dwar l-iskemi tal-ġestjoni tar-riskju, il-paragrafu 1, il-kliem li ġej żdied mal-paragrafu:
	"L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jorbtu l-ġestjoni tar-riskju mal-użu ta' ċerti miżuri biex iżidu s-sostenibbiltà u r-reżistenza għall-klima tas-sistemi ta' produzzjoni":

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħal kif diġà jintuża b'suċċess biex jakkumpanja u jnaqqas ir-riskju finanzjarju għall-adozzjoni ta' miżuri bħall-IPM u l-bijokontroll, ċerti Ekoskemi jew miżuri agroambjentali klimatiċi.

Emenda 110
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 1 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw din id-dispożizzjoni għandhom japplikawha ***għall-azjendi agrikoli*** kollha li jkollhom xi għodda ta' ġestjoni tar-riskju f'sena partikolari**.**;	L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw din id-dispożizzjoni għandhom japplikawha ***għall-bdiewa kollha li jirċievu pagamenti diretti f'sena partikolari jew għall-bdiewa*** kollha li jkollhom xi għodda ta' ġestjoni tar-riskju f'sena partikolari;

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-proposta għandha tippermetti lill-Istati Membri li diġà applikaw it-tnaqqis ta' 3 % biex ikomplu japplikaw il-miżuri previsti fir-Regolament (UE) 2021/2115.

Emenda 111

Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 19 – it-tieni subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw din id-dispożizzjoni għandhom japplikawha ***għall-azjendi agrikoli*** kollha li ***jkollhom xi għodda*** ta' ġestjoni tar-riskju ***f'sena partikolari.***;	L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw din id-dispożizzjoni għandhom japplikawha ***għall-bdiewa*** kollha li ***huma eliġibbli f'sena partikolari għall-għodda*** ta' ġestjoni tar-riskju ***li l-bidwi jkun ikkontribwixxa għaliha***;

Or. en

Emenda 112
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***li jiddeċiedu li jużaw din id-dispożizzjoni*** għandhom japplikawha ***għall-azjendi agrikoli*** kollha li jkollhom xi għodda ta' ġestjoni tar-riskju f'sena partikolari.;	L-Istati Membri għandhom japplikawha ***għall-bdiewa*** kollha li jkollhom xi għodda ta' ġestjoni tar-riskju f'sena partikolari.;

Or. en

Emenda 113
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***jistgħu*** jagħtu pagament ***lill-azjendi*** agrikoli żgħar, kif iddeterminat mill-Istati Membri, b'somma f'daqqa jew b'ammonti kull ettaru li jissostitwixxu l-pagamenti diretti f'din it-Taqsima u fit-Taqsima 3 ta' dan il-Kapitolu. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-intervent korrispondenti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK bħala wieħed fakultattiv ***għall-azjendi agrikoli***.	L-Istati Membri ***għandhom joffru li*** jagħtu pagament ***lill-bdiewa b'azjendi*** agrikoli żgħar, kif iddeterminat mill-Istati Membri, b'somma f'daqqa jew b'ammonti kull ettaru li jissostitwixxu l-pagamenti diretti f'din it-Taqsima u fit-Taqsima 3 ta' dan il-Kapitolu. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-intervent korrispondenti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK bħala wieħed fakultattiv ***għall-bdiewa***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

S'issa ħames Stati Membri biss japplikaw l-iskema: il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Latvja, Malta u l-Portugall. L-għażla tirrappreżenta simplifikazzjoni enormi għall-bdiewa b'inqas minn 10 ettari, li wkoll mhumiex ikkontrollati għall-kondizzjonalità (li qed jiġi propost f'dan ir-regolament biex ikunu eżentati wkoll mir-regoli bħala tali).

Emenda 114
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu fil-Pjan Strateġiku tal-PAK li l-pagament ***lill-azjendi*** agrikoli żgħar imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux jissostitwixxi l-pagamenti diretti li jsiru biex jappoġġaw l-ekoskemi stabbiliti skont l-Artikolu 31.	***Dment li salvagwardji xierqa huma fis-seħħ biex jevitaw l-isfruttament,*** b'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu fil-Pjan Strateġiku tal-PAK li l-pagament ***lill-bdiewa b'azjendi*** agrikoli żgħar imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux jissostitwixxi l-pagamenti diretti li jsiru biex jappoġġaw l-ekoskemi stabbiliti skont l-Artikolu 31.

Or. en

Emenda 115
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagament annwali għal kull bidwi skont l-ewwel subparagrafu ***m'għandux*** ikun iżjed minn EUR ***2 500***.	Il-pagament annwali għal kull bidwi skont l-ewwel subparagrafu ***ma għandux*** ikun iżjed minn EUR ***3 000***.

Or. ro

Emenda 116
André Rodrigues, Cristina Maestre, Dario Nardella, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagament annwali għal kull bidwi skont l-ewwel subparagrafu ***m'għandux*** ikun iżjed minn EUR ***2 500***.	Il-pagament annwali għal kull bidwi skont l-ewwel subparagrafu ***ma għandux*** ikun iżjed minn EUR ***5 000***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda fil-limitu massimu għal EUR 5 000 tipprovdi appoġġ aktar b'saħħtu u aktar sinifikattiv lill-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, filwaqt li tgħin biex ittejjeb l-istabbiltà tal-introjtu u r-reżiljenza tagħhom, filwaqt li żżomm is-sistema sempliċi u aċċessibbli.

Emenda 117
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2021/2115

Artikolu 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pagament annwali għal kull bidwi skont l-ewwel subparagrafu ***m'għandux*** ikun iżjed minn EUR ***2 500***.	Il-pagament annwali għal kull bidwi skont l-ewwel subparagrafu ***ma għandux*** ikun iżjed minn EUR ***5 000***.

Or. en

Emenda 118
Valérie Hayer, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 9a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) L-Artikolu 30 hu emendat kif ġej:
	il-paragrafu 3 hu emendat kif ġej:
	jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	Fil-każ ta' persuna ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi bħal grupp ta' bdiewa, organizzazzjonijiet tal-produtturi jew kooperattivi, l-appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ jista' jingħata għal massimu addizzjonali ta' ħames snin fil-każ li bidwi żagħżugħ isir membru ġdid ta' tali persuni jew gruppi ġuridiċi, u dan jibda mill-ewwel sena tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-pagament lill-bdiewa żgħażagħ wara l-ammissjoni ta' dan il-bidwi żagħżugħ ġdid. Dan l-appoġġ addizzjonali għandu jingħata biss lill-bdiewa żgħażagħ kif iddeterminat f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(6) bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fini ta' din l-emenda huwa li tippremetti li l-azjendi agrikoli li huma persuni ġuridiċi jibbenefikaw minn għajnuna addizzjonali għall-bdiewa żgħażagħ lil hinn mill-ħames snin previsti inizjalment, hekk kif bidwi żagħżugħ ġdid jistabbilixxi ruħu hemmhekk, sabiex jiġi żgurat trattament ugwali mal-bdiewa żgħażagħ li jistabbilixxu ruħhom bħala individwi. Kwalunkwe persuna żagħżugħa li tistabbilixxi u tikkwalifika bħala bidwi żagħżugħ skont id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 għandha tkun kapaċi tibbenefika mill-appoġġ, irrispettivament mill-forma legali tal-azjenda agrikola, inkluż jekk l-azjenda agrikola hijiex sħubija li fiha bidwi żagħżugħ preċedenti kien irċieva appoġġ fil-passat.

Emenda 119
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 31 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-paragrafu 5 hu emendat kif ġej:	***imħassar***
(1) (i) it-tieni subparagrafu hu sostitwit b'dan li ġej:	
"Għall-impenji msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), meta l-liġi nazzjonali tkun timponi rekwiżiti ġodda li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti obbligatorji stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti."	

Or. en

Emenda 120
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 31 – paragraph 5 – (i)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-paragrafu 5 hu emendat kif ġej:	***imħassar***
(1) (i) it-tieni subparagrafu hu sostitwit b'dan li ġej:	
"Għall-impenji msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), meta l-liġi nazzjonali tkun timponi rekwiżiti ġodda li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti obbligatorji stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti."	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-bidla tkun tippermetti l-ħlas għar-rekwiżiti minimi fl-att bażiku, li sal-lum kienu obbligatorji. Dan ikun jikkompromettti l-infiq ulterjuri għall-objettivi ambjentali u klimatiċi.

Emenda 121
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a – punt 1
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 31 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) (i) it-tieni subparagrafu hu sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"Għall-impenji msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), meta l-liġi nazzjonali tkun timponi rekwiżiti ġodda li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti obbligatorji stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti."	

(AT4AM jirrepeti s-sostituzzjoni)

Or. en

Emenda 122
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 31 – paragraph 5 – (ii)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) (ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:	***imħassar***
B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeskludu mir-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-istandard tal-KAAT 2 stabbilit skont il-Kapitolu I, tat-Taqsima 2 ta' dan it-Titolu.";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jinżamm standard minimu ta' protezzjoni fl-UE kollha għall-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju minħabba r-rwol kruċjali tagħha fis-sekwestru tal-karbonju kif ukoll minħabba raġunijiet ambjentali u ekoloġiċi oħra.

Emenda 123
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 31 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) (ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:	***imħassar***
B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeskludu mir-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-istandard tal-KAAT 2 stabbilit skont il-Kapitolu I, tat-Taqsima 2 ta' dan it-Titolu.";	

Or. en

Emenda 124
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 31 – paragrafu 5 – it-tielet subparagrafu (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri ***jistgħu jiddeċiedu li*** jeskludu mir-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-istandard tal-KAAT 2 stabbilit skont il-Kapitolu I, tat-Taqsima 2 ta' dan it-Titolu.;	B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri ***għandhom*** jeskludu mir-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-istandard tal-KAAT 2 stabbilit skont il-Kapitolu I, tat-Taqsima 2 ta' dan it-Titolu.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-parti tirreferi għal: 5. Skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jipprevedu biss pagamenti li jkopru l-impenji li: (a) imorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti u l-istandards tal-KAAT stabbiliti fil-Kapitolu I, Taqsima 2;

Emenda 125
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b – punt i (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 1 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(i) (iii) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej: "B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw mill-impenji stabbiliti f'dan l-Artikolu lill-bdiewa li jissottomettu applikazzjonijiet għal prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima, l-ambjent u l-benesseri tal-annimali, u/jew għall-ġlieda kontra r-

reżistenza antimikrobika skont it-tifsira ta' dan l-Artikolu, u li ż-żona agrikola tagħhom ma taqbiżx l-10 ettari u/jew ma taqbiżx għadd ta' unitajiet ta' bhejjem definiti mill-Istati Membri."

Or. it

Ġustifikazzjoni

F'konformità ma' dak li ġie stabbilit għall-kundizzjonalità, l-Istati Membri għandhom jingħataw l-għażla, għall-finijiet ta' simplifikazzjoni, li jeżentaw mill-impenji lill-bdiewa li l-azjendi tagħhom huma iżgħar minn ċertu daqs.

Emenda 126
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c – punt i
Artikolu 31
Paragrafu 7(c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-pagamenti mogħtija f'konformità mal-punt (b) ta' dak is-subparagrafu għall-impenji dwar il-benesseri tal-annimali, l-impenji li jiġġieldu r-reżistenza għall-antimikrobiċi, l-impenji għall-prattiki agrikoli jagħmlu l-ġid ***għall-klima*** u l-impenji ta' konverżjoni jew ta' żamma ta' prattiki u metodi tal-biedja organika stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/848 jistgħu jieħdu wkoll il-forma ta' pagament annwali għall-unitajiet tal-bhejjem.;	B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-pagamenti mogħtija f'konformità mal-punt (b) ta' dak is-subparagrafu għall-impenji dwar il-benesseri tal-annimali, l-impenji li jiġġieldu r-reżistenza għall-antimikrobiċi, l-impenji għall-prattiki agrikoli ***li*** jagħmlu l-ġid ***lill-klima*** u l-impenji ta' konverżjoni jew ta' żamma ta' prattiki u metodi tal-biedja organika stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/848 jistgħu jieħdu wkoll il-forma ta' pagament annwali għall-unitajiet tal-bhejjem ***filwaqt li jirrispettaw il-limiti tat-trobbija sostenibbli***.;

Or. en

Emenda 127
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c – punt i
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-pagamenti mogħtija f'konformità mal-punt (b) ta' dak is-subparagrafu għall-impenji dwar il-benesseri tal-annimali, l-impenji li jiġġieldu r-reżistenza għall-antimikrobiċi, l-impenji għall-prattiki agrikoli jagħmlu l-ġid ***għall-klima*** u l-impenji ta' konverżjoni jew ta' żamma ta' prattiki u metodi tal-biedja organika stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/848 jistgħu jieħdu wkoll il-forma ta' pagament annwali għall-unitajiet tal-bhejjem.;	B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-pagamenti mogħtija f'konformità mal-punt (b) ta' dak is-subparagrafu għall-impenji dwar il-benesseri tal-annimali, l-impenji li jiġġieldu r-reżistenza għall-antimikrobiċi, ***u jekk debitament ġustifikati,*** l-impenji għall-prattiki agrikoli ***li*** jagħmlu l-ġid ***lill-klima*** u l-impenji ta' konverżjoni jew ta' żamma ta' prattiki u metodi tal-biedja organika stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/848 jistgħu jieħdu wkoll il-forma ta' pagament annwali għall-unitajiet tal-bhejjem.;

Or. en

Emenda 128
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c – punt i
Regolament (UE) 2021/2115
Paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri li jagħmlu użu mid-deroga stabbilita fil-punt (c) u li jintroduċu pagament annwali għall-unitajiet ta' bhejjem għandhom jiżguraw li l-miżura ta' razza rari tibqa' miżura awtonoma u tkun eżentata minn kalkoli ta' finanzjament doppju minħabba l-objettivi varjati u eċċezzjonali tal-miżura ta' razza rari;

Or. en

Emenda 129
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c – punt iia (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 31 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej: "B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw mill-impenji ta' dan l-artikolu lill-bdiewa li japplikaw għal prattiki agrikoli li jagħmlu l-ġid lill-klima, l-ambjent u l-benesseri tal-annimali, u għall-ġlieda kontra r-reżistenza antimikrobika skont dan l-artikolu, u li ż-żona agrikola tagħhom ma taqbiżx l-10 ettari u/jew ma taqbiżx għadd ta' unitajiet ta' bhejjem definiti mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 130
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) L-Istati Membri jistgħu jemendaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex jistipulaw li, minflok obbligu wieħed jew aktar stabbiliti fl-Anness III, miżuri ekwivalenti li jirċievu appoġġ għandhom jiġu inklużi fl-iskemi ekoloġiċi msemmija fil-paragrafu 1 jew fil-miżuri msemmija fl-Artikolu 70. L-impenji relatati mal-Anness III ma għandhomx jibqgħu jorbtu lill-benefiċjarji u ma għandhomx jieqfu jagħtu lok għal tnaqqis fil-pagamenti missena kalendarja li fiha jibdew il-miżuri ekwivalenti previsti mill-Istat Membru.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-proposta hija konformi mal-ispirtu tal-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tal-Kummissjoni Ewropea u, b'mod partikolari, il-bidla mixtieqa "minn restrizzjonijiet għal inċentivi".

Emenda 131
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 10a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Article 31 – paragrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) L-Istati Membri jistgħu jemendaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex jipprevedu li, minflok obbligu wieħed jew aktar stabbiliti fl-Anness III, miżuri ekwivalenti li jirċievu appoġġ għandhom jiġu previsti jew skont l-ekoskemi msemmija fil-paragrafu 1 jew skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 70. L-impenji stabbiliti fl-Anness III ma għandhomx jibqgħu jorbtu lill-benefiċjarji u ma għandhom jirriżultaw fl-ebda tnaqqis fil-pagamenti mis-sena kalendarja li fiha jiġu implimentati l-miżuri ekwivalenti stabbiliti mill-Istat Membru.

Or. en

Emenda 132
André Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 10a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(10a) Fl-Artikolu 33, jiżdied il-punt (s):
"(s) bwar permanenti":

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jikkomplementa l-flessibbiltà proposta fl-ambitu tal-KAAT 1 u jipprovdi inċentiv pożittiv biex jiġu ppreservati ekosistemi agrikoli b'livell għoli ta' karbonju u rilevanti għall-bijodiversità, u jwieġeb għat-tħassib espress rigward id-dgħufija tar-rekwiżiti obbligatorji fl-ambitu tal-KAAT 1.

Emenda 133
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) [...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħolqien ta' tip ġdid ta' pagament dirett mingħajr riżorsi finanzjarji ġodda mhuwiex simplifikazzjoni iżda pjuttost riforma li jkollha impatt detrimentali fuq il-pagamenti diretti eżistenti kif ukoll fuq l-aspettattivi tal-bdiewa fir-rigward tal-appoġġ finanzjarju permezz tal-PAK. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda valutazzjoni tal-impatt dwar din il-miżura proposta.

Emenda 134
André Rodrigues, Cristina Maestre, Stefano Bonaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a – ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pagament ta' kriżi propost jiddevja r-riżorsi mill-pagamenti diretti mingħajr finanzjament addizzjonali u jnaqqas l-introjtu tal-bdiewa fi żmien ta' inċertezza kbira. Barra minn hekk, il-qsim tar-riżerva agrikola attwali fi strumenti separati jdgħajjef ir-rispons ikkoordinat tal-UE għall-kriżijiet. Mekkaniżmu tar-riskju klimatiku aktar robust u komprensiv għandu jiġi kkunsidrat fir-riforma tal-PAK ta' wara l-2027.

Emenda 135
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) [...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

While the process of external convergence has not yet been finalized, and there are still disparities between Member States, state aid distribution within the European Union aggravates the inequalities between European farmers. Recent studies outline that while the amount of 18 billion EUR has been spent between 2021 and 2024 at EU level for state aid in the agricultural sector, some Member States allocated amounts equalling their budget of Direct Payments while others have scarcely topped up the EU allocations with national money. This could deepen the competitive disadvantage of Eastern European farmers, creating unfair competition on the EU market.

Emenda 136
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
2021/2115
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

[...]

[...] ***[...]*** ***imħassar***

[...]

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riżerva agrikola eżistenti għandha tkompli tkun il-mezz li bih jingħata appoġġ lill-bdiewa li jkunu sfaw f'diżastri naturali, f'avvenimenti klimatiċi avversi jew f'avvenimenti katastrofiċi għax dawn, fin-natura, huma fenomeni eċċezzjonali. Mingħajr finanzjamenti addizzjonali, il-ħolqien ta' interventi ġodda skont il-qafas finanzjarju attwali jkun iżid il-kumplessità u jħalli impatt negattiv fuq l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà u għal interventi tal-PAK oħrajn għall-bqija tal-PAK attwali.

Emenda 137
Tomáš Kubín, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 41a	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni tal-Artikolu 41a, li jistabbilixxi pagamenti ta' kriżi skont il-FAEG għal diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, jew avvenimenti katastrofiċi, iżżid il-kumplessità amministrattiva permezz ta' mekkaniżmi ġodda ta' verifika u finanzjament, li jikkontradixxu l-prinċipju omnibus ta' simplifikazzjoni. Minkejja l-valur tiegħu għall-appoġġ tal-bdiewa, id-dettalji tal-finanzjament u tal-implimentazzjoni mhux ċari jeħtieġu aktar djalogu mal-partijiet ikkonċernati. Id-differiment ta' dan il-mekkaniżmu għal riformi tal-PAK futuri jiżgura qafas ċar u effettiv.

Emenda 138
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Waldemar Buda, Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pagamenti ta' kriżi komplementari lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi b'pagamenti diretti	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

While the process of external convergence has not yet been finalized, and there are still disparities between Member States, state aid distribution within the European Union aggravates the inequalities between European farmers. Recent studies outline that while the amount of 18 billion EUR has been spent between 2021 and 2024 at EU level for state aid in the agricultural sector, some Member States allocated amounts equalling their budget of Direct Payments while others have scarcely topped up the EU allocations with national money. This could deepen the competitive disadvantage of Eastern European farmers, creating unfair competition on the EU market.

Emenda 139
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regulation 2021/2115 EU
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pagamenti ta' kriżi komplementari ***lill-azjendi agrikoli*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi jew avvenimenti katastrofiċi b'pagamenti diretti	Pagamenti ta' kriżi komplementari ***lill-bdiewa*** wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi***, tifqigħ ta' mard epiżootiku*** jew avvenimenti katastrofiċi b'pagamenti diretti

Or. en

Emenda 140
Veronika Vrecionová, Waldemar Buda, Anna Zalewska, Georgiana Teodorescu,

Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi komplementari biex jikkumpensaw lill-benefiċjarji ta' pagamenti diretti skont it-Taqsimiet 2 u 3 ta' dan il-Kapitolu li huma affettwati minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversvi jew avvenimenti katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk il-benefiċjarji u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat f'aktar dettall mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-artikolu jintroduċi qafas ġdid ta' riskju u ta' kriżi, u mhux simplifikazzjoni. L-inklużjoni tiegħu fil-pakkett ta' simplifikazzjoni tirriskja li jkun hemm dewmien. Elementi kumplessi ġodda jeħtieġu diskussjoni usa' u huma aktar adatti għad-dibattitu dwar il-PAK wara l-2028. Il-proposta attwali għandha tiffoka biss fuq simplifikazzjoni ġenwina biex jinkisbu riżultati ta' malajr.

Emenda 141
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu, Waldemar Buda, Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi komplementari biex jikkumpensaw lill-benefiċjarji ta'	***imħassar***

pagamenti diretti skont it-Taqsimiet 2 u 3 ta' dan il-Kapitolu li huma affettwati minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversvi jew avvenimenti katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk il-benefiċjarji u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat f'aktar dettall mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

Or. en

Emenda 142
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a– paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi komplementari biex jikkumpensaw lill-benefiċjarji ta' pagamenti diretti skont it-Taqsimiet 2 u 3 ta' dan il-Kapitolu li huma affettwati minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversvi jew avvenimenti katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk il-benefiċjarji u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat f'aktar dettall mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.	1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi komplementari biex jikkumpensaw lill-benefiċjarji ta' pagamenti diretti skont it-Taqsimiet 2 u 3 ta' dan il-Kapitolu li huma affettwati minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversvi ***, tifqigħ ta' mard epiżootiku*** jew avvenimenti katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk il-benefiċjarji u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat f'aktar dettall mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

Or. en

Emenda 143
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ġara diżastru naturali, avveniment klimatiku avvers jew avveniment katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-avvenimenti, jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda tal-pjanti jew tal-pesti, jew il-miżuri adottati biex jiġi evitat jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882, jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw b'mod dirett ħsara li twassal għall-qerda ta' 30% tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 144
Benoit Cassart, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ġara diżastru naturali, avveniment klimatiku avvers jew avveniment katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-avvenimenti, jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda tal-pjanti jew tal-pesti, jew il-miżuri adottati biex jiġi evitat jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882, jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw b'mod dirett ħsara li twassal għall-qerda ta' 30% tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.	2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ġara diżastru naturali, avveniment klimatiku avvers jew avveniment katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-avvenimenti, jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda tal-pjanti jew tal-pesti, jew il-miżuri adottati biex jiġi evitat jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882*, jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw b'mod dirett ***telf ta' 30 % tal-profitabbiltà annwali medja meta mqabbla mal-profitabbiltà annwali medja tal-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata u aġġustata għall-inflazzjoni jew*** ħsara li twassal għall-qerda ta' 30 % tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.

Or. en

Emenda 145
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ġara diżastru naturali, avveniment klimatiku avvers jew avveniment katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-avvenimenti, jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda tal-pjanti jew tal-pesti, jew il-miżuri adottati biex jiġi evitat jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882, jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw b'mod dirett ħsara li twassal għall-qerda ta' 30% tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.	(2) L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ġara diżastru naturali, avveniment klimatiku avvers jew avveniment katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-avvenimenti, jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda tal-pjanti jew tal-pesti, jew il-miżuri adottati biex jiġi evitat jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882, jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw b'mod dirett ħsara li twassal għall-qerda ta' 30% tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata***, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu rikonoxximent formali tad-diżastru u tat-telf iġġenerat fi żmien massimu ta' 45 jum***.

Or. ro

Emenda 146
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ġara diżastru naturali, avveniment klimatiku avvers jew avveniment katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-avvenimenti, jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda tal-pjanti jew tal-pesti, jew il-miżuri adottati biex jiġi evitat jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882, jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw b'mod dirett ħsara li twassal għall-qerda ta' 30% tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.	2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ġara diżastru naturali, avveniment klimatiku avvers***, tifqigħ ta' mard epiżootiku*** jew avveniment katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-avvenimenti, jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda tal-pjanti jew tal-pesti, jew il-miżuri adottati biex jiġi evitat jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882, jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw b'mod dirett ħsara li twassal għall-qerda ta' 30% tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.

Or. en

Emenda 147
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ skont dan l-Artikolu jkun immirat għall-aktar azjendi agrikoli milquta minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew	***imħassar***

avvenimenti katastrofiċi, billi jiddeterminaw il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà abbażi tal-evidenza disponibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

While the process of external convergence has not yet been finalized, and there are still disparities between Member States, state aid distribution within the European Union aggravates the inequalities between European farmers. Recent studies outline that while the amount of 18 billion EUR has been spent between 2021 and 2024 at EU level for state aid in the agricultural sector, some Member States allocated amounts equalling their budget of Direct Payments while others have scarcely topped up the EU allocations with national money. This could deepen the competitive disadvantage of Eastern European farmers, creating unfair competition on the EU market.

Emenda 148
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ skont dan l-Artikolu jkun immirat għall-aktar azjendi agrikoli milquta minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi, billi jiddeterminaw il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà abbażi tal-evidenza disponibbli.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ skont dan l-Artikolu jkun immirat għall-aktar azjendi agrikoli milquta minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi***, tifqigħ ta' mard epiżootiku*** jew avvenimenti katastrofiċi, billi jiddeterminaw il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà abbażi tal-evidenza disponibbli.

Or. en

Emenda 149
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati tal-appoġġ applikabbli għall-kumpens f'każ ta' telf fil-produzzjoni. Dawk ir-rati għandhom ikunu akbar għall-azjendi agrikoli koperti b'polza tal-assigurazzjoni jew b'għodda oħra ta' ġestjoni tar-riskju. L-indiċijiet jistgħu jintużaw għall-kalkolu tat-telf fil-produzzjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

While the process of external convergence has not yet been finalized, and there are still disparities between Member States, state aid distribution within the European Union aggravates the inequalities between European farmers. Recent studies outline that while the amount of 18 billion EUR has been spent between 2021 and 2024 at EU level for state aid in the agricultural sector, some Member States allocated amounts equalling their budget of Direct Payments while others have scarcely topped up the EU allocations with national money. This could deepen the competitive disadvantage of Eastern European farmers, creating unfair competition on the EU market.

Emenda 150
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati tal-appoġġ applikabbli għall-kumpens f'każ ta' telf fil-produzzjoni. Dawk ir-rati għandhom ikunu akbar ***għall-azjendi agrikoli koperti b'polza tal-assigurazzjoni jew b'għodda oħra ta' ġestjoni tar-riskju***. L-indiċijiet jistgħu jintużaw għall-kalkolu tat-telf fil-produzzjoni.	4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati tal-appoġġ applikabbli għall-kumpens f'każ ta' telf fil-produzzjoni. Dawk ir-rati għandhom ikunu akbar ***għall-bdiewa l-aktar vulnerabbli, bħal dawk b'aċċess limitat għall-assigurazzjoni privata, li joperaw f'reġjuni esposti għar-riskji klimatiċi jew ekonomikament żvantaġġati***. L-indiċijiet jistgħu jintużaw għall-kalkolu tat-telf fil-

produzzjoni.

Or. en

Emenda 151
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Céline Imart, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jikkofinanzjaw il-pagamenti b'finanzjament nazzjonali addizzjonali sa 200% f'konformità mal-Artikolu 115(5) u mal-Artikolu 146.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

No co-financing within the first pillar, together with direct payments. This amendment opposes any possibility for Member States to co-finance emergency measures linked to climate-related disasters within the first pillar, alongside direct payments. Such a development would pave the way for the dismantling of a truly common agricultural policy. Direct payments have always been allocated exclusively by the EU, based on a strict and transparent framework. Introducing national co-financing now would send a dangerous signal ahead of the next CAP reform and in the context of the increasing mobilisation of national agricultural budgets.

Emenda 152
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu	***imħassar***

li jikkofinanzjaw il-pagamenti b'finanzjament nazzjonali addizzjonali sa 200% f'konformità mal-Artikolu 115(5) u mal-Artikolu 146.

Or. en

Ġustifikazzjoni

While the process of external convergence has not yet been finalized, and there are still disparities between Member States, state aid distribution within the European Union aggravates the inequalities between European farmers. Recent studies outline that while the amount of 18 billion EUR has been spent between 2021 and 2024 at EU level for state aid in the agricultural sector, some Member States allocated amounts equalling their budget of Direct Payments while others have scarcely topped up the EU allocations with national money. This could deepen the competitive disadvantage of Eastern European farmers, creating unfair competition on the EU market.

Emenda 153
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi skont dan l-Artikolu jkunu konsistenti ma' dawk ibbażati fuq l-Artikolu 78a u li jkun evitat il-kumpens żejjed permezz ta' kombinament tal-intervent skont dan l-Artikolu ma' strumenti ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew ma' poloz tal-assigurazzjoni privati oħra.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

While the process of external convergence has not yet been finalized, and there are still disparities between Member States, state aid distribution within the European Union aggravates the inequalities between European farmers. Recent studies outline that while the amount of 18 billion EUR has been spent between 2021 and 2024 at EU level for state aid in

the agricultural sector, some Member States allocated amounts equalling their budget of Direct Payments while others have scarcely topped up the EU allocations with national money. This could deepen the competitive disadvantage of Eastern European farmers, creating unfair competition on the EU market.

Emenda 154
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. B'deroga mill-Artikolu 111, l-ewwel subparagrafu, il-punti (h) u (i) ta' dak is-subparagrafu m'għandhomx japplikaw għall-appoġġ b'dan it-tip ta' intervent.	***imħassar***
**** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).;***	

Or. en

Ġustifikazzjoni

While the process of external convergence has not yet been finalized, and there are still disparities between Member States, state aid distribution within the European Union aggravates the inequalities between European farmers. Recent studies outline that while the amount of 18 billion EUR has been spent between 2021 and 2024 at EU level for state aid in the agricultural sector, some Member States allocated amounts equalling their budget of Direct Payments while others have scarcely topped up the EU allocations with national money. This could deepen the competitive disadvantage of Eastern European farmers, creating unfair competition on the EU market.

Emenda 155
Christine Singer, Ciaran Mullooly, Benoit Cassart, Elsi Katainen, Valérie Hayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 41a (8) ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Fir-rapporti annwali tagħhom dwar il-prestazzjoni, l-Istati Membri għandhom jinkludu l-appoġġ mogħti skont dan l-Artikolu, inklużi s-setturi kkonċernati, l-ammonti allokati u l-ġustifikazzjoni għall-allokazzjoni ta' tali appoġġ, kif previst fil-paragrafu 2.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The new Article 41a introduces an optional risk management instrument for the years 2026 and 2027. While voluntary in nature, it enables Member States to direct significant support to specific agricultural sectors in response to crises. Without appropriate transparency and oversight, this could lead to substantial imbalances in support levels across the EU and distort competition between farmers in different Member States. To ensure a fair and balanced implementation of this measure, and to enable the Commission and other Member States to monitor its impact, it is essential to establish a light but effective reporting mechanism. By requiring Member States to include data on targeted sectors, financial volumes, and the rationale for support in their annual performance reports, the amendment increases transparency without creating additional administrative burden. This pragmatic step supports the principle of equal treatment and prevents market fragmentation, while leaving the flexibility of the instrument intact.

Emenda 156
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 11a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 47 – paragrafu 1 – punt (d)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) fl-Artikolu 47, il-paragrafu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(d) il-produzzjoni organika jew integrata, jiġifieri l-kost totali tal-metodi alternattivi tal-użu ta' sustanzi attivi sintetiċi relatati mal-kontroll bijoloġiku;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tippermetti l-appoġġ tal-kost totali tal-metodi alternattivi biex jissimplifikaw l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali attwalment meħtieġa biex tiġi ġġustifikata d-differenza fil-kost ta' dawn il-metodi alternattivi meta mqabbla ma' dawk konvenzjonali.

Emenda 157
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) fl-Artikolu 49, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej: L-Istati Membri għandhom isegwu wieħed jew aktar mill-objettivi msemmija fl-Artikolu 46 fis-settur tal-frott u l-ħxejjex imsemmi fl-Artikolu 42(a). Dawn l-objettivi jikkonċernaw il-prodotti kemm friski kif ukoll ipproċessati.

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-emenda proposta timplika li l-Artikolu 52, kif emendat mill-proposta għal simplifikazzjoni, se japplika wkoll għall-prodotti pproċessati.

Emenda 158
Herbert Dorfmann, Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 12a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 49

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(12a) L-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:
Artikolu 49	“Artikolu 49
Objettivi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex	Objettivi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex
L-Istati Membri għandhom isegwu wieħed jew aktar mill-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 46 fis-settur tal-frott u l-ħxejjex imsemmi fl-Artikolu 42, punt (a). L-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 46, punti (g), (h), (i) u (k), għandhom ikopru l-prodotti kemm jekk f’forma friska kif ukoll jekk ipproċessata, filwaqt li l-objettivi li jinsabu fil-punti l-oħra ta’ dak l-Artikolu għandhom ikopru biss prodotti f’forma friska. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi jikkorrispondu mat-tipi ta’ intervent magħżula skont l-Artikolu 47.	L-Istati Membri għandhom isegwu wieħed jew aktar mill-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 46 fis-settur tal-frott u l-ħxejjex imsemmi fl-Artikolu 42, punt (a). L-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 46, punti ***(d), (e), (f),*** (g), (h), (i) u (k), għandhom ikopru l-prodotti kemm jekk f’forma friska kif ukoll jekk ipproċessata, filwaqt li l-objettivi li jinsabu fil-punti l-oħra ta’ dak l-Artikolu għandhom ikopru biss prodotti f’forma friska. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi jikkorrispondu mat-tipi ta’ intervent magħżula skont l-Artikolu 47.”

Or. en

(32021R2115)

Emenda 159
Stefano Bonaccini, Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 12a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 49

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(12a) l-Artikolu 49 huwa sostitwit b’dan li ġej:
L-Istati Membri għandhom isegwu wieħed jew aktar mill-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 46 fis-settur tal-frott u l-ħxejjex imsemmi fl-Artikolu 42, punt (a). L-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 46, punti (g), (h), (i) u (k), għandhom ikopru l-prodotti kemm jekk f’forma friska kif ukoll jekk ipproċessata, filwaqt li l-objettivi li jinsabu	***“L-Istati*** Membri għandhom isegwu wieħed jew aktar mill-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 46 fis-settur tal-frott u l-ħxejjex imsemmi fl-Artikolu 42, punt (a). L-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 46, punti ***(d), (e), (f),*** (g), (h), (i) u (k), għandhom ikopru l-prodotti kemm jekk f’forma friska kif ukoll jekk ipproċessata, filwaqt li l-

fil-punti l-oħra ta' dak l-Artikolu għandhom ikopru biss prodotti f'forma friska. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi jikkorrispondu mat-tipi ta' intervent magħżula skont l-Artikolu 47.

objettivi li jinsabu fil-punti l-oħra ta' dak l-Artikolu għandhom ikopru biss prodotti f'forma friska. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi jikkorrispondu mat-tipi ta' intervent magħżula skont l-Artikolu 47.***"***

Or. it

(32021R2115)

Emenda 160
Tomáš Kubín
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 59 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(13a) l-Artikolu 59(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji tal-FAEG u FAEŻR jipprovdulhom l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tagħhom***, inkluż, fejn applikabbli, l-identifikazzjoni tal-grupp li fih jipparteċipaw, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (11), tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (30)***.	"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji tal-FAEG u FAEŻR jipprovdulhom l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tagħhom."

Or. en

(32021R2116)

Ġustifikazzjoni

L-aġenziji tal-ħlas jitolbu din l-informazzjoni b'mod dettaljat esaġerat. Il-bdiewa huma meħtieġa jirrapportaw din id-data u din l-informazzjoni, li huma partikolarment onerużi għall-kooperattivi agrikoli. Din l-emenda tneħħi wkoll l-obbligu ta' aġġornamenti kontinwi fir-reġistru rilevanti. Filwaqt li r-responsabbiltà ġuridika hija tal-Istati Membri, fil-prattika, il-piż amministrattiv jerfgħuh b'mod sproporzjonat il-bdiewa. F'bosta każijiet (pereżempju l-kooperattivi agrikoli li għandhom mijiet ta' membri), ir-rikjesta għal aġġornamenti kostanti hija eċċessiva u mingħajr ġustifikazzjoni.

Emenda 161
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) fl-Artikolu 65, jiżdied il-paragrafu li ġej: (2a) Fir-rigward tal-limiti massimi msemmijin fil-paragrafu 2 u l-allokazzjonijiet finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 88(4)(c), l-Istati Membri jistgħu jiddifferenzjaw l-intensità tal-appoġġ finanzjarju għall-programmi operazzjonali billi jallokaw perċentwal ta' finanzjamenti għall-programmi ppreżentati mill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi meta mqabbla ma' dawk ippreżentati mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Bi qbil mad-dispożizzjonijiet stabbiliti għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) tal-frott u l-ħxejjex, iddaħħal mekkaniżmu ta' għajnuna bonus fl-OKS taż-żejt biex iħeġġeġ l-attivitajiet konġunti bejn l-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Dan l-għoti jieħu l-forma ta' żieda fl-appoġġ finanzjarju għall-programmi operazzjonali ppreżentati mill-organizzazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtti nazzjonali, inkwantu l-azzjonijiet li jsiru fil-livell ta' assoċjazzjoni wrew li kienu aktar effikaċi minn dawk li jsiru fil-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi individwali.

Emenda 162
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt a
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ u bdiewa ***ġodda***, il-bidu ta' negozju rurali u	(e) l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ***, bdiewa ġodda*** u bdiewa ***nisa***, il-

l-iżvilupp tan-negozju ta’ azjendi agrikoli żgħar;”;	bidu ta’ negozju rurali u l-iżvilupp tan-negozju ta’ azjendi agrikoli żgħar;”;

Or. ro

Emenda 163
Luke Ming Flanagan
f’isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 69(b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) pagamenti ta’ kriżi lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi permezz tal-iżvilupp rurali.”;	***imħassar***

Or. en

Emenda 164
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 69 – punt b – sottopunt (i)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) pagamenti ta’ kriżi lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi permezz tal-iżvilupp rurali.”;	(i) pagamenti ta’ kriżi lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi***, tifqigħ ta’ mard epiżootiku*** jew avvenimenti katastrofiċi permezz tal-iżvilupp rurali.”;

Or. en

Emenda 165

Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 70, paragrafu 3(b)(1)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) (i) it-tieni subparagrafu hu sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"Għall-impenji msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), meta l-liġi nazzjonali tkun timponi rekwiżiti ġodda li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti obbligatorji stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti."	
"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeskludu mir-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-istandard tal-KAAT 2 stabbilit skont il-Kapitolu I, tat-Taqsima 2 ta' dan it-Titolu.";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-bidla tkun tippermetti l-ħlas għar-rekwiżiti minimi fl-att bażiku, li sal-lum kienu obbligatorji. Dan ikun jikkompromett l-infiq ulterjuri għall-objettivi ambjentali u klimatiċi.

Emenda 166
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 70 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-impenji msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), meta l-liġi nazzjonali tkun timponi rekwiżiti ġodda li	Għall-impenji msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), meta l-liġi nazzjonali tkun timponi rekwiżiti ġodda li

jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti obbligatorji stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.	jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti obbligatorji stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, l-appoġġ jista' jingħata għall-impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti ***għal perjodu massimu ta' 24 xhur li jiddekorri mid-data li fiha jsiru obbligatorji għall-azjenda***.

Or. en

Emenda 167
Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b – punt ii
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 70 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri ***jistgħu*** jiddeċiedu li jeskludu mir-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-istandard tal-KAAT 2 stabbilit skont il-Kapitolu I, tat-Taqsima 2 ta' dan it-Titolu.;	B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri ***għandhom*** jiddeċiedu li jeskludu mir-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-istandard tal-KAAT 2 stabbilit skont il-Kapitolu I, tat-Taqsima 2 ta' dan it-Titolu.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bdiewa li qed jipparteċipaw fi skemi għall-istandard tal-KAAT 2 għandhom ikunu ċerti li jiġu kkumpensati.

Emenda 168
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b – punt ii
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 70 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

B’deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri ***jistgħu jiddeċiedu li*** jeskludu mir-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-istandard tal-KAAT 2 stabbilit skont il-Kapitolu I, tat-Taqsima 2 ta’ dan it-Titolu.;	B’deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri ***għandhom*** jeskludu mir-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-istandard tal-KAAT 2 stabbilit skont il-Kapitolu I, tat-Taqsima 2 ta’ dan it-Titolu.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peatlands are important for achieving climate and biodiversity goals and therefore must be the protected. However, the implementation of GEAC 2 imposes clear operational and compliance costs on farmers. To ensure fairness and participation, farmers must be compensated for meeting these requirements. This can be effectively achieved by mandating Member States to offer compensation through an eco-scheme or a Pillar II measure. Making this mandatory - rather than optional - ensures a level playing field across the EU and guarantees that the environmental ambitions of the CAP are met with the necessary economic support.

Emenda 169
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 70 – punt 6 – punt 6a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Punt 6a – L-Istati Membri jistgħu jużaw l-appoġġ skont dan l-Artikolu biex jiffaċilitaw il-konformità mal-atti legali tal-Unjoni li għadhom kif ġew adottati fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent, tar-restawr tan-natura jew tal-politika dwar il-klima, b’mod partikolari meta tali rekwiżiti jaffettwaw lill-produtturi primarji. Dan jinkludi appoġġ għall-investimenti fil-miżuri ta’ adattament, fis-soluzzjonijiet diġitali u tekniċi, fis-sistemi ta’ ċertifikazzjoni u fil-kapaċità amministrattiva. Fl-ambitu ta’ dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll l-impenji ta’ ġestjoni ambjentali, marbuta mal-klima u impenji oħrajn ta’ ġestjoni oħra biex jgħinu lill-bdiewa

jadattaw ruħhom malajr għar-rekwiżiti ġodda tal-Unjoni, inklużi dawk fil-fażi ta' tranżizzjoni jew preparatorja, permezz ta' impenji agrikoli, ambjentali u klimatiċi, ekoskemi u appoġġ għall-investimenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-numru dejjem akbar ta' rekwiżiti ambjentali u tas-sostenibbiltà jirrappreżenta sfidi sinifikanti f'termini ta' konformità u adattatment għall-produtturi primarji. Dawn l-obbligi jistgħu jiġġeneraw kostijiet sostanzjali, u b'hekk jolqtu potenzjalment il-fattibbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli. L-emenda proposta tippermetti lill-Istati Membri jużaw l-istrumenti tal-PAK, fl-ambitu tal-Artikolu 30, tal-Artikolu 70 u tal-Artikolu 73, bil-għan li jappoġġjaw l-isforzi ambjentali li qed isiru u jgħinu lill-bdiewa jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda tal-Unjoni b'mod puntwali u effiċjenti f'termini ta' kostijiet.

Emenda 170
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	6. L-impenji għandhom jittieħdu għal perjodu ta' bejn tlieta u ħames snin.

Or. it

Ġustifikazzjoni

F'ħafna każijiet, it-tul tal-perjodu tal-impenn (eż. ħames snin) huwa imkompatibbli man-natura dinamika tas-settur tal-biedja. Dan id-dinamiżmu huwa riflessi fil-kuntratti ta' ġestjoni koperti mill-impenn: spiss il-benefiċjarji ma għandhom l-ebda kontroll fuq it-tiġdid tal-kuntratt, u bosta azjendi agrikoli ma jagħmlux applikazzjonijiet preċiżament għax ma għandhomx art b'kuntratti ta' ġestjoni stabbli. Għaldaqstant impenn ta' tliet snin ikun jista' jiġi ġestit aħjar fil-biċċa l-kbira tal-każijiet.

Emenda 171
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) fil-paragrafu 6, l-ewwel punt huwa sostitwit b'dan li ġej: 6. L-impenji għandhom jittieħdu għal perjodu ta' bejn tlieta u ħames snin.

Or. en

Emenda 172
Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 72 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri ***jistgħu*** jiddeċiedu li fil-kalkolu jinkludu l-kostijiet addizzjonali u l-introjtu mitluf b'rabta mal-iżvantaġġi li jirriżultaw mill-konformità mal-istandard 2 tal-KAAT stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu I ta' dan it-Titolu.;	B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri ***għandhom*** jiddeċiedu li fil-kalkolu jinkludu l-kostijiet addizzjonali u l-introjtu mitluf b'rabta mal-iżvantaġġi li jirriżultaw mill-konformità mal-istandard 2 tal-KAAT stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu I ta' dan it-Titolu.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bdiewa li qed jipparteċipaw fi skemi għall-istandard tal-KAAT 2 għandhom ikunu ċerti li jiġu kkumpensati.

Emenda 173
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 17a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 73 – paragrafu 3 – punt d – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Fl-Artikolu 73, il-paragrafu 3, il-punt 4 (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:
	(iii) ix-xiri ta' annimali għat-tnissil u t-trobbija ta' razez fil-periklu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (12) skont l-impenji msemmija fl-Artikolu 70; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-suġġett huwa ta' importanza enormi fil-kuntest tad-deklin tas-settur tat-trobbija tal-bhejjem fil-livell Ewropew. L-importanza tal-istokk riproduttiv għall-fattibbiltà tas-settur tat-trobbija tal-bhejjem hija kruċjali. Titjib fil-ġenetika permezz ta' investimenti diretti fit-trobbija tal-bhejjem ta' kwalità għolja.

Emenda 174
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ ***u ta' bdiewa ġodda, u l-bidu ta' negozji rurali jew l-iżvilupp tan-negozju tal-azjendi agrikoli żgħar***;	L-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ;

Or. en

Emenda 175
Tomáš Kubín, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 75 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-istabbiliment ta’ bdiewa żgħażagħ u ta’ bdiewa ġodda***, u l-bidu ta’ negozji rurali jew l-iżvilupp tan-negozju tal-azjendi agrikoli żgħar;***	L-istabbiliment ta’ bdiewa żgħażagħ u ta’ bdiewa ġodda

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ssaħħaħ l-enfasi tal-appoġġ inizjali għall-bdiewa żgħażagħ, li huma essenzjali biex jiżguraw it-tiġdid ġenerazzjonali, il-produttività fit-tul u l-innovazzjoni fis-settur agrikolu. Minkejja li eliġibbiltà usa’ għall-operaturi l-ġodda u għall-azjendi ż-żgħar tista’ tirrifletti l-inklużjoni, tirriskja li tnaqqas l-impatt strateġiku tal-appoġġ tal-PAK billi jiġu allokati fondi pubbliċi lill-mudelli kummerċjali li jaf ma jagħtux prijorità lill-produzzjoni tal-ikel vijabbli jew lill-ġestjoni tal-art attiva.

Emenda 176
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-istabbiliment ta’ bdiewa żgħażagħ u ***ta’*** bdiewa ***ġodda***, u l-bidu ta’ negozji rurali jew l-iżvilupp tan-negozju tal-azjendi agrikoli żgħar;	L-istabbiliment ta’ bdiewa żgħażagħ***, bdiewa ġodda*** u bdiewa ***nisa***, u l-bidu ta’ negozji rurali jew l-iżvilupp tan-negozju tal-azjendi agrikoli żgħar;

Or. ro

Emenda 177
Tomáš Kubín, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 75 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu	1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu

appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ ***u għall-ftuħ ta' negozji rurali, inkluż l-istabbiliment ta' bdiewa ġodda, u għall-iżvilupp tan-negozju tal-azjendi agrikoli żgħar*** skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat f'aktar dettall fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex jikkontribwixxu biex jintlaħqu wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2).;	appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat f'aktar dettall fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex jikkontribwixxu biex jintlaħqu wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2).;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minkejja li eliġibbiltà usa' għall-operaturi l-ġodda u għall-azjendi ż-żgħar tista' tirrifletti l-inklużjoni, tirriskja li tnaqqas l-impatt strateġiku tal-appoġġ tal-PAK billi jiġu allokati fondi pubbliċi lill-mudelli kummerċjali li jaf ma jagħtux prijorità lill-produzzjoni tal-ikel vijabbli jew lill-ġestjoni tal-art attiva. Bil-għan li jiġu ppreservati l-integrità u l-effikaċja tal-istrumenti ta' żvilupp rurali, huwa essenzjali li r-riżorsi limitati jiġu orjentati lejn il-bdiewa żgħażagħ li jsibu quddiemhom ostakli ddokumentati sew biex jidħlu fis-settur u li huwa aktar probabbli li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura tal-UE.

Emenda 178
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ ***u għall-ftuħ ta' negozji rurali, inkluż l-istabbiliment ta' bdiewa ġodda, u għall-iżvilupp tan-negozju tal-azjendi agrikoli żgħar*** skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat f'aktar dettall fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex jikkontribwixxu biex jintlaħqu wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2).;	1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat f'aktar dettall fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex jikkontribwixxu biex jintlaħqu wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2).;

Or. en

Emenda 179
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 75 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ u għall-ftuħ ta' negozji rurali, inkluż l-istabbiliment ta' bdiewa ġodda, u għall-iżvilupp tan-negozju tal-azjendi agrikoli żgħar skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat f'aktar dettall fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex jikkontribwixxu biex jintlaħqu wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2).”;	(1) L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ ***u bdiewa nisa,*** u għall-ftuħ ta' negozji rurali, inkluż l-istabbiliment ta' bdiewa ġodda, u għall-iżvilupp tan-negozju tal-azjendi agrikoli żgħar skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat f'aktar dettall fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex jikkontribwixxu biex jintlaħqu wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2).”;

Or. ro

Emenda 180
Tomáš Kubín, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt c
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 75 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fil-paragrafu 2, jiżdied il-punt li ġej:	***imħassar***
“(d) l-iżvilupp tan-negozju tal-azjendi agrikoli żgħar, kif iddeterminat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 73(4), it-tieni subparagrafu, il-punt (b).”;	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bil-għan li jiġu ppreservati l-integrità u l-effikaċja tal-istrumenti ta' żvilupp rurali, huwa essenzjali li r-riżorsi limitati jiġu orjentati lejn il-bdiewa żgħażagħ li jsibu quddiemhom ostakli ddokumentati sew biex jidħlu fis-settur u li huwa aktar probabbli li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fit-tul tal-agrikoltura tal-UE.

Emenda 181
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt c
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fil-paragrafu 2, jiżdied il-punt li ġej:	***imħassar***
"(d) l-iżvilupp tan-negozju tal-azjendi agrikoli żgħar, kif iddeterminat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 73(4), it-tieni subparagrafu, il-punt (b).";	

Or. en

Emenda 182
Tomáš Kubín, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt d
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 75 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ fil-forma ta' somom f'daqqa ***jew strumenti finanzjarji, jew kombinament tat-tnejn***. L-appoġġ għandu jkun limitat għal:	L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ fil-forma ta' somom f'daqqa. L-appoġġ għandu jkun limitat għal:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk l-appoġġ tal-PAK jiġi ffukat fuq il-bdiewa żgħażagħ, dan jistimola t-tiġdid ġenerazzjonali, il-produttività u l-innovazzjoni fl-agrikoltura. Bl-eliġibbiltà usa' għall-operatura l-ġodda u għall-azjendi ż-żgħar, hemm ir-riskju li jonqsu l-fondi favur mudelli anqas vijabbli. L-orjentament tar-riżorsi lejn il-bdiewa żgħażagħ, li jsibu quddiemhom ostakli biex jidħlu fis-settur, isaħħaħ l-iżvilupp rurali u s-sostenibbiltà agrikola tal-UE.

Emenda 183
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt d
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ fil-forma ta' somom f'daqqa ***jew strumenti finanzjarji, jew kombinament tat-tnejn***. L-appoġġ għandu jkun limitat għal:	L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ fil-forma ta' somom f'daqqa. L-appoġġ għandu jkun limitat għal:

Or. en

Emenda 184
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt d
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 75 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-ammont massimu ta' għajnuna ta' EUR 100 000 għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti ***(a),*** (b) u (c);	(a) l-ammont massimu ta' għajnuna ta' EUR 100 000 għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (b) u (c);

Or. en

Emenda 185
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt d
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 75 – paragrafu 4 – punt (aa)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-ammont massimu ta' għajnuna ta' EUR 150 000 għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a);

Or. en

Emenda 186
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt d
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ammont massimu ta' għajnuna ta' EUR 50 000 għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (d).	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ssaħħaħ l-enfasi tal-appoġġ inizjali għall-bdiewa żgħażagħ, li huma essenzjali biex jiżguraw it-tiġdid ġenerazzjonali, il-produttività fit-tul u l-innovazzjoni fis-settur agrikolu. Minkejja li eliġibbiltà usa' għall-operaturi l-ġodda u għall-azjendi ż-żgħar tista' tirrifletti l-inklużjoni, tirriskja li tnaqqas l-impatt strateġiku tal-appoġġ tal-PAK billi jiġu allokati fondi pubbliċi lill-mudelli kummerċjali li jaf ma jagħtux prijorità lill-produzzjoni tal-ikel vijabbli jew lill-ġestjoni tal-art attiva.

Emenda 187
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt d
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ammont massimu ta' għajnuna ta' EUR 50 000 għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (d).	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk l-appoġġ tal-PAK jiġi ffukat fuq il-bdiewa żgħażagħ, dan jistimola t-tiġdid ġenerazzjonali, il-produttività u l-innovazzjoni fl-agrikoltura. Bl-eliġibbiltà usa' għall-operatura l-ġodda u għall-azjendi ż-żgħar, hemm ir-riskju li jonqsu l-fondi favur mudelli anqas vijabbli. L-orjentament tar-riżorsi lejn il-bdiewa żgħażagħ, li jsibu quddiemhom ostakli biex jidħlu fis-settur, isaħħaħ l-iżvilupp rurali u s-sostenibbiltà agrikola tal-UE.

Emenda 188
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt d
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 1 – paragrafu 18 – punt (d)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ammont massimu ta' għajnuna ta' EUR ***50 000*** għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (d).	(b) l-ammont massimu ta' għajnuna ta' EUR ***75 000*** għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (d).

Or. it

Ġustifikazzjoni

Bil-għan li ninkoraġġixxu l-investiment min-naħa tal-impriżi agrikoli ż-żgħar, qed tiġi proposta żieda fl-ammont massimu tal-kontribuzzjoni b'rata fissa.

Emenda 189
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 76 – paragrafu 5 – subparagraph 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata biss biex jiġi kopert it-telf li jaqbeż il-limitu ta' mqar 20% tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin, jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. L-għodod ta' ġestjoni tar-riskju tal-produzzjoni settorjali għandhom jikkalkulaw it-telf fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat, jew b'rabta ***maż-żona speċifika assigurata***.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata biss biex jiġi kopert it-telf li jaqbeż il-limitu ta' mqar 20% tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin, jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. L-għodod ta' ġestjoni tar-riskju tal-produzzjoni settorjali għandhom jikkalkulaw it-telf fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat, jew b'rabta ***mat-telf speċifiku tal-għelejjel, iż-żona milquta, l-ettari u/jew in-numru ta' annimali kkonċernati***.

Or. en

Emenda 190
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 76 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata biss biex jiġi kopert it-telf li jaqbeż il-limitu ta' mqar 20% tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin, jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. ***L-għodod ta' ġestjoni tar-riskju tal-produzzjoni settorjali għandhom jikkalkulaw it-telf fil-livell*** ta' ***azjenda***, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat, jew b'rabta maż-żona speċifika assigurata.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata biss biex jiġi kopert it-telf li jaqbeż il-limitu ta' mqar 20% ***taż-żona/tal-istokk riproduttiv jew*** tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin, jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. ***It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' ettari milquta jew*** ta' ***stokk riproduttiv milqut***, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat, jew b'rabta maż-żona speċifika assigurata.

Or. en

Emenda 191
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 76 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata biss biex jiġi kopert it-telf li jaqbeż il-limitu ta' mqar ***20***% tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin, jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. L-għodod ta' ġestjoni tar-riskju tal-produzzjoni settorjali għandhom jikkalkulaw it-telf fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat, jew b'rabta maż-żona speċifika assigurata.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata biss biex jiġi kopert it-telf li jaqbeż il-limitu ta' mqar ***15***% tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin, jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. L-għodod ta' ġestjoni tar-riskju tal-produzzjoni settorjali għandhom jikkalkulaw it-telf fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat, jew b'rabta maż-żona speċifika assigurata.

Or. ro

Emenda 192
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Christine Schneider, Céline Imart, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 76 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-għelejjel permanenti u f'każijiet ġustifikati oħra li għalihom il-metodi tal-kalkolu msemmija fl-ewwel subparagrafu ma jkunux xierqa, l-Istati Membri jistgħu jivvalutaw it-telf abbażi tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi tul perjodu li ma jaqbiżx	***Meta l-metodi*** tal-kalkolu msemmija fl-ewwel subparagrafu ma jkunux xierqa, l-Istati Membri jistgħu jivvalutaw it-telf abbażi tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu annwali medju tal-bidwi tul perjodu li ma jaqbiżx it-tmien snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata.

it-tmien snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minkejja li l-Kummissjoni tipproponi li testendi l-perjodu ta' kalkolu b'medja Olimpika minn 5 sa 8 snin għall-għelejjel permanenti, din il-bidla jenħtieġ li tiġi applikata lis-setturi kollha, inkwantu s-setturi kollha għaddejjin minn volatilità akbar tar-rendiment minħabba t-tibdil fil-klima u l-instabbiltà tas-suq. Din l-applikazzjoni usa' tkun tiżgura valuri ta' referenza aktar preċiżi, ġusti u reżiljenti għall-produtturi fuq livell ġenerali.

Emenda 193
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2021/2015
Artikolu 78a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) [...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riżerva agrikola eżistenti jenħtieġ li tkompli tkun il-mezz li bih jingħata appoġġ lill-bdiewa li jkunu sfaw f'diżastri naturali, f'avvenimenti klimatiċi avversi jew f'avvenimenti katastrofiċi għax dawn, fin-natura, huma fenomeni eċċezzjonali. Mingħajr finanzjamenti addizzjonali, il-ħolqien ta' interventi ġodda fl-ambitu tal-qafas finanzjarju attwali jkun iżid il-kumplessità u jħalli impatt negattiv fuq l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà u għal interventi tal-PAK oħrajn għal dak li fadal mill-PAK attwali.

Emenda 194
Veronika Vrecionová, Waldemar Buda, Anna Zalewska, Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 78a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 78a	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-Artikolu jdaħħal sistema ġdida ta' riskji u kriżijiet li tieħu post ir-riżerva attwali. Imur oltre s-simplifikazzjoni u jeħtieġ aktar dibattitu. L-inklużjoni ta' tali elementi ġodda issa tirriskja li ddewwem il-proċess. Dawn l-elementi jenħtieġ li jiġu diskussi fl-ambitu tal-PAK ta' wara l-2028, bil-għan li tkun tista' ssir enfasi fuq is-simplifikazzjoni tar-regoli fis-seħħ mingħajr dewmien.

Emenda 195
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2021/2115
Titolu III – Kapitolu I – Taqsima 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 78a	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 78a, li jdaħħal il-pagamenti ta' kriżi fl-ambitu tal-FAEŻR, jimponi rekwiżiti amministattivi ġodda, li jikkompromettu l-objettivi ta' simplifikazzjoni. L-intenzjoni siewja tal-proposta li tindirizza l-emerġenzi klimatiċi teħtieġ li tiġi ċċarata akar f'termini ta' finanzjament u implimentazzjoni biex tiġi żgurata l-koerenza. Id-differiment ta' dan il-mekkaniżmu għal riformi tal-PAK futuri jippermetti li jsiru diskussjonijiet bir-reqqa ħalli jiġi żviluppat qafas sod.

Emenda 196
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 78a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli attivi li jintlaqtu minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkunu maħsuba biex jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk l-azjendi agrikoli u jkunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat f'aktar dettall mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.	1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli attivi li jintlaqtu minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi***, tifqigħ ta' mard epiżootiku*** jew avvenimenti katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkunu maħsuba biex jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk l-azjendi agrikoli u jkunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat f'aktar dettall mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.
	Or. en

Emenda 197
André Rodrigues, Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Artikolu 78a – ġdid
Regolament (UE) 2021/2115

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli ***attivi*** li jintlaqtu minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkunu maħsuba biex jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk l-azjendi agrikoli u jkunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat f'aktar dettall mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.	1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli ***u lill-benefiċjarji oħra tal-FAEŻR*** li jintlaqtu minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkunu maħsuba biex jiżguraw il-kontinwità tal-attività agrikola ta' dawk l-azjendi agrikoli u jkunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat f'aktar dettall mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.
	Or. en

Emenda 198

Benoit Cassart, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 78

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ġara diżastru naturali, avveniment klimatiku avvers jew avveniment katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-avvenimenti, jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda tal-pjanti jew tal-pesti, jew il-miżuri adottati biex jiġi evitat jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882, jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw b'mod dirett ħsara li twassal għall-qerda ta' 30% tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.	2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ġara diżastru naturali, avveniment klimatiku avvers jew avveniment katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-avvenimenti, jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda tal-pjanti jew tal-pesti, jew il-miżuri adottati biex jiġi evitat jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882, jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw b'mod dirett ***telf ta' 30 % tal-profitabbiltà annwali medja meta mqabbla mal-profitabbiltà annwali medja tal-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata u aġġustata għall-inflazzjoni jew*** ħsara li twassal għall-qerda ta' 30% tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.

Or. en

Emenda 199
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 78a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ġara diżastru naturali, avveniment klimatiku avvers jew avveniment katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-avvenimenti, jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda tal-pjanti jew tal-pesti, jew il-miżuri adottati biex jiġi evitat jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882, jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw b'mod dirett ħsara li twassal għall-qerda ta' 30% tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.	2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ġara diżastru naturali, avveniment klimatiku avvers jew avveniment katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-avvenimenti, jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda tal-pjanti jew tal-pesti, jew il-miżuri adottati biex jiġi evitat jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882, jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw b'mod dirett ħsara li twassal għall-qerda ta' 30% ***taż-żona kkonċernata/tal-istokk riproduttiv ikkonċernat jew*** tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ***ta' ettari milquta jew ta' stokk riproduttiv milqut,*** ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.

Or. en

Emenda 200
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 78a – paragrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ġara diżastru naturali, avveniment klimatiku avvers jew avveniment katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-avvenimenti, jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda tal-pjanti jew tal-pesti, jew il-miżuri adottati biex jiġi evitat jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882, jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw b'mod dirett ħsara li twassal għall-qerda ta' 30% tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.	2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ġara diżastru naturali, avveniment klimatiku avvers***, tifqigħ ta' mard epiżootiku*** jew avveniment katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-avvenimenti, jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 biex tiġi eradikata jew ikkontrollata marda tal-pjanti jew tal-pesti, jew il-miżuri adottati biex jiġi evitat jew eradikat il-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882, jew il-miżuri adottati rigward mard emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429 ikkawżaw b'mod dirett ħsara li twassal għall-qerda ta' 30% tal-produzzjoni annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin, mingħajr l-inqas entrata u l-ogħla entrata. It-telf għandu jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' azjenda, fil-livell ta' attività tal-azjenda fis-settur ikkonċernat jew b'rabta maż-żona speċifika kkonċernata.

Or. en

Emenda 201
Veronika Vrecionová, Waldemar Buda, Anna Zalewska, Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 78a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. B'deroga mill-Artikolu 111, l-ewwel subparagrafu, il-punti (h) u ***(i)*** ta' dak is-subparagrafu m'għandhomx japplikaw għall-appoġġ f'dan it-tip ta' intervent.;	6. B'deroga mill-Artikolu 111, l-ewwel subparagrafu, il-punti (h)***, (i)*** u ***(k)*** ta' dak is-subparagrafu m'għandhomx japplikaw għall-appoġġ f'dan it-tip ta' intervent.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-deroga skont il-punt (k) jenħtieġ li tapplika wkoll għal dan it-tip ta' intervent. L-allokazzjoni finanzjarja annwali jenħtieġ li tkun attivata biss fil-każ ta' diżastru rikonoxxut. Dan l-approċċ ikun jikkontribwixxi biex jiġi evitati li ma jintużawx xi fondi kif ukoll ir-riskju ta' diżimpenn.

Emenda 202
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 78a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. B'deroga mill-Artikolu 111, l-ewwel subparagrafu, il-punti (h) u ***(i)*** ta' dak is-subparagrafu m'għandhomx japplikaw għall-appoġġ f'dan it-tip ta' intervent.***;***	6. B'deroga mill-Artikolu 111, l-ewwel subparagrafu, il-punti (h)***, (i)*** u ***(k)*** ta' dak is-subparagrafu m'għandhomx japplikaw għall-appoġġ f'dan it-tip ta' intervent.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-deroga mill-punt (k) jenħtieġ li tapplika wkoll għal dan l-intervent. L-allokazzjoni finanzjarja annwali għall-intervert jenħtieġ li tiġi attivata biss meta jseħħ diżastru, u li dan tal-aħħar jiġi rikonoxxut. Din il-proposta tista' tipprevjeni l-allokazzjonijiet mhux minfuqa u d-diżimpenn.

Emenda 203
Christine Singer, Ciaran Mullooly, Benoit Cassart, Elsi Katainen, Valérie Hayer

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
2021/2115
Artikolu 78a(7) – ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Fir-rapporti annwali tagħhom dwar il-prestazzjoni, l-Istati Membri għandhom jinkludu l-appoġġ mogħti skont dan l-Artikolu, inklużi s-setturi kkonċernati, l-ammonti allokati u l-ġustifikazzjoni għall-allokazzjoni ta' tali appoġġ, kif previst fil-paragrafu 2.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The new Article 78a introduces an optional risk management instrument for the years 2026 and 2027. While voluntary in nature, it enables Member States to direct significant support to specific agricultural sectors in response to crises. Without appropriate transparency and oversight, this could lead to substantial imbalances in support levels across the EU and distort competition between farmers in different Member States. To ensure a fair and balanced implementation of this measure, and to enable the Commission and other Member States to monitor its impact, it is essential to establish a light but effective reporting mechanism. By requiring Member States to include data on targeted sectors, financial volumes, and the rationale for support in their annual performance reports, the amendment increases transparency without creating additional administrative burden. This pragmatic step supports the principle of equal treatment and prevents market fragmentation, while leaving the flexibility of the instrument intact.

Emenda 204
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 86(2)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Pjan Strateġiku tal-PAK jista' jipprevedi li, f'każijiet ta' miżuri ta' emerġenza minħabba diżastri naturali, avvenimenti katastrofiċi jew	***imħassar***

avvenimenti klimatiċi avversi, l-eliġibbiltà tan-nefqa ffinanzjata mill-FAEG b'rabta ma' emendi fil-Pjan Strateġiku tal-PAK relatati mal-interventi msemmija fl-Artikolu 41a tista' tibda mid-data meta jiġri l-avveniment.

Or. en

Emenda 205
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 25a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 98

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) fl-Artikolu 98, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	Allokazzjonijiet finanzjarji minimi għall-appoġġ ridistributtiv għall-introjtu
	(1) Mill-anqas 10 % u mhux aktar minn 15 % tal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX għandhom jiġu riżervati annwalment għall-appoġġ ridistributtiv għall-introjtu msemmi fl-Artikolu 29.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' limitu massimu ta' 15 % tikkontribwixxi għal ekwità u prevedibbiltà akbar fl-applikazzjoni tal-appoġġ ridistributtiv għall-introjtu fl-Istati Membri kollha. Filwaqt li d-dispożizzjoni fis-seħħ tistabbilixxi biss limitu minimu, ma tipprevenix it-trasferimenti ridistributtivi eċċessivament għoljin li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet fis-suq intern hew għal impatti sproporzjonati fuq ċerti strutturi tal-azjendi agrikoli. Il-limitu massimu ta' 15 % jirrifletti l-prattika attwali tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u għalhekk hija limitu massimu realistiku u bbilanċjat.

Emenda 206
Veronika Vrecionová, Waldemar Buda, Anna Zalewska, Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 25a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2116/2021
Artikolu 87

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) L-Artikolu 87 tar-Regolament (UE) Nru 2116/2021 jitħassar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kundizzjonalità soċjali diġà tiġi applikata f'politiki oħra tal-UE, u jekk tiġi inkluża fil-PAK, dan iwassal għal penali doppji għall-bdiewa. Toħloq ukoll piż amministrattiv bla bżonn għall-awtoritajiet nazzjonali. L-abolizzjoni tagħha tkun iġġib magħha simplifikazzjoni reali. Għaldaqstant qed jiġi propost li, flimkien mat-test oriġinali, jitħassar l-Artikolu 87 tar-Regolament (UE) Nru 2021/2116.

Emenda 207
Veronika Vrecionová, Waldemar Buda, Anna Zalewska, Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25b (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 88

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25b) L-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) Nru 2116/2021 jitħassar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kundizzjonalità soċjali diġà tiġi applikata f'politiki oħra tal-UE, u jekk tiġi inkluża fil-PAK, dan iwassal għal penali doppji għall-bdiewa. Toħloq ukoll piż amministrattiv bla bżonn għall-awtoritajiet nazzjonali. L-abolizzjoni tagħha tkun iġġib magħha simplifikazzjoni reali. Għaldaqstant qed jiġi propost li, flimkien mat-test oriġinali, jitħassar l-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) Nru 2021/2116.

Emenda 208
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 96(a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) fit-Titolu IV, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 96a	
Allokazzjonijiet finanzjarji massimi għall-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi	
1.	
Għal kull Stat Membru, l-ammont massimu li jista' jiġi riżervat għall-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi msemmija fl-Artikoli 41a u 78a għandu jkun limitat għall-ammonti annwali stabbiliti fl-Anness XV, it-Tabella 1.	
Għas-snin kalendarji 2025 u 2026, in-nefqa annwali totali għall-pagamenti ta' kriżi komplementari msemmija fl-Artikolu 41a m'għandhiex taqbeż l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva għal dan it-tip ta' intervent għas-sena kalendarja rilevanti, kif stabbilita mill-Istati Membri fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 112(2), il-punt (a), u approvata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 119. Dak il-limitu massimu finanzjarju għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.	
In-nefqa totali tal-FAEŻR għall-pagamenti ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 78a m'għandhiex taqbeż is-somma tal-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għal dan it-tip ta' intervent għas-snin finanzjarji 2026 u 2027, kif stabbilit mill-	

Istati Membri fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 112(2), il-punt (a), u approvat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 119. Dak il-limitu massimu finanzjarju għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.

2.

B'deroga mill-paragrafu 1, meta Stat Membru jiddeċiedi li ma jipprovdix appoġġ għall-pagamenti ta' kriżi f'konformità mal-Artikolu 78a, l-ammont annwali massimu li jista' jiġi riżervat minn dan l-Istat Membru għall-pagamenti ta' kriżi komplementari msemmija fl-Artikolu 41a għandu jkun limitat għall-ammonti annwali stabbiliti fl-Anness XV, it-Tabella 2.

Għas-snin kalendarji 2025 u 2026, in-nefqa annwali totali għall-pagamenti ta' kriżi komplementari kif imsemmija fl-Artikolu 41a m'għandhiex taqbeż l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva għal dan it-tip ta' intervent għas-sena kalendarja rilevanti, kif stabbilita mill-Istati Membri fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 112(2), il-punt (a), u approvata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 119. Dak il-limitu massimu finanzjarju għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riżerva agrikola jenħtieġ li tkompli tagħti appoġġ lill-bdiewa li jkunu sfaw f'diżastri naturali, f'avvenimenti klimatiċi avversi jew f'avvenimenti katastrofiċi għax dawn, fin-natura, huma fenomeni eċċezzjonali. Mingħajr finanzjamenti addizzjonali, il-ħolqien ta' interventi ġodda fl-ambitu tal-qafas finanzjarju attwali jkun iżid il-kumplessità u jħalli impatt negattiv fuq l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà u għal interventi tal-PAK oħrajn għal dak li fadal mill-PAK attwali.

Emenda 209
André Rodrigues, Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) fit-Titolu IV, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:	(26) fit-Titolu IV, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	fl-Artikolu 96, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	Il-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jiżdied b'massimu ta' 10 punti perċentwali, dment li l-ammont li jikkorrispondi għall-perċentwal li jaqbeż it-13 % jiġi allokat għall-appoġġ għall-bur permanenti jew għall-għelejjel li fihom il-proteini skont it-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 3, Subtaqsima 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tal-bwar permanenti fl-ambitu tal-appoġġ akkoppjat għall-introjtu tagħti inċentiv direttbiex jiġu ppreservati l-ekosistemi b'livell għoli ta' karbonju u biex jiġu appoġġjati s-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem estensivi. Iż-żieda fil-flessibbiltà għall-Istati Membri biex jaqbżu l-limitu massimu ta' 13 % sa 10 punti perċentwali – fir-rigward tal-bwar jew tal-għelejjel li fihom il-proteini, jikkomplementa t-taffija tar-regoli KAAT 1 u jippermetti li l-obbligu regolatorju jinbidel f'appoġġ pożittiv. Dan l-approċċ jiżgura benefiċċji f'termini ambjentali filwaqt li jippermetti s-simplifikazzjoni u s-sussidjarjetà.

Emenda 210
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 97(1)(i)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 97(1), jiżdied is-subparagrafu (i) li ġej:
	Bil-għan li jżommu l-livell ta' ambizzjoni meħtieġ biex jiksbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6(1)(d), (e) u (f) tar-Regolament

(UE) 2021/2115, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-fondi użati biex jiffinanzjaw il-miżuri fl-ambitu tal-KAAT, li kienu vinkolanti fil-qafas regolatorju qabel l-implimentazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 jibqgħu disponibbli f'ammont indaqs għall-miżuri l-oħra implimentati fl-ambitu tal-Artikoli 31 u 70 tal-istess Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk il-miżuri nazzjonali għall-protezzjoni ambjentali u klimatika – preċedentement parti mill-kundizzjonijiet – jistgħu jiġu ppremjati finanzjarjament fil-futur, dan jista' jnaqqas il-finanzjament disponibbli għall-għanijiet ambjentali u klimatiċi. Biex jinżamm l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali u klimatika fl-ambitu skont il-PAK, l-Istati Membri għandhom jallokaw ammont ekwivalenti ta' riżorsi finanzjarji lil miżuri rilevanti oħra.

Emenda 211
André Rodrigues, Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 96a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal kull Stat Membru, l-ammont massimu li jista' jiġi riżervat għall-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi msemmija ***fl-Artikoli 41a u*** 78a għandu jkun limitat għall-ammonti annwali stabbiliti fl-Anness XV, it-Tabella 1.	Għal kull Stat Membru, l-ammont massimu li jista' jiġi riżervat għall-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi msemmija ***fl-Artikolu*** 78a għandu jkun limitat għall-ammonti annwali stabbiliti fl-Anness XV, it-Tabella 1.

Or. en

Emenda 212

Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 96a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal kull Stat Membru, l-ammont massimu li jista' jiġi riżervat għall-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi msemmija ***fl-Artikoli 41a u*** 78a għandu jkun limitat għall-ammonti annwali stabbiliti fl-Anness XV, it-Tabella 1.	Għal kull Stat Membru, l-ammont massimu li jista' jiġi riżervat għall-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi msemmija ***fl-Artikolu*** 78a għandu jkun limitat għall-ammonti annwali stabbiliti fl-Anness XV, it-Tabella 1.

Or. en

Emenda 213
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 96a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal kull Stat Membru, l-ammont massimu li jista' jiġi riżervat għall-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi msemmija ***fl-Artikoli 41a u*** 78a għandu jkun limitat għall-ammonti annwali stabbiliti fl-Anness XV, it-Tabella 1.	Għal kull Stat Membru, l-ammont massimu li jista' jiġi riżervat għall-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi msemmija ***fl-Artikolu*** 78a għandu jkun limitat għall-ammonti annwali stabbiliti fl-Anness XV, it-Tabella 1.

Or. en

Emenda 214
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għas-snin kalendarji 2025 u 2026, in-nefqa annwali totali għall-pagamenti ta' kriżi komplementari msemmija fl-Artikolu 41a m'għandhiex taqbeż l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva għal dan it-tip ta' intervent għas-sena kalendarja rilevanti, kif stabbilita mill-Istati Membri fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 112(2), il-punt (a), u approvata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 119. Dak il-limitu massimu finanzjarju għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 215
André Rodrigues, Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) 2021/2015
Artikolu 96a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għas-snin kalendarji 2025 u 2026, in-nefqa annwali totali għall-pagamenti ta' kriżi komplementari msemmija fl-Artikolu 41a m'għandhiex taqbeż l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva għal dan it-tip ta' intervent għas-sena kalendarja rilevanti, kif stabbilita mill-Istati Membri fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 112(2), il-punt (a), u approvata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 119. Dak il-limitu massimu finanzjarju għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-	***imħassar***

Unjoni.

Or. en

Emenda 216
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 96a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għas-snin kalendarji 2025 u 2026, in-nefqa annwali totali għall-pagamenti ta' kriżi komplementari msemmija fl-Artikolu 41a m'għandhiex taqbeż l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva għal dan it-tip ta' intervent għas-sena kalendarja rilevanti, kif stabbilita mill-Istati Membri fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 112(2), il-punt (a), u approvata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 119. Dak il-limitu massimu finanzjarju għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda biex jitneħħa l-kunċett ta' pagamenti ta' kriżi komplementari.

Emenda 217
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 96a – paragrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta Stat Membru jiddeċiedi li ma jipprovdix appoġġ għall-pagamenti ta' kriżi f'konformità mal-Artikolu 78a, l-ammont annwali massimu li jista' jiġi riżervat minn dan l-Istat Membru għall-pagamenti ta' kriżi komplementari msemmija fl-Artikolu 41a għandu jkun limitat għall-ammonti annwali stabbiliti fl-Anness XV, it-Tabella 2.	***imħassar***
Għas-snin kalendarji 2025 u 2026, in-nefqa annwali totali għall-pagamenti ta' kriżi komplementari kif imsemmija fl-Artikolu 41a m'għandhiex taqbeż l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva għal dan it-tip ta' intervent għas-sena kalendarja rilevanti, kif stabbilita mill-Istati Membri fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 112(2), il-punt (a), u approvata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 119. Dak il-limitu massimu finanzjarju għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.";	

Or. en

Emenda 218
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 96a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-paragrafu 1, meta Stat Membru jiddeċiedi li ma jipprovdix appoġġ għall-pagamenti ta' kriżi f'konformità mal-Artikolu 78a, l-ammont annwali massimu li jista' jiġi riżervat minn dan l-Istat Membru għall-pagamenti ta' kriżi komplementari msemmija fl-Artikolu 41a għandu jkun limitat għall-ammonti annwali stabbiliti	***imħassar***

fl-Anness XV, it-Tabella 2.

Or. en

Emenda 219
André Rodrigues, Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 96a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-paragrafu 1, meta Stat Membru jiddeċiedi li ma jipprovdix appoġġ għall-pagamenti ta' kriżi f'konformità mal-Artikolu 78a, l-ammont annwali massimu li jista' jiġi riżervat minn dan l-Istat Membru għall-pagamenti ta' kriżi komplementari msemmija fl-Artikolu 41a għandu jkun limitat għall-ammonti annwali stabbiliti fl-Anness XV, it-Tabella 2.	***imħassar***

Or. en

Emenda 220
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 98 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	26(a) L-Artikolu 98, il-paragrafu 1, huwa sostitwit b'dan li ġej: "1. Mill-inqas 10 % u mhux aktar minn 12 % tal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX għandhom jiġu riżervati annwalment għall-appoġġ ridistributtiv għall-introjtu msemmi fl-Artikolu 29.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku fl-Artikolu 98(1) stabbilixxa l-obbligu tal-Istati Membri li jiddistribwixxu mill-ġdid mill-inqas 10 % tal-pagamenti diretti lill-bdiewa żgħar. Madankollu, ir-Regolament ma jistabbilixxix limitu massimu għar-ridistribuzzjoni. Huwa

propost li jiġi stabbilit limitu massimu ta' 12 %.

Emenda 221
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 96a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għas-snin kalendarji 2025 u 2026, in-nefqa annwali totali għall-pagamenti ta' kriżi komplementari kif imsemmija fl-Artikolu 41a m'għandhiex taqbeż l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva għal dan it-tip ta' intervent għas-sena kalendarja rilevanti, kif stabbilita mill-Istati Membri fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 112(2), il-punt (a), u approvata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 119. Dak il-limitu massimu finanzjarju għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 222
André Rodrigues, Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 103

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fl-Artikolu 103, jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:
	6. Il-programmi POSEI stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 għandhom ikunu eliġibbli għal trasferimenti skont dan l-Artikolu. L-Istati Membri b'reġjuni ultraperiferiċi kif imsemmi fl-Artikolu 349 tat-Trattat jistgħu jittrasferixxu ammonti mill-FAEG biex isaħħu l-allokazzjonijiet korrispondenti tal-POSEI, soġġett għall-objettivi u l-limiti ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiċċara li l-programmi POSEI huma eliġibbli għal trasferimenti bejn il-pilastri tal-PAK. Din tissimplifika l-ġestjoni finanzjarja tar-reġjuni ultraperiferiċi billi tippermetti użu aktar flessibbli tal-fondi eżistenti.

Emenda 223
Tomáš Kubín
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 26a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 98 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(26a) L-Artikolu 98(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Mill-inqas 10 % tal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX għandhom jiġu riżervati annwalment għall-appoġġ ridistributtiv għall-introjtu msemmi fl-Artikolu 29.	***"***1. Mill-inqas 10 % ***u mhux aktar minn 15 %*** tal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX għandhom jiġu riżervati annwalment għall-appoġġ ridistributtiv għall-introjtu msemmi fl-Artikolu 29.***"***

Or. en

(32021R2115)

Ġustifikazzjoni

Limitu massimu ta' 15 % fuq l-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv isaħħaħ il-prevedibbiltà u l-ġustizzja fost l-Istati Membri, filwaqt li jipprevjeni trasferimenti eċċessivi li jirriskjaw distorsjonijiet tas-suq jew impatti sproporzjonati fuq l-istrutturi agrikoli. Jipprovdi limitu bbilanċjat u jiċċara l-ibbaġitjar għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK filwaqt li jappoġġa l-bdiewa attivi irrispettivament mid-daqs u t-tip ta' produzzjoni tagħhom. Din l-emenda tippromwovi t-trasparenza, l-ekwità, u l-koerenza tal-politika fl-UE kollha.

Emenda 224
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 26a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 97(1) – subparagrafu (i)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Fl-Artikolu 97, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"1. Mill-inqas 35 % tal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX għandhom ikunu riżervati għal kull sena kalendarja mill-2026 sal-2027 għall-ekoskemi msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, Subtaqsima 4. "

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tabilħaqq mill-kliem ngħaddu għall-fatti, u nipprovdu aktar inċentivi milli obbligi, allura neħtieġu aktar forom ta' inkoraġġiment jekk ikollna inqas deterrenti. Madankollu, fil-ħames bidliet leġiżlattivi preċedenti li ssimplifikaw il-kundizzjonalità, u f'din is-sitt waħda, f'kull każ mingħajr valutazzjoni tal-impatt, naraw biss inqas deterrenti; għalhekk sabiex nipprovdu aktar inċentivi, id-delimitazzjoni għall-ekoskemi għandha tiżdied. Dan huwa meħtieġ ukoll biex jiġi evitat ir-rigress, peress li l-miżuri obbligatorji applikabbli għal kulħadd inbidlu f'dawk volontarji b'kontenut simili u ħafna inqas teħid/kopertura. Għalhekk huma meħtieġa aktar fondi biex jintlaħaq l-istess effett bħal qabel.

Emenda 225
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 111 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-punt (e) tal-ewwel subparagrafu m'għandux japplika ***għall-interventi skont it-tip ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi komplementari lill-azjendi agrikoli b'pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 41a, it-tip*** ta' intervent fis-settur tal-apikultura msemmi fl-Artikolu 55(1), il-punti (a) u (c) sa (g), l-interventi skont it-tip ta' intervent fis-settur tal-inbid imsemmi fl-Artikolu 58(1), il-punti (h) sa (k), l-azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għal skemi tal-kwalità skont it-tip ta'intervent għall-kooperazzjoni msemmi fl-Artikolu 77, u l-interventi skont it-tip ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli tal-iżvilupp rurali msemmija fl-Artikolu 78a.;	Il-punt (e) tal-ewwel subparagrafu m'għandux japplika ***għat-tip*** ta' intervent fis-settur tal-apikultura msemmi fl-Artikolu 55(1), il-punti (a) u (c) sa (g), l-interventi skont it-tip ta' intervent fis-settur tal-inbid imsemmi fl-Artikolu 58(1), il-punti (h) sa (k), l-azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għal skemi tal-kwalità skont it-tip ta'intervent għall-kooperazzjoni msemmi fl-Artikolu 77, u l-interventi skont it-tip ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli tal-iżvilupp rurali msemmija fl-Artikolu 78a.;

Or. en

Emenda 226
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 111 – paragrafu 1 – it-tieni subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-punt (e) tal-ewwel subparagrafu m'għandux japplika ***għall-interventi skont it-tip ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi komplementari lill-azjendi agrikoli b'pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 41a, it-tip*** ta' intervent fis-settur tal-apikultura msemmi fl-Artikolu 55(1), il-punti (a) u (c) sa (g), l-interventi skont it-tip ta' intervent fis-settur tal-inbid	Il-punt (e) tal-ewwel subparagrafu m'għandux japplika ***għat-tip*** ta' intervent fis-settur tal-apikultura msemmi fl-Artikolu 55(1), il-punti (a) u (c) sa (g), l-interventi skont it-tip ta' intervent fis-settur tal-inbid imsemmi fl-Artikolu 58(1), il-punti (h) sa (k), l-azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għal skemi tal-kwalità skont it-tip ta'intervent għall-kooperazzjoni

imsemmi fl-Artikolu 58(1), il-punti (h) sa (k), l-azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għal skemi tal-kwalità skont it-tip ta'intervent għall-kooperazzjoni msemmi fl-Artikolu 77, u l-interventi skont it-tip ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli tal-iżvilupp rurali msemmija fl-Artikolu 78a.;	msemmi fl-Artikolu 77, u l-interventi skont it-tip ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli tal-iżvilupp rurali msemmija fl-Artikolu 78a.;

Or. en

Emenda 227
André Rodrigues, Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 111 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-punt (e) tal-ewwel subparagrafu m'għandux japplika ***għall-interventi skont it-tip ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi komplementari lill-azjendi agrikoli b'pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 41a, it-tip*** ta' intervent fis-settur tal-apikultura msemmi fl-Artikolu 55(1), il-punti (a) u (c) sa (g), l-interventi skont it-tip ta' intervent fis-settur tal-inbid imsemmi fl-Artikolu 58(1), il-punti (h) sa (k), l-azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għal skemi tal-kwalità skont it-tip ta'intervent għall-kooperazzjoni msemmi fl-Artikolu 77, u l-interventi skont it-tip ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli tal-iżvilupp rurali msemmija fl-Artikolu 78a.;	Il-punt (e) tal-ewwel subparagrafu m'għandux japplika ***għat-tip*** ta' intervent fis-settur tal-apikultura msemmi fl-Artikolu 55(1), il-punti (a) u (c) sa (g), l-interventi skont it-tip ta' intervent fis-settur tal-inbid imsemmi fl-Artikolu 58(1), il-punti (h) sa (k), l-azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għal skemi tal-kwalità skont it-tip ta'intervent għall-kooperazzjoni msemmi fl-Artikolu 77, u l-interventi skont it-tip ta' intervent għall-pagamenti ta' kriżi lill-azjendi agrikoli tal-iżvilupp rurali msemmija fl-Artikolu 78a.;

Or. en

Emenda 228
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 115 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) deskrizzjoni qasira tal-finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-interventi ***tal-iżvilupp*** rurali stabbiliti fit-Titolu III, il-Kapitolu IV, ***u għall-interventi tal-pagamenti ta' kriżi komplementari lill-azjendi agrikoli stabbiliti fl-Artikolu 41a,*** li ***jingħataw*** fl-ambitu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż l-ammonti ta' kull intervent u indikazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti ***stabbiliti f'dan*** ir-Regolament;***;***	(a) deskrizzjoni qasira tal-finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-interventi ***fl-iżvilupp*** rurali stabbiliti fit-Titolu III, il-Kapitolu IV, li ***jingħata*** fl-ambitu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkluż l-ammonti ta' kull intervent u indikazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti ***skont dan*** ir-Regolament;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tinżamm il-formulazzjoni attwali tar-Regolament

Emenda 229
Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 119 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-organizzazzjonijiet agrikoli nazzjonali ewlenin qabel ma jippreżentaw kwalunkwe notifika jew talba biex jiġi emendat il-Pjan Strateġiku tal-PAK. Il-proċess ta' konsultazzjoni u l-opinjonijiet riċevuti għandhom jiġu ppubblikati flimkien man-notifika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura li l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-bdiewa jkunu involuti b'mod sistematiku fl-ippjanar strateġiku tal-implimentazzjoni tal-PAK. Din issaħħaħ is-sussidjarjetà u l-leġittimità demokratika u twieġeb għat-tħassib fit-tul tal-bdiewa dwar deċiżjonijiet minn fuq għal isfel.

Emenda 230
Veronika Vrecionová, Waldemar Buda, Anna Zalewska, Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 119 – paragrafu 2 – punt (d)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) emendi fil-pjanijiet ***fil-mira u*** finanzjarji tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 112, inkluż emendi fil-kontribuzzjoni mill-FAEŻR għal InvestEU msemmija fl-Artikolu 81, emendi fil-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għal kull tip ta' intervent għall-perjodu kollu kopert mill-Pjan Strateġiku tal-PAK, jew emendi relatati mar-rati tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR imsemmija fl-Artikolu 91.	(d) emendi fil-pjanijiet finanzjarji tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 112, inkluż emendi fil-kontribuzzjoni mill-FAEŻR għal InvestEU msemmija fl-Artikolu 81, emendi fil-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għal kull tip ta' intervent għall-perjodu kollu kopert mill-Pjan Strateġiku tal-PAK, jew emendi relatati mar-rati tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR imsemmija fl-Artikolu 91.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma biss l-emendi li jimmodifikaw l-istadji importanti jew il-miri marbuta mal-indikaturi tar-riżultati mmarkati b'"PR" fl-Anness I li għandhom jiġu ppreżentati bħala emendi strateġiċi, kif definit fil-punt (b), il-paragrafu 2 tal-Artikolu 119 rivedut.

Emenda 231
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 119 – paragrafu 2 – punt (d)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(d) emendi fil-pjanijiet ***fil-mira u*** finanzjarji tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 112, inkluż emendi fil-kontribuzzjoni mill-FAEŻR għal InvestEU msemmija fl-Artikolu 81, emendi fil-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għal kull tip ta' intervent għall-perjodu kollu kopert mill-Pjan Strateġiku tal-PAK, jew emendi relatati mar-rati tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR imsemmija fl-Artikolu 91.	(d) emendi fil-pjanijiet finanzjarji tal-Pjan Strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 112, inkluż emendi fil-kontribuzzjoni mill-FAEŻR għal InvestEU msemmija fl-Artikolu 81, emendi fil-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għal kull tip ta' intervent għall-perjodu kollu kopert mill-Pjan Strateġiku tal-PAK, jew emendi relatati mar-rati tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR imsemmija fl-Artikolu 91.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma biss l-emendi li jwasslu għal tibdil fl-istadji importanti jew fil-miri skont l-indikaturi tar-riżultati mmarkati b'"PR" fl-Anness I li għandhom jiġu ppreżentati bħala emendi strateġiċi,(kif stabbilit fil-punt (b)) il-punt 2 tal-Artikolu 119 sostitwit.

Emenda 232
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 119(2)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-talbiet għal emendi strateġiċi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom ikunu debitament iġġustifikati u għandhom b'mod partikolari juru l-impatt mistenni tal-bidliet fil-pjan fuq il-kisba tal-objettivi speċifiċi, stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2). Magħhom għandu jinhemeż il-Pjan emendat, inkluż l-Annessi aġġornati kif xieraq.	It-talbiet għal emendi strateġiċi fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom ikunu debitament iġġustifikati u għandhom b'mod partikolari juru l-impatt mistenni tal-bidliet fil-pjan fuq il-kisba tal-objettivi speċifiċi, stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2). Magħhom għandu jinhemeż il-Pjan emendat, inkluż l-Annessi aġġornati kif xieraq***; l-Istati Membri għandhom jiżguraw li qabel ma jippreżentaw emendi strateġiċi lill-Kummissjoni dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, isiru konsultazzjonijiet u negozjati sħaħ mal-partijiet ikkonċernati affettwati dwar il-kontenut tal-emendi.***

Or. en

Emenda 233
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 119

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien 30 jum ***tax-xogħol*** mis-sottomissjoni tat-talba għall-emenda msemmija fil-paragrafu 2. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa kollha.	(5) Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien 30 jum ***kalendarju*** mis-sottomissjoni tat-talba għall-emenda msemmija fil-paragrafu 2. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa kollha.

Or. ro

Emenda 234
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 119

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien ***30*** jum tax-xogħol mis-sottomissjoni tat-talba għall-emenda msemmija fil-paragrafu 2. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa kollha.	5. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien ***15-il*** jum tax-xogħol mis-sottomissjoni tat-talba għall-emenda msemmija fil-paragrafu 2. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta wieħed iqis id-dinamiżmu dejjem jikber tal-kummerċ internazzjonali u l-effetti negattivi aktar frekwenti tat-temp li jimminaw kemm l-istabbiltà tal-introjtu għall-bdiewa kif ukoll il-kompetittività tagħhom, huwa essenzjali li tiġi permessa proċedura aktar rapida għall-

adattament tal-pjanijiet strateġiċi għal ċirkostanzi ġodda bil-ħsieb li tiġi żgurata flessibbiltà għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi, li tippermetti l-kisba effettiva tal-objettivi tal-PAK.

Emenda 235
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 119

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-approvazzjoni ta' talba għal emenda strateġika ta' Pjan Strateġiku tal-PAK għandha ssir fi żmien ***sa tliet xhur*** mid-data tas-sottomissjoni tagħha mill-Istat Membru.	6. L-approvazzjoni ta' talba għal emenda strateġika ta' Pjan Strateġiku tal-PAK għandha ssir fi żmien ***xahrejn*** mid-data tas-sottomissjoni tagħha mill-Istat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta wieħed iqis id-dinamiżmu dejjem jikber tal-kummerċ internazzjonali u l-effetti negattivi aktar frekwenti tat-temp li jimminaw kemm l-istabbiltà tal-introjtu għall-bdiewa kif ukoll il-kompetittività tagħhom, huwa essenzjali li tiġi permessa proċedura aktar rapida għall-adattament tal-pjanijiet strateġiċi għal ċirkostanzi ġodda bil-ħsieb li tiġi żgurata flessibbiltà għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi, li tippermetti l-kisba effettiva tal-objettivi tal-PAK.

Emenda 236
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 119(9)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu, fi kwalunkwe ħin, jagħmlu u japplikaw emendi oħra tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, apparti l-emendi strateġiċi msemmija fil-	L-Istati Membri jistgħu, fi kwalunkwe ħin, ***wara konsultazzjoni u impenji dwar il-kontenut tal-emendi mal-partijiet ikkonċernati affettwati*** jagħmlu u

paragrafu 2. Għandhom jinnotifikaw dawk l-emendi l-oħra lill-Kummissjoni sa meta jibdew japplikawhom u jżiduhom mal-Pjan Strateġiku tal-PAK emendat tagħhom sottomess mat-talba għall-emenda ta' wara f'konformità mal-paragrafu 2. .	japplikaw emendi oħra tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, apparti l-emendi strateġiċi msemmija fil-paragrafu 2. Għandhom jinnotifikaw dawk l-emendi l-oħra lill-Kummissjoni sa meta jibdew japplikawhom u jżiduhom mal-Pjan Strateġiku tal-PAK emendat tagħhom sottomess mat-talba għall-emenda ta' wara f'konformità mal-paragrafu 2. .

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-partijiet ikkonċernati jeħtiġilhom jiġu kkonsultati dwar kwalunkwe bidla fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Emenda 237
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 119 – paragrafu 9 – it-tieni subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk jiġu introdotti emendi fir-rigward tal-istandards tal-KAAT ***1 u 4***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw u jipprovdu ġustifikazzjoni speċifika ***li*** tali ***emendi*** ma ***jpoġġux*** f'riskju l-objettivi ambjentali u ***klimatiċi relatati, kif xieraq, mal-konservazzjoni tal-bwar permanenti jew mal-protezzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma mit-tniġġis***.	Jekk jiġu introdotti emendi fir-rigward tal-istandards tal-KAAT, l-Istati Membri għandhom jiżguraw u jipprovdu ġustifikazzjoni speċifika ***affidabbli u referenzjata bbażata fuq ix-xjenza għal kull*** tali ***emenda sabiex*** ma ***jitpoġġewx*** f'riskju l-objettivi ambjentali***, tal-bijodiversità*** u ***tal-adattament għat-tibdil fil-klima jew il-kundizzjonijiet ekwi tas-suq uniku. L-emendi għas-sett ta' standards għandhom ikunu konsistenti mal-acquis eżistenti u applikabbli tal-Unjoni fl-oqsma rilevanti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tagħmilha aktar faċli għall-Istati Membri biex jadottaw emendi

mhux strateġiċi mingħajr skrinjar u approvazzjoni mill-Kummissjoni. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-emendi ma jpoġġux l-objettivi ambjentali u klimatiċi jew il-kundizzjonijiet ekwi tas-suq uniku f'riskju, huma meħtieġa ġustifikazzjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza għall-emendi relatati mal-istandards tal-KAAT.

Emenda 238
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 119

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Kummissjoni ma toġġezzjonax għall-emendi notifikati fi żmien ***30*** jum tax-xogħol mis-sottomissjoni tan-notifika, l-emendi għandu jkollhom effetti legali mid-data tan-notifika. Il-Kummissjoni għandha toġġezzjona għal emenda notifikata jekk issib li l-emenda ma tkunx kompatibbli ***ma'*** dan ir-Regolament u ***mar-Regolament*** (UE) 2021/2116, u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skonthom.	Meta l-Kummissjoni ma toġġezzjonax għall-emendi notifikati fi żmien ***15-il*** jum tax-xogħol mis-sottomissjoni tan-notifika, l-emendi għandu jkollhom effetti legali mid-data tan-notifika. Il-Kummissjoni għandha toġġezzjona għal emenda notifikata ***biss*** jekk issib ***fiż-żmien speċifikat hawn fuq,*** li l-emenda ma tkunx kompatibbli ***mal-Artikolu 6 ta'*** dan ir-Regolament u ***mar-rekwiżiti oħra stabbiliti fir-Regolament*** (UE) 2021/2116, u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skonthom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta wieħed iqis id-dinamiżmu dejjem jikber tal-kummerċ internazzjonali u l-effetti negattivi aktar frekwenti tat-temp li jimminaw kemm l-istabbiltà tal-introjtu għall-bdiewa kif ukoll il-kompetittività tagħhom, huwa essenzjali li tiġi permessa proċedura aktar rapida għall-adattament tal-pjanijiet strateġiċi għal ċirkostanzi ġodda bil-ħsieb li tiġi żgurata flessibbiltà għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi, li tippermetti l-kisba effettiva tal-objettivi tal-PAK.

Emenda 239
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30
Artikolu 120

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-Artikolu 120 jitħassar;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tħassir tal-Artikolu 120 jirriskja li jkompli jimmina l-komunalità tal-PAK u l implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni armonizzata madwar l-UE.

Emenda 240
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 120

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-Artikolu 120 jitħassar;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta twassal biex il-PAK ma tibqax konformi mal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE u tmur kontra l-Artikolu 11 tat-TFUE. Jeħtieġ li l-atti leġiżlattivi futuri jkunu koerenti u koordinati mal-PAK.

Emenda 241
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-Artikolu 120 jitħassar;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-PAK b'mod ġenerali għandha tikkontribwixxi għall-koerenza tal-politika u l-bdiewa għandhom jibbenefikaw minn opportunitajiet ġodda ta' introjtu li jafu jiddaħħlu. It-tħassir tal-Artikolu 120 imur kontra l-Artikolu 11 tat-TFUE.

Emenda 242
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 120

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-Artikolu 120 jitħassar;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK xorta se jkollhom bżonn jiġu aġġornati biex tiġi evitata Gold Plating bejn l-obbligi li jirriżultaw mill-iskemi proprji tal-Istati Membri, il-liġijiet tal-UE u l-iskemi privati, pereżempju l-kultivazzjoni karbonika li toffri fluss ġdid ta' introjtu għall-bdiewa u l-forestiera. Barra minn hekk, nuqqas ta' koerenza politika jipprovoka wkoll ħela ta' fondi tal-UE dejjem aktar limitati, peress li politika waħda tħallas għall-esternalitajiet ta' oħra.

Emenda 243
Christine Singer, Ciaran Mullooly, Benoit Cassart, Elsi Katainen, Valérie Hayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 33 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 134(5)(e) ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) appoġġ iddedikat lill-benefiċjarji skont l-Artikoli 41a u 78a, inklużi s-setturi kkonċernati, l-ammonti allokati, u l-ġustifikazzjoni għall-għoti tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The new crisis-related support instruments under Articles 41a and 78a give Member States the ability to respond flexibly to adverse events by targeting support to specific sectors. While this flexibility is necessary to address urgent national or sectoral needs, it should be accompanied by transparency and basic coordination at EU level to prevent market distortions and ensure equal treatment among farmers across Member States. Including a mandatory reporting element in the annual performance report is a proportionate and effective way to monitor the use of these instruments. This amendment introduces such a requirement, enabling the Commission and other stakeholders to assess the justification, scope, and distribution of crisis support in a structured manner.

Emenda 244
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 159

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) L-Artikolu 159 jitħassar;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bit-tħassir tal-Artikolu 159, jitħassar kompromess importanti u milħuq wara sforzi fit-tul fin-negozjati tal-aħħar riforma tal-PAK għal reviżjoni tal-bażi tal-acquis ambjentali u klimatiku tal-Unjoni fis-seħħ fl-Anness XIII.

Emenda 245
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) L-Artikolu 159 jitħassar;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK xorta se jkollhom bżonn jiġu aġġornati biex tiġi evitata Gold Plating bejn l-obbligi li jirriżultaw mill-iskemi proprji tal-Istati Membri, il-liġijiet tal-UE u l-iskemi privati, pereżempju l-kultivazzjoni karbonika li toffri fluss ġdid ta' introjtu għall-bdiewa u l-forestiera.

Emenda 246
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) L-Artikolu 159 jitħassar;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-PAK b'mod ġenerali għandha tikkontribwixxi għall-koerenza tal-politika u l-bdiewa għandhom jibbenefikaw minn opportunitajiet ġodda ta' introjtu li jafu jiddaħħlu. It-tħassir tal-Artikolu 120 imur kontra l-Artikolu 11 tat-TFUE.

Emenda 247
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) L-Annessi I***, II*** u ***III*** huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.	(36) L-Annessi I u ***II*** huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 248
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) L-Annessi I***, II*** u ***III*** huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.	(36) L-Annessi I u ***II*** huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 249
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36b (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36b) Fl-Anness III, jitħassar il-KAAT 2."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-verżjoni attwali tal-KAAT 2 tikkawża nuqqas ta' qbil bejn xi Stati Membri u l-Kummissjoni. Uħud mid-definizzjonijiet użati għall-protezzjoni tal-artijiet mistagħdra huma kontradittorji ma' regolamenti u direttivi oħra. Dawn il-problemi ta' interpretazzjoni ta' partijiet differenti tal-liġi tal-UE jikkawżaw problemi għan-negozji tal-bdiewa. Għaldaqstant, huwa propost li jitħassar il-KAAT 2.

Emenda 250
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36c (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36c) Fl-Anness III, jitħassar il-KAAT 5."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-KAAT 5 ma għadux validu. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2021/2115, il-PE u l-Kunsill adottaw diversi direttivi u regolamenti. Leġiżlazzjoni tal-UE aktar ġdida tistabbilixxi obbligi aktar dettaljati għall-bdiewa biex jipproteġu l-ħamrija. Xi dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni l-ġdida jmorru kontra l-KAAT 5. Qed jiġi propost li r-regolament il-ġdid jitħalla fis-seħħ u li titħassar parti mir-regolament l-antik.

Emenda 251
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 36a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) L-Anness IV jitħassar;

Or. en

Emenda 252
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	L-Artikolu 97(1), huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Artikolu 97 Allokazzjonijiet finanzjarji minimi għall-ekoskemi
	1. Mill-inqas 35 % tal-allokazzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX għandhom ikunu riżervati għal kull sena kalendarja mill-2026 sal-2027 għall-ekoskemi msemmija fit-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, Subtaqsima 4. "

Or. en

Emenda 253
Veronika Vrecionová, Waldemar Buda, Anna Zalewska, Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 3 - paragrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) B'deroga mill-Artikolu 119(11) tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, għas-sena tat-talba 2026, li l-emendi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK relatati mal-bidliet ibbażati fuq l-emenda ta' dan ir-Regolament, ikollhom effett legali qabel ma jiġu approvati mill-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bidliet proposti kienu maħsuba li jkunu applikabbli direttament fil-leġiżlazzjoni nazzjonali minnufih wara l-approvazzjoni tar-regolament. Madankollu, jekk ir-regolament jiġi approvat biss sa tmiem l-2025 u l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jippreżentaw emenda tal-Pjan Strateġiku fil-ħin, l-implimentazzjoni prattika fis-sena finanzjarja 2026, b'mod partikolari għall-pagamenti diretti, mhux se tibqa' fattibbli.

Emenda 254
Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Benoit Cassart

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
2021/2116
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) [...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni li tintroduċi Artikolu 13a ġdid dwar il-governanza tad-data u tal-interoperabbiltà tal-PAK tintroduċi qafas wiesa' u teknikament kumpless li jmur ferm lil hinn

mill-iskop iddikjarat ta' din l-inizjattiva leġiżlattiva, li huwa li tipprovdi simplifikazzjoni u għajnuna urġenti għall-bdiewa u l-amministrazzjonijiet.

Emenda 255
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 13a

Test propost mill-Kummissjoni		*Emenda*
[...]		
[...]	***[...]***	***imħassar***
	[...]	

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan tal-proposta għal regolament huwa li jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi li, fost benefiċċji oħra, inaqqsu l-kostijiet kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-amministrazzjonijiet. Dan l-artikolu jintroduċi, mhux inaqqas, il-piż amministrattiv u jinvoka kostijiet konsiderevoli ta' implimentazzjoni.

Emenda 256
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116
TITOLU II

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 13a	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni tal-Artikolu 13a, li jistabbilixxi awtorità ġdida għall-governanza tad-data, timponi rekwiżiti amministrattivi addizzjonali, li jimminaw il-prinċipju omnibus ta' simplifikazzjoni. Il-kamp ta' applikazzjoni u t-talbiet għar-riżorsi mhux ċari tagħha jeħtieġu

kjarifika ulterjuri biex tiġi żgurata integrazzjoni effettiva mas-sistemi eżistenti, li teħtieġ djalogu komprensiv mal-partijiet ikkonċernati. Id-differiment ta' dan il-mekkaniżmu għar-riformi futuri tal-PAK jippermetti li jiġi żviluppat qafas robust mingħajr ma jiġu kompromessi l-isforzi attwali ta' simplifikazzjoni.

Emenda 257
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 13a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 13a	***imħassar***

Or. en

Emenda 258
Veronika Vrecionová, Waldemar Buda, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 13a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 13a	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-artikolu jżid obbligi ġodda għall-Istati Membri u jmur lil hinn mis-simplifikazzjoni. L-inklużjoni ta' tali elementi tirriskja li toħloq dewmien fil-proċess. Dawn għandhom jiġu indirizzati fid-dibattitu dwar il-PAK wara l-2028, sabiex ir-riforma attwali tkun tista' twassal għal simplifikazzjoni reali mingħajr piż bla bżonn.

Emenda 259
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 13a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità waħda responsabbli għat-teħid jew il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà nazzjonali u transfruntiera bejn is-sistemi tal-informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK għall-ġid tal-azjendi agrikoli u benefiċjarji oħra tal-PAK. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità li s-sistemi tal-informazzjoni jinteraġixxu ma' xulxin billi jikkondividu d-data bil-komunikazzjoni elettronika.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-artikolu l-ġdid mhuwiex dwar is-simplifikazzjoni, iżda dwar obbligi addizzjonali trasferiti lill-Istat Membru — din il-proposta ma għandhiex tkun parti minn pakkett ta' simplifikazzjoni. Il-proposta leġiżlattiva kollha għandha tiffoka biss fuq simplifikazzjoni reali. Elementi kompletament ġodda jeħtieġu aktar żmien għal diskussjoni, għalhekk, se jnaqqsu biss ir-ritmu tal-proċess kollu. Meta wieħed iqis dan, dawn l-elementi l-ġodda għandhom ikunu parti mid-diskussjoni dwar il-PAK futura 2028+ sabiex inkunu nistgħu niksbu simplifikazzjoni tal-bażi legali attwali malajr kemm jista' jkun.

Emenda 260
André Rodrigues, Cristina Maestre, Stefano Bonaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 13a – Titolu I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità waħda responsabbli għat-teħid jew il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet biex	1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità waħda responsabbli għat-teħid jew il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet biex

tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà nazzjonali u transfruntiera bejn is-sistemi tal-informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK għall-ġid tal-azjendi agrikoli u benefiċjarji oħra tal-PAK. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità li s-sistemi tal-informazzjoni jinteraġixxu ma' xulxin billi jikkondividu d-data bil-komunikazzjoni elettronika.	tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà nazzjonali u transfruntiera bejn is-sistemi tal-informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK għall-ġid tal-azjendi agrikoli u benefiċjarji oħra tal-PAK. ***Din l-awtorità għandha taġixxi abbażi tal-istrutturi amministrattivi eżistenti u tiżgura koordinazzjoni effettiva mal-aġenziji tal-pagamenti.*** Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità li s-sistemi tal-informazzjoni jinteraġixxu ma' xulxin billi jikkondividu d-data bil-komunikazzjoni elettronika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tevita d-duplikazzjoni tal-entitajiet u tirrispetta l-organizzazzjoni amministrattiva ta' kull Stat Membru.

Emenda 261
André Rodrigues, Cristina Maestre, Dario Nardella, Stefano Bonaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 13a – ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-użu ta' sistemi diġitali interoperabbli ma għandux ikun obbligatorju għall-bdiewa sakemm l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, ma jiżgurawx li:
	a) l-għodod diġitali meħtieġa għall-konformità jkunu aċċessibbli u affordabbli għall-bdiewa kollha;
	(b) ikun disponibbli appoġġ tekniku xieraq, inkluż permezz ta' servizzi ta' konsulenza jew linji ta' għajnuna;
	(c) jiġu offruti opportunitajiet ta' taħriġ, b'attenzjoni partikolari għall-bdiewa

b'ħiliet diġitali limitati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tiżgura li l-interoperabbiltà tiġi implimentata b'mod ġust u inklużiv, filwaqt li tqis l-aċċess tal-bdiewa għall-għodod, l-appoġġ u t-taħriġ.

Emenda 262
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
2021/21115
Artikolu 2 – paragrafu 4 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità maħtura għandu jkollha b'mod partikolari l-kompiti li ġejjin:	***imħassar***
(a) it-tfassil u l-preżentazzjoni ta' Pjan Direzzjonali fil-livell tal-Istat Membru lill-Kummissjoni biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà (minn hawn 'il quddiem il-"Pjan Direzzjonali");	
(b) il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni jew, kif dieħu mill-Istat Membru, l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali b'mod effiċjenti, effettiv u fil-ħin;	
L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-ħatra tal-awtorità sa mhux aktar tard minn ….] [OPOCE please isert date; within three months from the entry into force of this Regulation].	

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan tal-proposta huwa li jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi u jitnaqqsu l-kostijiet kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-amministrazzjonijiet. Madankollu dan l-artikolu jintroduċi piż amministrattiv addizzjonali u jinvoka kostijiet konsiderevoli ta' implimentazzjoni.

Emenda 263
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116 Artikolu 13a
Artikolu 13a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità maħtura għandu jkollha b'mod partikolari l-kompiti li ġejjin:	***imħassar***
(a) it-tfassil u l-preżentazzjoni ta' Pjan Direzzjonali fil-livell tal-Istat Membru lill-Kummissjoni biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà (minn hawn 'il quddiem il-"Pjan Direzzjonali");	
(b) il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni jew, kif deċiż mill-Istat Membru, l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali b'mod effiċjenti, effettiv u fil-ħin;	
L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-ħatra tal-awtorità sa mhux aktar tard minn ….] [OPOCE please isert date; within three months from the entry into force of this Regulation].	

Or. en

Emenda 264
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 13a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Pjan Direzzjonali għandu jinkludi b'mod partikolari l-elementi li ġejjin:	***imħassar***

(a) valutazzjoni tal-istat attwali tal-interoperabbiltà kif imsemmi fil-paragrafu 1, kif ukoll valutazzjoni tas-sistemi tal-identifikazzjoni diġitali u tal-mekkaniżmi tal-kondivižjoni tad-data użati bħalissa;

(b) l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet biex tinkiseb u tinżamm l-interoperabbiltà kif imsemmi fil-paragrafu 1, u t-tfassil ta' miżuri li jindirizzawhom, kif ukoll l-iskeda bit-tappi u l-miri għall-implimentazzjoni tagħhom;

(c) l-identifikazzjoni ta' sinerġiji possibbli ma' inizjattivi oħra tal-interoperabbiltà tal-UE u nazzjonali.

Sa fejn ikun possibbli, l-Istati Membri għandhom jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom tal-ħtiġijiet u t-tfassil tal-miżuri fuq il-prinċipju li d-data tinġabar darba biss u terġa' tintuża.

Or. en

Emenda 265
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 2 – paragrafu 4 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) (d) l-arranġamenti għall-protezzjoni tad-data individwali, inklużi l-aggregazzjoni u l-anonimizzazzjoni.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Fuq kollox, huwa essenzjali li jinżammu l-protezzjoni u s-sjieda tad-data.

Emenda 266
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 13a – paragrafu 3 – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-modalitajiet għall-protezzjoni tad-data individwali, inklużi l-aggregazzjoni u l-anonimizzazzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 267
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 13a – paragrafu 3 – punt (d) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-modalitajiet għall-protezzjoni tad-data individwali, inklużi l-aggregazzjoni u l-anonimizzazzjoni tagħha

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-protezzjoni tad-data individwali hija ta' importanza kbira

Emenda 268
André Rodrigues, Cristina Maestre, Dario Nardella, Camilla Laureti, Stefano Bonaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116

Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa fejn ikun possibbli**, **l-Istati Membri għandhom jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom tal-ħtiġijiet u t-tfassil tal-miżuri fuq il-prinċipju li d-data tinġabar darba biss u terġa' tintuża.	***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li**, **fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, id-data pprovduta mill-bdiewa u minn benefiċjarji oħra tal-PAK*** tinġabar darba biss u terġa' tintuża ***fis-sistemi kollha***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ssaħħaħ il-prinċipju ta' darba biss billi tissostitwixxi formulazzjoni mhux vinkolanti b'obbligu legali ċar. Din tiżgura li l-bdiewa ma jintalbux jipprovdu l-istess data diversi drabi, jitnaqqas il-piż amministrattiv u tappoġġa implimentazzjoni tal-PAK ġenwinament simplifikata.

Emenda 269
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 13a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-Pjan Direzzjonali msemmi fil-paragrafu 3 lill-Kummissjoni sas-16 ta' Settembru 2026.	***imħassar***
Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjanijiet Direzzjonali tal-Istati Membri u tikkomunika l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-Pjanijiet Direzzjonali lill-Istati Membri sas-16 ta' Novembru 2026. L-Istati Membri għandhom iqisu bis-sħiħ l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, u, jekk ikun meħtieġ, għandhom jippreżentaw verżjoni riveduta tal-Pjan Direzzjonali lill-Kummissjoni sas-16 ta' Diċembru 2026.	
L-Istati Membri għandhom jippreżentaw emendi, jekk ikun hemm, tal-Pjanijiet Direzzjonali tagħhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-	

emendi tal-Pjan Direzzjonali u għandha tikkomunika l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-emendi lill-Istati Membri fi żmien xahrejn mill-preżentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom iqisu bis-sħiħ l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 270
André Rodrigues, Cristina Maestre, Dario Nardella, Camilla Laureti, Stefano Bonaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 13a, paragrafu 4a ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Id-data kondiviża permezz ta' sistemi interoperabbli skont dan ir-Regolament għandha tiġi anonimizzata u użata esklużivament għal finijiet relatati mal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jew għal finijiet ta' statistika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tiżgura l-fiduċja fis-sistemi diġitali billi tillimita l-użu ta' data kondiviża għal skopijiet ta' PAK u ta' statistika definiti b'mod ċar.

Emenda 271
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 13a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-definizzjoni msemmija fl-	***imħassar***

Artikolu 2, il-punt (c) ta' dan ir-Regolament m'għandhiex tapplika għal dan l-Artikolu.";

Or. en

Emenda 272
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) fl-Artikolu 16(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:	***imħassar***
"Ir-riżerva m'għandhiex tintuża għall-miżuri li jagħtu appoġġ lill-azjendi agrikoli milquta minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi. Iżda r-riżerva tista' tintuża għall-miżuri li jindirizzaw id-disturb tas-suq ikkawżat minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi, inkluż għall-miżuri adottati skont l-Artikoli 219 u 220 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.";	

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-riżerva għandha tibqa' għodda biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-kriżijiet, kif kien il-każ f'dawn l-aħħar snin.

Emenda 273
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) fl-Artikolu 16(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:	***imħassar***
“Ir-riżerva m’għandhiex tintuża għall-miżuri li jagħtu appoġġ lill-azjendi agrikoli milquta minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi. Iżda r-riżerva tista’ tintuża għall-miżuri li jindirizzaw id-disturb tas-suq ikkawżat minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi, inkluż għall-miżuri adottati skont l-Artikoli 219 u 220 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.”;	

Or. en

Emenda 274
Luke Ming Flanagan
f’isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 16(1)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“Ir-riżerva m’għandhiex tintuża għall-miżuri li jagħtu appoġġ lill-azjendi agrikoli milquta minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi. Iżda r-riżerva tista’ tintuża għall-miżuri li jindirizzaw id-disturb tas-suq ikkawżat minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi, inkluż għall-miżuri adottati skont l-Artikoli 219 u 220 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.”;	***imħassar***

Or. en

Emenda 275
André Rodrigues, Stefano Bonaccini, Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 16 (1) – Punt ġdid

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Ir-riżerva m'għandhiex tintuża għall-miżuri li jagħtu appoġġ lill-azjendi agrikoli milquta minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi. Iżda r-riżerva tista' tintuża għall-miżuri li jindirizzaw id-disturb tas-suq ikkawżat minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi, inkluż għall-miżuri adottati skont l-Artikoli 219 u 220 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.";	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi saff ġdid ta' interventi mingħajr ma tiggarantixxi finanzjament addizzjonali.

Emenda 276
Georgiana Teodorescu, Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Ir-riżerva m'għandhiex tintuża għall-miżuri li jagħtu appoġġ lill-azjendi agrikoli milquta minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi. Iżda r-riżerva tista' tintuża għall-miżuri li jindirizzaw id-disturb tas-suq ikkawżat minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi, inkluż għall-miżuri adottati skont l-Artikoli 219 u 220	***imħassar***

tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.";

Or. en

Emenda 277
Dan-Ştefan Motreanu, Norbert Lins, Stefan Köhler, Paulo Do Nascimento Cabral, Christine Schneider, Céline Imart, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-riżerva m'għandhiex tintuża għall-miżuri li jagħtu appoġġ lill-azjendi agrikoli milquta minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi. Iżda r-riżerva tista' tintuża għall-miżuri li jindirizzaw id-disturb tas-suq ikkawżat minn diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi negattivi jew avvenimenti katastrofiċi, inkluż għall-miżuri adottati skont l-Artikoli 219 u 220 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.;	***Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tattiva r-riżerva trid tkun motivata kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni li tattiva r-riżerva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mingħajr dewmien żejjed**.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment maintains the current purpose of the crisis reserve and is coherent with the removal of the complementary crisis payments. In recent consecutive years, the agricultural reserve has played a crucial role in responding to successive crises. However, its activation process lacked clarity and transparency, with very limited communication to Parliament before its activation. This amendment introduces a formal requirement for the Commission to present and justify any activation of the reserve, thus ensuring proper scrutiny and improving institutional trust in the use of this key instrument.

Emenda 278
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2116

Artikolu 16 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-Artikolu 16, il-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
	(b) miżuri eċċezzjonali skont l-Artikoli 216, 219, 220 u 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li jiżdied l-Artikolu 216 relatat mal-miżuri ta' kriżi tal-inbid mal-lista ta' miżuri eliġibbli għar-riżerva għall-kriżijiet.

Emenda 279
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Fl-Artikolu 34, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej: Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja b'mod awtomatiku kull parti minn impenn baġitarju għall-interventi għall-iżvilupp rurali fil-kuntest ta' Pjan Strateġiku tal-PAK li ma tkunx intużat għall-prefinanzjament jew biex isiru l-pagamenti antiċipati jew li dwarha ma tkun irċeviet ebda dikjarazzjoni tan-nefqa f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 32(6), il-punti (a) u (c), b'rabta man-nefqa magħmula sal-31 ta' Diċembru tat-tielet sena wara dik tal-impenn baġitarju.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli dwar l-iżvilupp rurali jeħtieġ li jiġu allinjati ma' dawk ta' fondi oħra tal-UE.

Emenda 280
Stefano Bonaccini, Dario Nardella

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(8a) Fl-Artikolu 34, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja b'mod awtomatiku kull parti minn impenn baġitarju għall-interventi għall-iżvilupp rurali fil-kuntest ta' Pjan Strateġiku tal-PAK li ma tkunx intużat għall-prefinanzjament jew biex isiru l-pagamenti interim jew li dwarha ma tkun irċeviet ebda dikjarazzjoni tan-nefqa li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 32(6), il-punti (a) u (c), b'rabta man-nefqa magħmula sal-31 ta' Diċembru ***tat-tieni*** sena wara dik tal-impenn baġitarju.	**"**1. Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja b'mod awtomatiku kull parti minn impenn baġitarju għall-interventi għall-iżvilupp rurali fil-kuntest ta' Pjan Strateġiku tal-PAK li ma tkunx intużat għall-prefinanzjament jew biex isiru l-pagamenti interim jew li dwarha ma tkun irċeviet ebda dikjarazzjoni tan-nefqa li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 32(6), il-punti (a) u (c), b'rabta man-nefqa magħmula sal-31 ta' Diċembru ***tat-tielet*** sena wara dik tal-impenn baġitarju.**"**

Or. it

(32021R2116)

Emenda 281
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Artikolu 70
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji tal-FAEG u tal-FAEŻR jipprovdulhom l-informazzjoni meħtieġa

għall-identifikazzjoni tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħalissa, l-aġenziji tal-pagamenti jitolbu din l-informazzjoni b'mod dettaljat iżżejjed, filwaqt li l-bdiewa huma meħtieġa jirrapportaw din id-data u din l-informazzjoni, li hija partikolarment ta' piż għall-kooperattivi agrikoli. Din l-emenda tneħħi wkoll l-obbligu ta' aġġornamenti kontinwi fir-reġistru rilevanti. Filwaqt li r-responsabbiltà legali hija tal-Istati Membri, fil-prattika, il-piż amministrattiv jerfgħuh b'mod sproporzjonat il-bdiewa. F'ħafna każijiet (pereżempju kooperattivi agrikoli li għandhom mijiet ta' membri), ir-rikjesta għal aġġornamenti kostanti hija eċċessiva u bla ġustifikazzjoni.

Emenda 282
Thomas Waitz

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iżda l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jwettqux verifiki fuq il-post meta l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà ***tal-interventi*** jiġu mmonitorjati bis-sistema tal-monitoraġġ tal-erja msemmija fl-Artikolu 70.”;	Iżda l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jwettqux verifiki fuq il-post meta l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà ***jipprovdu assigurazzjoni li l-interventi*** jiġu mmonitorjati bis-sistema tal-monitoraġġ tal-erja msemmija fl-Artikolu 70.”;

Or. en

Emenda 283
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 23 – punt b
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 83 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1aa. B'deroga mill-paragrafu 1, is-sistema tal-kontroll għall-kundizzjonalità

ma għandhiex tapplika għall-benefiċjarji tal-pagamenti msemmija fl-Artikoli 70 u 72 tar-Regolament (UE) 2021/2115 għal impenji fuq art forestali.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Given that the agricultural area managed by forest owners receiving payments under the interventions referred to in Articles 70 and 72 of Regulation (EU) 2021/2115 is limited, the application of the system of conditionality to these beneficiaries, who manage significant areas of forest, produces insufficient benefits compared to the significant costs and imposes a significant administrative burden on these beneficiaries and on national administrations and potential penalties on forest land payments based on irregularities for a secondary activity of these beneficiaries. In order to reduce these costs and facilitate the related administrative burden, it is appropriate to exempt beneficiaries of payments granted under Articles 70 and 72 for commitments on forest land from the application of the system of conditionality.

Emenda 284
Veronika Vrecionová, Waldemar Buda, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 23 – punt c
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 83 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-benefiċjarji elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu eżentati mill-kontrolli skont is-sistema stabbilita f'konformità ma' dak il-paragrafu meta ż-żona ***eliġibbli*** għall-pagamenti u l-appoġġ imsemmija f'dak il-paragrafu, kif iddikjarat fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 69(1), ma taqbiżx l-10 ettari.	2. Il-benefiċjarji elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu eżentati mill-kontrolli skont is-sistema stabbilita f'konformità ma' dak il-paragrafu meta ż-żona ***ddikjarata*** għall-pagamenti u l-appoġġ imsemmija f'dak il-paragrafu, kif iddikjarat fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 69(1), ma taqbiżx l-10 ettari.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żona eliġibbli għall-applikanti b'massimu ta' 10 ettari tista' tiġi vverifikata biss permezz ta' spezzjoni mwettqa wara l-iskadenza tal-għażla. Peress li l-għażla ma tistax tiġi bbażata fuq iż-żona eliġibbli vverifikata, minflok għandha tintuża ż-żona ddikjarata.

Emenda 285
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 23 – punt c
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 83 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-benefiċjarji elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu eżentati mill-kontrolli skont is-sistema stabbilita f'konformità ma' dak il-paragrafu meta ż-żona ***eliġibbli*** għall-pagamenti u l-appoġġ imsemmija f'dak il-paragrafu, kif iddikjarat fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 69(1), ma taqbiżx l-10 ettari.	2. Il-benefiċjarji elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu eżentati mill-kontrolli skont is-sistema stabbilita f'konformità ma' dak il-paragrafu meta ż-żona ***ddikjarata*** għall-pagamenti u l-appoġġ imsemmija f'dak il-paragrafu, kif iddikjarat fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 69(1), ma taqbiżx l-10 ettari.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żona eliġibbli għall-applikanti sa 10 ettari tista' tiġi vverifikata biss permezz ta' spezzjoni li titwettaq wara l-iskadenza tal-għażla tal-applikanti għall-ispezzjoni. Għalhekk mhuwiex possibbli li ssir l-għażla abbażi taż-żona eliġibbli. Għaldaqstant, iż-żona għandha titħalla ddikjarata.

Emenda 286
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 24 – punt a
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 84 – paragrafu 1a – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1aa. B'deroga mill-paragrafu 1, is-sistema tal-penali amministrattivi għall-kundizzjonalità ma għandhiex tapplika għall-benefiċjarji tal-pagamenti msemmija fl-Artikoli 70 u 72 tar-Regolament (UE) 2021/2115 għal impenji

fuq art forestali";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Given that the agricultural area managed by forest owners receiving payments under the interventions referred to in Articles 70 and 72 of Regulation (EU) 2021/2115 is limited, the application of the system of conditionality to these beneficiaries, who manage significant areas of forest, produces insufficient benefits compared to the significant costs and imposes a significant administrative burden on these beneficiaries and on national administrations and potential penalties on forest land payments based on irregularities for a secondary activity of these beneficiaries. In order to reduce these costs and facilitate the related administrative burden, it is appropriate to exempt beneficiaries of payments granted under Articles 70 and 72 for commitments on forest land from the application of the system of conditionality.

Emenda 287
Christine Singer, Ciaran Mullooly, Benoit Cassart, Elsi Katainen, Valérie Hayer

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 24a (ġdid)
2021/2116
Artikolu 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 97a — Rapport annwali dwar il-pagamenti ta' kriżi
	Sat-30 ta' Settembru ta' kull sena wara s-sena baġitarja, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-użu tal-appoġġ ipprovdut skont l-Artikoli 41a u 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu mmonitorjati l-effetti potenzjali fuq is-suq u l-impatti distributtivi tal-istrumenti l-ġodda ta' appoġġ relatati ma' kriżi introdotti skont l-Artikoli 41a u 78a tar-Regolament (UE) 2021/2115, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Din l-emenda se tiżgura t-trasparenza, tippermetti s-sorveljanza politika, u tappoġġa l-implimentazzjoni koerenti ta' dawn l-interventi madwar l-Unjoni.

Emenda 288
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 25a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 103 – paragrafu 1– punti b, c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) L-Artikolu 103, il-paragrafu 1 , il-punti (a) u (b) huma emendati kif ġej:
	(a) sa 35 % tal-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tiegħu stabbilita fl-Anness V, fejn rilevanti wara tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII għas-snin kalendarji 2023 sal-2026, lill-allokazzjoni tiegħu għall-FAEŻR fis-snin finanzjarji 2024 sa 2027; jew
	(b) sa 35 % tal-allokazzjoni għall-FAEŻR tiegħu fis-snin finanzjarji 2024 sal-2027 lill-allokazzjoni tal-pagamenti diretti tiegħu stabbilita fl-Anness V għas-snin kalendarji 2023 sal-2026.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda tal-livell limitu ta' flessibbiltà minn 25 % għal 35 % tippermetti lill-Istati Membri kapaċità akbar li jfasslu l-allokazzjoni tal-fondi bejn il-pagamenti diretti u l-iżvilupp rurali skont il-prijoritajiet nazzjonali. Dan l-aġġustament jappoġġa wkoll investiment imsaħħaħ fl-objettivi ambjentali, klimatiċi u tal-iżvilupp rurali.

Emenda 289
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 26a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 123 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(26a) L-Artikolu 123, il-paragrafu 2, il-punt (c) huwa emendat kif ġej:

(c) il-bdiewa u benefiċjarji oħra kkonċernati jiġu pprovduti, fejn xieraq permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi, b'informazzjoni ċara u preċiża dwar ir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u l-istandards minimi tal-KAAT stabbiliti skont it-Titolu III, Kapitolu I, Taqsima 2, li għandhom jiġu applikati fil-livell tal-azjenda agrikola;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tħassar ir-referenza li ġejja: "kif ukoll dwar ir-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonalità soċjali stabbiliti skont it-Titolu III, Kapitolu I, Taqsima 3". Kompatibbli mal-emendi li jħassru it-Taqsima 3, l-Artikolu 14 (kundizzjonalità soċjali).

Emenda 290
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 26b (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Anness IV

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26b) Jitħassar l-Anness IV

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tħassar l-Anness IV: "REGOLI DWAR IL-KUNDIZZJONALITÀ SOĊJALI SKONT L-ARTIKOLU 14" Kompatibbli mal-emendi li jħassru it-Taqsima 3, l-Artikolu 14

Emenda 291
Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)
Regolament (UE) 1308/2013

Artikolu 216 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Emendi għar-Regolament (UE) 1308/2013
	L-Artikolu 2a ġdid jiżdied mal-Artikolu 216 kif ġej:
	(2a) Il-baġit allokat taħt dan l-Artikolu jista' jiġi ffinanzjat ukoll mir-riżerva għall-agrikoltura msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/2116 skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 292
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iżda l-Artikolu 2, il-punt (5) għandu japplika mis-16 ta' Ottubru 2025 'il quddiem.	***L-Artikolu 1, il-punt (4), il-punt (b), il-punt (5), il-punt 10, il-punt (a), il-punt (ii) u l-Artikolu 2, il-punt (20), il-punt (23), il-punti (b) u (c), il-punt 24, il-punti (a) u (b) għandhom japplikaw mis-sena tat-talba 2025.***

Or. it

Ġustifikazzjoni

Sabiex il-miżuri ta' simplifikazzjoni jkunu applikabbli immedjatament, uħud mill-bidliet previsti fil-proposta għandhom jidħlu fis-seħħ mis-sena ta' applikazzjoni 2025.

Emenda 293
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt a

Regolament (UE) 2021/2115
Anness III

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-entrata "KAAT 1" hija sostitwita b'dan li ġej:	***imħassar***
[...]	
;"	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-Kummissjoni Ewropea ma pprovdietx lil-leġiżlatur b'valutazzjoni tal-impatt xierqa, il-leġiżlatur ma għandux ċifri uffiċjali dwar l-impatt eżatt tal-bidliet proposti hawnhekk. Abbażi tal-estimi, din il-bidla tista' twassal biex jiġu rilaxxati madwar 125 miljun tunnellata ta' CO_2 addizzjonali fl-UE kollha. Dan l-ammont jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għall-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tar-Repubblika Ċeka fl-2022. Barra minn hekk, il-bwar għandhom ħafna effetti pożittivi fuq il-bijodiversità.

Emenda 294
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt a
Regolament (UE) 2021/2115
Anness III

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-entrata "KAAT 1" hija sostitwita b'dan li ġej:	***imħassar***
[...]	
;"	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-Kummissjoni Ewropea ma pprovdietx lil-leġiżlatur b'valutazzjoni tal-impatt xierqa, il-leġiżlatur ma għandux ċifri uffiċjali dwar l-impatt eżatt tal-bidliet proposti

hawnhekk. Abbażi tal-estimi, din il-bidla tista' twassal biex jiġu rilaxxati madwar 125 miljun tunnellata ta' CO_2 addizzjonali fl-UE kollha. Dan l-ammont jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għall-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tar-Repubblika Ċeka fl-2022.

Emenda 295
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Anness III

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-entrata "KAAT 4" hija sostitwita b'dan li ġej:	***imħassar***
[...]	
L-istrixxi ta' lqugħ tul il-mogħdijiet tal-ilma skont dan l-istandard tal-KAAT għandhom, bħala regola ġenerali, u f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, jirrispettaw il-wisa' minima ta' 3 metri mingħajr l-użu ta' pestiċidi u fertilizzanti.	
Fiż-żoni bi kwantità sinifikanti ta' fosos fejn joskula l-ilma u fosos tal-irrigazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jaġġustaw, jekk ikun debitament ġustifikat għal dawk iż-żoni, il-wisa' minima skont ċirkostanzi lokali speċifiċi.	
Għall-finijiet ta' dan l-istandard tal-KAAT, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-definizzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma stabbilita fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, diment li dik id-definizzjoni tkun konformi mal-objettiv ewlieni ta' dan l-istandard tal-KAAT.".	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xi regolamenti nazzjonali jistgħu jippermettu l-esklużjoni ta' fosos mill-klassifikazzjonijiet tal-mogħdijiet tal-ilma. Din il-lakuna regolatorja tista' tikkontribwixxi għal livelli ogħla ta' kontaminazzjoni tal-ilma minn ilma tax-xeba' agrikolu, li jirriżulta f'kostijiet soċjetali usa', li

jaffettwaw b'mod partikolari s-sajd.

Emenda 296
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt b
SPR.2021/2115
Anness III

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-istandard tal-KAAT, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-definizzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma stabbilita fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, diment li dik id-definizzjoni tkun konformi mal-objettiv ewlieni ta' dan l-istandard tal-KAAT.".	***imħassar***

Or. en

Emenda 297
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Anness III

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-istandard tal-KAAT, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-definizzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma stabbilita fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, diment li dik id-definizzjoni tkun konformi mal-objettiv ewlieni ta' dan l-istandard tal-KAAT.".	***imħassar***

Or. en

Emenda 298

Veronika Vrecionová, Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) L-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115 huwa emendat kif ġej:
	(aa) in-nota li ġejja f'qiegħ il-paġna tiżdied man-noti f'qiegħ il-paġna dwar il-"KAAT 2":
	L-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-istandard tal-KAAT 2 billi jistabbilixxu u jipprovdu appoġġ għal skemi volontarji għall-klima u l-ambjent ("ekoskemi") bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 31. L-appoġġ għal dawn l-ekoskemi għandu jikkumpensa lill-bdiewa jew lill-gruppi ta' bdiewa parteċipanti għall-kostijiet addizzjonali mġarrba u għall-introjtu mitluf bħala riżultat tal-impenji meħuda u għandu jinċentiva l-parteċipazzjoni.

Or. en

Emenda 299
Thomas Waitz

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Anness III — KAAT 4 — nota f'qiegħ il-paġna

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-istandard tal-KAAT, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-definizzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma stabbilita fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, diment li dik id-definizzjoni tkun konformi mal-objettiv ewlieni ta' dan l-istandard tal-KAAT.".	Għall-finijiet ta' dan l-istandard tal-KAAT, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-definizzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma stabbilita fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, diment li dik id-definizzjoni tkun konformi mal-objettiv ewlieni ta' dan l-istandard tal-KAAT.". ***L-Istati Membri għandhom jissostanzjaw id-definizzjoni ta' "mogħdija tal-ilma" bl-użu ta' data nazzjonali dwar il-kwalità tal-ilma. Il-***

Kummissjoni għandha tapprova b'mod f'waqtu l-użu tad-definizzjoni ta' "mogħdija tal-ilma" mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Or. en

Emenda 300
Christine Singer, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – punt ba (ġdid)
2021/2115
Anness III

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) titħassar l-entrata "KAAT 5".

Or. en

Ġustifikazzjoni

The deletion of GAEC 5 (erosion control) is justified as its environmental objectives are already effectively addressed through GAEC 6, which ensures minimum soil cover during the most the most erosion-prone periods of the year, particularly autumn and winter. GAEC 5,in practice, has led to additional administrative burdens and restrictions on necessary agronomic practices such as late-season soil cultivation and winter ploughing. These practices are agronomically necessary in some regions for phytosanitary purposes, e.g. to control Stolburand Syndrome Basses Richesses, where winter black fallow is part of the control strategy. Maintaining GAEC 6as the sole relevant standard for soil protection during erosion-sensitive periods ensures sufficient environmental safeguards and makes the additional requirement under GAEC 5 unnecessary. Removing GAEC 5 would therefore represent a meaningful simplification for farmers and administrations alike—without compromising the environmental ambitions of the CAP.